# MARIA-EVA



PAULINE MICELI

**Jedd miżmum**
**minn Pauline Miceli**
**u mid-Dipartiment tat-Tagħrif**
**Partit tal-Ħaddiema.**
**1991**

**Il-Ħamsa u Erbgħin Pubblikazzjoni**
**Sensiela Kotba Soċjalisti - Dipartiment tat-Tagħrif**
**Partit tal-Ħaddiema.**

**Mitbugħ fil-Marsa Press**

L-ewwel edizzjoni: Diċembru 1991
It-tieni edizzjoni: Jannar 1992

**Ir-ritratt tal-qoxra huwa xogħol l-artist Malti Kevin Casha.**

*Lin-nisa*
*ta' dan il-ktieb*
*u magħhom*
*Vanessa u Maria*
*li bdew in-nisġa*
*ta' ġrajjithom.*

**PAULINE MICELI**

# MARIA-EVA

## Ġrajjiet ta' nisa Maltin

Lill-ħabiba tiegħi
Lorraine
Pauline Miceli
1-9-94.

sensiela kotba socjalisti

**Maħruġ mid-Dipartiment tat-Tagħrif**
**Partit tal-Ħaddiema**
**1991**

# Werrej


| | |
|---|---|
| Daħla | 5 |
| Nathalie | 7 |
| Stefania | 14 |
| Yolanda | 18 |
| Jessica | 26 |
| May | 34 |
| Melita | 41 |
| Tomasa | 49 |
| Maria | 57 |
| Terry | 65 |
| Elizabeth | 81 |
| Ariana | 89 |
| Berta | 101 |
| Rose | 108 |
| Antoinette | 115 |

# DAĦLA

Għal bosta snin segwejt mill-qrib l-argumenti u l-kisbiet li seħħew madwarna biex jgħollu l-istatus tagħna n-nisa. Kemm-il darba staqsejt lili nnifsi, aħna f'Malta fejn wasalna? Għaliex wara għoxrin sena ta' femminiżmu għadna nqanqlu r-rabja, anke fin-nisa stess, meta nitkellmu dwar qsim ta' rwoli u ugwaljanza? X'inhu jżommna milli nipparteċipaw fl-oqsma kollha tal-ħajja barra d-dar u l-familja? X'inhu dak li jagħmilna daqshekk passivi? Xi jfisser ix-xogħol u kemm hi kbira x-xewqa tat-tkattir ta' l-ulied?

Għalhekk, meta talbuni nħejji ktieb dwar in-nisa f'Malta, fittixt li nara kif in-nisa tagħna jgħixu ħajjithom. Huma l-azzjonijiet li juru tabilħaqq x'naħsbu. Ħajjitna hija wkoll xhieda tal-kundizzjonijiet soċjali ta' żmienna.

Ħsibt li l-aħjar mod biex noħroġ stampa reali tal-mara Maltija huwa billi nħalli n-nisa stess jitkellmu dwarhom infushom, l-aspirazzjonijiet tagħhom, kif għelbu d-diffikultajiet tal-ħajja u x'inhu dak li jimlielhom ħajjithom. Ridt nippreżenta spektrum ta' esperjenzi u etajiet li jiġbor fih minn tfajliet fuq l-għatba tal-maturità sa nanniet.

Fittixt nisa komuni li m'huma magħrufa minn ħadd għajr qrabathom u ħbiebhom. Fittixt tipi bħal Nathalie, l-omm mhix miżżewġa, għax, kif tistqarr hija stess, il-mentalità ta' kundanna għadha qawwija; Terry li għaddiet l-aħjar snin ta' ħajjitha fi ġlieda kontinwa fil-qorti biex tirbaħ il-kustodja ta' wliedha; Ariana, li dalwaqt jagħlqilha ż-żmien biex tkun tista' ssir omm; filwaqt li Elizabeth lesta tistenna biex tilħaq tissoda fil-karriera tagħha.

In-nisa kollha, anke dawk l-iktar trankwilli, għandhom storja. Uħud huma rifless tat-tabù soċjali li għadu jeżisti fostna. Uħud huma mera tat-tiġdid tar-rwoli tradizzjonali. Joħroġ ċar li l-mara tixtieq tgħix il-maternità tagħha. Din hija x-xewqa li għaliha l-biċċa l-kbira tan-nisa lesti li jissagrifikaw kull ambizzjoni oħra. Uħud huma sodisfatti fir-rwol ta' omm biss, l-istess bħalma nsibu rġiel li l-għan ewlieni ta' ħajjithom u l-ħidma kollha tagħhom hija mmirata biex ikunu missirijiet fis-sens tradizzjonali.

Iżda aktar nisa qed jitolbu li tinħoloq klima tajba ta' ugwaljanza vera biex, filwaqt li jsiru ommijiet, jagħmlu xi ħaġa oħra f'ħajjithom. L-

esperjenzi ta' dawn in-nisa jsaħħuni fil-prinċipji ta' sħubija sħiħa bejn il-mara u r-raġel.

Ir-rakkonti ħriġthom mill-intervisti li għamilt man-nisa fi djarhom stess. Staqsejt dwar il-familja li trabbew fiha, l-iskola, xi xtaqu jsiru, it-tħejjija għall-ħajja, xi problema partikolari u s-sitwazzjoni preżenti ta' ħajjithom. B'hekk nistgħu nqabblu l-esperjenzi kollha flimkien u nisiltu minnhom fatturi komuni. Waqaft fir-rakkonti, ma pprovdejtx l-analiżi.

Fittixt nisa mingħajr ma ħarist lejn il-kulur politiku tagħhom. Ħassejtni milqugħa minn kulħadd. U n-nisa fdaw l-aktar ħwejjeġ intimi u personali miegħi. Ħtieġli nipproteġihom u għalhekk l-ismijiet huma kollha fittizji; f'xi każi biddilt ukoll dettalji li setgħu jagħmluha faċli biex il-persuna tingħaraf. Madankollu, ir-rakkont huwa kollu minn kliemhom. Qgħadt attenta biex waqt li qed nirranġa l-forma, għax il-preżentazzjoni mill-kelma mitkellma għal dik miktuba tvarja, ma nbiddel xejn mis-sustanza. Ridthom ikunu awtentiċi u ħallejt lili għal kollox barra.

Il-ġabra tar-rakkonti kienet esperjenza li minnha tgħallimt ħafna. Kultant dħakt, kultant qabiżli d-dmugħ, kultant ħassejtni miblugħa meta, mistura fid-djar, sibt taqbida sħiħa għall-eżistenza. Minn qalbi nirringrazzja lin-nisa kollha li taw sehemhom għal dan il-proġett. Inrodd ħajr ukoll lill-kollega tiegħi John Degiorgio għall-pariri siewja fl-użu u l-kitba tal-Malti.

Pauline Miceli
30 ta' Settembru 1991.

# NATHALIE

*"Iddejjaqni l-attitudni tan-nies. Jgħiduli, 'Tifla bħalek kif għamilt dan l-iżball stupidu?' Kieku jarawha, ma jgħidux li kienet żball."*

Għandi għoxrin sena u tifla ta' erba' snin. Jien it-tielet fost erba' aħwa; bejni u bejn ta' qabli hemm qabża ta' tnax-il sena. Il-papà romol u żżewweġ lill-*mummy*. Kellu 47 sena meta twelidt jien u l-mamà 30 sena.

Il-papà ftit kien joqgħod id-dar. Iċ-ċinturin biss niftakar. Għamel snin fl-armata u emmen li l-fsied iħassar l-ulied. Nibża' mis-swat u sħabi nnutaw kif ninġibed lura u niksaħ meta nara lil xi ħadd isir vjolenti. Il-mamà hija xort'oħra.

Għandi hija sentejn iżgħar minni. Niftakarni ngħir għalih u noqorsu meta twieled għax ħa l-attenzjoni kollha. Kien jinkini u jinbixni minn taħt imma meta nisplodi kont naqlagħha għax ikbar minnu. Għadni nirrabja mal-mamà għax fissditu żżejjed. Il-bieraħ ġie mix-xogħol fis-siegħa ta' bil-lejl u tela' fuq jistaqsi min se jlestilu l-ikel. Għajjiena mejta, qomt nagħmillu xi ħaġa.

Il-mamà rabbietni qisni l-assistenta tagħha. Dak iż-żmien kienet dejjem id-dar magħna. U meta kelli xi sitt snin tkellmet miegħi dwar l-inkwiet li kellha mal-papà. Dħalt fis-sodda lesta biex norqod, qagħdet bilqiegħda ħdejja u qaltli, "il-papà jridna nitilqu mid-dar". Dak il-lejl ma stajt norqod xejn. Kont niksaħ bil-biża' meta nismagħhom jiġġieldu, imma baqgħu flimkien. Ma naħsibx li nagħmel l-istess ma' binti għax it-tfal m'humiex kapaċi jifhmu u jifilħu għal dik it-tensjoni. Ħuti l-kbar iżżewġu u telqu meta kelli għaxar snin.

Dwar bejbis qatt ma tkellimna xejn; sirt naf minn ktieb li kellna apposta għat-tfal. Xi ġimgħa qabel ġieni l-ewwel *period*, il-mamà spjegatli dwaru u qaltli fejn insib il-*pads*. Kelli għaxar snin u kont qiegħda fil-ġnien nilgħab. Ħassejtni nofsni xxokkjata u nofsni eċċitata meta sibt li ġieni. Domt xi jumejn biex għedt lill-mamà; ħadet għaliha u għamlet ġurnata sħiħa bil-geddum miegħi. Domt is-snin inżomm lura milli niftaħ qalbi magħha.

Bagħtuni skola privata. Kienet esperjenza orribbli. Id-dar ma konniex imdorrijin bid-differenzi bejn il-klassijiet soċjali u kien xokk għalija meta sibt ruħi mdawra b'nies li jagħmlu enfasi fuq it-tip ta' lbies u affarijiet żgħar bla siwi. Jedhew fihom biex jagħmluk tħossok inferjuri. Darba, kont għadni fil-primarja, kelli żarbun li naħseb li ma kienx ta' l-aħħar moda u għaddew xi rimarki. Il-biċċa l-kbira minnhom kienu *snobs* u kienu jiggangjaw biex jiżżuffjettaw bit-tfal taż-Żejtun u ta' l-irħula. Lil dawk u 'l oħrajn bħali li konna ġejjin mill-periferiji, għamlulna ħajjitna miżerja.

Ma kellix il-grupp tal-ħbieb tiegħi. Madwar id-dar tagħna kien għadu mimli egħlieqi u kienet il-għaxqa tiegħi noħroġ passiġġati nigbor il-fjuri jew noqgħod kwieta naqra. Ma kkonfondejtx li bqajt barra mill-grupp. Iżda l-iskola kelli ftit ħbieb tal-qalb li bqajt tielgħa magħhom il-klassijiet kollha tas-sekondarja. L-ambjent pettikoluż ta' l-iskola dejjaqni u baqa' l-istess tul l-għaxar snin li attendejt fiha.

Meta miet missier waħda tifla tal-klassi tiegħi, ħassejt għaliha u bdejt ngħinha fil-*homework*. Kienu joqogħdu ħdejna. Bdiet iġġegħelni nagħmilhulha kollu kuljum; domna sejrin hekk, forsi bżajt minnha għax kienet *bully*. Fl-aħħar żbroffajt u ma bqajniex nitkellmu. Kelli tlettax-il sena u ridt nassertja ruħi.

L-iskola kelli riżultati tajbin u xtaqt nistudja għal avukat. Ħriġt tqila waqt l-*O Levels*. Żammejtha moħbija minn kulħadd.

Missier it-tarbija kien l-ewwel wieħed li rqadt miegħu imma mhux l-ewwel *boyfriend* li kelli. Fl-adolexxenza kull tfajla tixtieq toħroġ u tiltaqa' ma' żgħażagħ oħra. Ftit kelli esperjenza ta' ħruġ fi gruppi għax meta kelli tlettax-il sena ltqajt ma' ġuvni tampari f'*party* u bdejt noħroġ miegħu. Domna xi sitt xhur noħorġu flimkien; konna ferħanin imma kelli l-biża' li jitlaqni. Allura tlaqtu jien qabel ma jitlaqni hu, għax hekk daħħaltha f'rasi. Baqa', sa ftit ilu, jibgħatli kartolina f'egħluq snini għalkemm ilni s-snin ma narah.

Darba mort il-baħar mal-ħbieb u ltqajt ma' missier Katja. Kien baħar imqalleb u ma stajtx nitla'. Ġie jgħinni dan il-ġuvni u bdejna nitkellmu. Hu kellu 23 sena u jien 14. Kien student u kellu mutur. Għamilna sena niġru flimkien. Għamilt minn kollox biex il-ġenituri tiegħi ma jsirux jafu bih. Sadattant ġiet il-*penfriend* tiegħi u darba sibthom fis-sodda flimkien. Ridt naqlgħalha għajnejha.

Il-*boyfriend* ipprova jitfa' l-ħtija fuqi għax jien ma kontx inħallih,

qisni ċaħħadtu mid-dritt tiegħu. U wara bdejna norqdu flimkien. Nistqarr li kienet esperjenza sabiħa u ma jiddispjaċinix. Kont fil-*form 5* u bdejt niskarta xi ġurnata skola biex immur miegħu fid-dar tagħhom. Qatt ma ħsibt bis-serjetà li stajt noħroġ tqila. Ta' erbatax taħseb biss fir-rumanz u kien diffiċli biex norbot l-imħabba u t-tqala flimkien.

Hu kien irresponsabbli minn kull aspett; tajtu saħansitra l-flus tal-*pocket money* tiegħi għax qal li missieru ma baqax jagħtih flus. Wara li telaq minn Malta sirt naf li l-flus, xi mitejn lira fix-xahar li kien jagħtih missieru sinjurun, kien jilgħabhom il-Każinò.

Immissjajt il-*period* u bżajt; issopponejt x'ġara. Test tal-pipì aċċertani li ħriġt tqila. M'għedt lil ħadd, ridt niċħad li teżisti, ridt ninsieha. Il-*boyfriend* qalli li stajt neħles minnha. Ma ridtx, ridt biss ninsieha. Hu ma kienx kapaċi jħobb; kellu mumenti teneri bħal meta tarah jitpaxxa bl-agħsafar imma ma setax iħobb. Ommu abbandunatu meta kellu sentejn u missieru għamillu ħajtu infern, dejjem jiġri u jbiddel in-nisa.

Ippruvajt ninsa li kelli tarbija tikber ġo fija. Bqajt immur l-iskola, lestejt l-eżamijiet ta' l-*O Levels*. Żammejt ħalqi magħluq u ħadd ma nduna għax ma dhertx; inftaħt ftit mill-ġenb, mhux quddiem. Il-mamà ssuspettat xi ħaġa meta kelli xi erba' xhur tqala u talbitni l-pipì biex teżaminahieli. Tajtha kampjun minn tiegħu u dehret serrħet moħħha.

Bqajt immur l-iskola sa l-aħħar ħin. Waqt waħda mil-lezzjonijiet beda ġej l-ilma u ħassejt uġigħ irqiq. Qbadt il-kotba u bqajt sejra l-isptar waħdi. Meta dħalt ħasbuni xi studenta ta' l-isptar. Domt naqra biex ipperswadejthom li ridt nara t-tabib għax se jkollu tarbija. It-tabib għajjat miegħi għax, bejn li l-ħlas kien ġa beda u t-tarbija ma ppreżentatx ruħha sew għat-twelid u bejn li sabli l-pressjoni għolja, kont qiegħda fil-periklu. Qatt ma mort għal *check-up* tul it-tqala. Daħħluni emerġenza u ħelsuni. Kelli 15-il sena. Mit-twelid niftakar biss li xejjirt daqqa ta' sieq lill-*midwife* u qlibtha.

Inzerta kien hemm ħabib student tal-mediċina u mar sab il-*boyfriend*. Marru d-dar jagħtu l-aħbar lill-ġenituri tiegħi. Il-papà tah attakk f'qalbu u dam marid. Il-mamà ġiet tarani erbat ijiem wara li wellidt; dehret miblugħa u ma setgħetx tħares f'għajnejja. Staqsietni x'se nagħmel bit-tarbija, għax ma stajtx immur lura d-dar biha.

Lil Katya bgħattha l-*creche* u jien mort id-dar għal ftit ġimgħat. Taċ-Ċentru Ħidma Soċjali ssuġġerewli nagħti t-tarbija għall-adozzjoni. Fl-ewwel ġimgħat ġew kemm-il darba biex jipperswaduni nagħtiha.

Qaluli li t-tarbija kellha futur aħjar f'familja li xtaquha. Il-ġenituri tiegħi qablu magħhom imma jien żammejt iebes. Id-*daddy* nsista li jien ma kontx kapaċi nieħu ħsieb it-tarbija u ma ridnix neħodha d-dar. Allura tlaqt jien.

Wara, taċ-Ċentru Ħidma Soċjali ħallewni bi kwieti; ma xtaqtx narahom iżjed. Madankollu naħseb li għandhom jibqgħu jsegwu 'l xi ommijiet mingħajr ma jimponu ruħhom fuqhom għax xi wħud veru ma jifilħux għall-*istress* tas-sitwazzjoni.

Għall-bidu għext ma' xi ħbieb sakemm sibt post żgħir għal rasi. Sadattant missier Katya sparixxa. Sibt ix-xogħol, issellift ftit flus mil-Lohombus u bdejt ngħix waħdi mat-tarbija. Qtajt kull kuntatt li kelli mal-ħbieb ta' l-iskola. Ir-rutina tax-xogħol tiegħi nbidlet ħesrem. Sibtha diffiċli biex naddatta ruħi; dejjem għajjiena u waħdi mat-tarbija. Kemm-il darba għedt x'qed nagħmel hawn, ta' sittax-il sena nbiddel il-ħrieqi, meta jmissni qed niddeverti mal-ħbieb?

It-tifla ħallejtha ma' waħda mill-ġirien li kellha t-tfal tagħha sakemm domt ix-xogħol. Ma kellix ċans noqgħod naħseb wisq dwar dak li ġrali għax il-ħajja kienet ġirja waħda, minn ħaġa għall-oħra, bla waqfien. Kampajt bl-eżatt, dejjem inqassam il-flus fil-vażetti biex iservuni. Il-gost li tatni Katya meta rajtha tikber patta għall-għeja, id-dwejjaq u s-solitudni. M'għadniex irrabjata għal missierha.

Ħassejtni waħdi u ftit xhur wara bdejt noħroġ ma' raġel ta' 38 sena. Domna tmien xhur noħorġu flimkien. Kienet relazzjoni mill-agħar, tal-ġenn meta naħseb dwarha. Imma hu kien l-uniku sors ta' attenzjoni li kelli. Fl-aħħar ġie joqgħod miegħi. Dam hemm sakemm il-platti bdew itiru. Kien jaħdem tard fil-għaxijiet u jippretendi li jsib l-ikel fuq il-mejda fis-sagħtejn jew it-tlieta ta' filgħodu, meta ftit sigħat wara kien ikolli nqum għax-xogħol. Beda jitlagħlu ma' Katya u l-ħajja saret infern. Il-ġirien semgħu x-xenati. Xi ħadd ċempel lill-mamà tiegħi u wara keċċejtu 'l barra.

Il-mamà żammet kuntatt miegħi; kienet tiġi tarani xi darba kull xahrejn. Meta Katya kellha tliet snin, id-*daddy* kien se jsiefer għal ftit u staqsewni jekk ridtx immur id-dar u nżomm kumpannija 'l-*mummy*. Aċċettajt u ġarrejt kollox lejn id-dar. Il-papà ġie lura u qalli li stajt nibqa' d-dar.

Il-ġenituri qatt ma semmewli xejn dwar l-imgħoddi; kien bidu ġdid, ftit kliem imma atmosfera tajba u sabiħa. Tista' timmaġina kemm weġġajtha 'l-mamà b'dak li ġrali u llum niskanta kif ma fdajtx fiha aktar.

Bqajt naħdem u nkampa.

Jiddispjaċini mhux għax kelli 'l Katya, dak xejn, imma għaliha. Għax xi kultant tistaqsini fejn hu l-papà u nispjegalha li jien u l-papà konna ninħabbu, għamilna lilha u qabel ma laħaq raha ħaseb li jħobb iktar ix-xogħol u telaq. Kif iktar nista' nbenġilhielha? Imma nħoss qalbi tingħafas meta naraha tiggranfa mal-qalziet ta' kull raġel li tara. Dak l-uniku wġigħ li baqagħli f'qalbi mill-istorja kollha u tassew inħossu. Imma x'nista' nagħmel?

Ħriġt għal ftit xhur ma' ġuvni ieħor ġej minn familja tat-tajjeb. Ommu hedditu li taqtgħu mill-wirt jekk ikompli miegħi. U hu ddeċieda li jħobb il-flus iktar minni. Iddispjaċieni għax ommu qatt ma riedet tiltaqa' miegħi.

Bħalissa m'għandi 'l ħadd; ilni ma niltaqa' ma' xi ħadd stimulanti biżżejjed. Nippreferi nibqa' waħdi milli noħroġ ma' xi ħadd li ma nħobbx. Ma ngħidx li l-esperjenza għamlitni matura, għejjietni iva, ibbenifikajt minnha u kbirt iktar milli kieku ma ġratx.

Ma nimmisjax is-snin ta' l-adolexxenza u d-divertiment taż-żgħażagħ tampari; l-idea tiegħi ta' divertiment forsi hija differenti; nieħu pjaċir bl-affarijiet żgħar u sempliċi. Inħobb nistad. Id-dwal iteptpu, il-mużika tħabbat u tgħajjat tad-*disco* ma jiġbdunix; mhux għax ma nissaportix immur xi *disco* kultant imma dak m'huwiex il-mod ta' divertiment tiegħi.

Bi ħsiebni nerġa' nibda nistudja u nkompli fejn ħallejt meta Katya tikber ftit ieħor. Il-ħbieb tiegħi huma nisa ikbar minni li għandhom it-tfal u nħossni tajba magħhom.

Illum nikkalkula r-riskji li nieħu mhux bħal qabel. Togħġobni l-kumpanija, il-ħbiberija, ngħożż l-umoriżmu u l-kumpassjoni. Mhux qed nistenna li nsib lil xi ħadd perfett għalija; mhux gost tgħix ma' xi ħadd hekk, imma naf x'inhuma l-kwalitajiet li jogħġbuni u nixtieq li jkunu fil-*partner* tiegħi. Ma niltaqax ma' wisq irġiel b'dawk il-kwalitajiet u donnu li rġiel jew ġuvintur ta' l-età tiegħi li magħhom nista' nitħallat m'hawnx. L-idea ta' aġenzija li tlaqqa' nisa u rġiel waħidhom, bħad-*Dateline* li ssib l-Ingilterra per eżempju, m'hix waħda stupida. Ċerta li hawn ħafna nisa u rġiel li jixtiequ jiltaqgħu flimkien. M'iniex waħda li dort kontra l-irġiel, lanqas xejn, u fost il-ħbieb tal-qalb li għandi hemm xi rġiel.

In-nies idejquni u nħossni umiljata meta xi ħadd, bħal omm dak il-ġuvni li ħriġt miegħu, jaqa' daqshekk fil-baxx u jqabbad lil xi ħadd ifittex

biex isir jaf fuqi minn wara dahri. Kienet bagħtet titkixxef fuqi f'kull post fejn ħdimt u staqsiet lil nies li jafuni. L-azzjoni tagħha weġġgħatni; ippruvajt inċemplilha biex nitlobha taqtagħha. Ma kellhiex il-wiċċ tiltaqa' miegħi.

Iddejjaqni l-attitudni tan-nies, l-aktar ta' l-impjegati tal-gvern meta jgħaddu kummenti bħal, "Imma inti ma tidhirx ta' hekk, tifla bħalek, kif għamilt dan l-iżball stupidu?" Ngħidilhom, "Kieku tarawha ma tgħidux li kienet żball!"

X'kien l-iżball nistaqsi? Dak li għamilt biex ġiet, jew li żammejtha? Il-fatt li mort daqshekk 'il bogħod meta kelli 14-il sena, iva, kien żball, għax ma ħsibtx biżżejjed u għax ma kont ippreparata xejn għar-responsabbiltà. Imma li żammejtha ma kienx żball żgur. Niddejjaq meta xi qassisin ikellmuni hekk; ma tistax tindirizza 'l tfajla ta' għoxrin sena u tgħidilha li għamlet żball. Mhux sewwa u tweġġagħni. Jeżistu valuri differenti u mhux bilfors tagħhom it-tajbin.

Wara t-twelid ta' Katya mort niġbor iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha. Għadhom iniżżlu l-kelmiet *'unknown father'*. Ridt ineħħihom minn fuq iċ-ċertifikat. Mort għand avukat u bdieli l-proċess għall-addozzjoni tagħha. B'hekk biss stajt nasal. Ilni erba' snin u ġa nfaqt Lm90; għalija huma ħafna flus għal xejn.

Tlajt quddiem il-Maġistrat appuntat mill-qorti. Ġie b'ħafna mistoqsijiet personali, bħal jekk meta kelli l-aħħar *boyfriend*, konniex norqdu flimkien, u mistoqsijiet oħra bla sens. Riedu jippruvaw jekk iniex kapaċi nagħtiha dar tajba, bħallikieku l-fatt li ġa ilha miegħi erba' snin m'huwiex biżżejed. Il-mod kif jinterrogawk huwa umiljanti, iktar juri dwarhom milli dwari. Ma ħadthiex daqshekk bi kbira għax sakemm dhert quddiemhom ilħaqt rabbejt il-qoxra.

Il-biċċa għadha ma nqatgħetx. L-avukat ħaseb li wara li nidher quddiem il-Maġistrat inkun lesta, imma dik kienet għadha l-ewwel biċċa. Kellu jkompli billi jikteb liċ-Ċentru Ħidma Soċjali. L-intervista magħhom ġa lesta. Huma mbagħad jagħmlu r-rapport u r-rakkomandazzjoni tagħhom lill-qorti. Jonqosni nidher quddiem tribunal ieħor magħmul minn xi sitta jew tmien irġiel biex jerġgħu jinterrogawni. Tal-biki!

Insib appoġġ minn nisa oħra, ommijiet xebbiet bħali. Minkejja l-problemi kollha tagħna, nidħku, nikkomunikaw u nieħdu pjaċir flimkien; kulħadd jinfetaħ ma' xulxin għax ilkoll fl-istess ilma. Ħafna ġenituri ta' l-ommijiet xebbiet jaċċettaw it-trabi ta' wliedhom, anzi xi drabi l-ġenituri

jagħmlu pressjoni żejda biex it-tifla żżomm it-tarbija mingħajr ma jkunu lesti jgħinuha fit-trobbija tagħha. Il-ġenituri għadhom jindaħlu wisq fid-deċiżjonijiet ta' wliedhom.

Il-ġenituri tiegħi ma jindaħlulix; għandna relazzjoni tajba bejnietna. Jiena u l-mamà naqsmu x-xogħol tad-dar kbira li noqogħdu fiha. Katya saret il-mimmi t'għajnejn il-*mummy* u d-*daddy*. Barra minn hekk il-mamà ma tantx tiflaħ u issa ma nistax inħalliha.

Nixtieq iżda li jkolli d-dar tiegħi, dar żgħira, biex ikolli refuġju fejn immur biex noqgħod waħdi, ikollu ftit indipendenza. Naħsibha darbtejn biex nistieden lil xi ħbieb jiġu għandi fid-dar tal-mamà. Kieku jien u Katya nkunu nistgħu nagħmlu l-*weekend* flimkien, għalina waħidna, u nħallu l-*mummy* u d-*daddy* fid-dar nadifa u fil-kwiet għal ftit ħin. Imma m'għandix il-flus biex nikri jew nixtri u l-ġenituri ma jistgħux jgħinuni bil-flus għax għandhom bżonn huma. Nimmissja l-indipendenza tiegħi.

Faċli tingħalaq fik innifsek fis-sitwazzjoni tiegħi għax sa filgħaxija tkun eżawrita. Billi Katya m'għandhiex ħutha, irrid nagħtiha l-attenzjoni kollha jien; logħob ma jispiċċa qatt, tpinġijiet, stejjer u tlablib tat-tfal żgħar. Nieħu pjaċir imma xi kultant tant inħossni għajjiena tant li hi tinduna li ma nkunx qed nismagħha; sinjal tajjeb għax ifisser li s-soltu tkun taf li nkun kollni kemm jien magħha.

Wara li rraqqadha, inkun lesta għal ftit kwiet u paċi; nitla' fil-kamra tiegħi u noqgħod naqra, inpinġi, għax il-kuluri nħosshom iħolluni, nikteb xi ħaġa kultant jew indoqq il-kitarra. Sħabì jgħiduli li qed naħrab mir-realtà mingħajr ma jfissruli għaliex. Inħoss iżda li kultant għandi bżonn naħrab mir-realtà għax għandi wisq xogħol.

Ma noqgħodx naħseb dwar il-futur, inżomm ruħi miftuħa għal dak li jiġi, ma rridx noqgħod lura u nistenna l-bajtra taqa' f'ħalqi. Xi kultant il-mentalità tant iddejjaqni li nixtieq nitlaq minn Malta darba għal dejjem. Għandi l-għażla li nista' mmur ngħix l-Awstralja u dak huwa refuġju mentali, għall-inqas. Veru li hemmhekk idduq is-solitudni imma l-mentalità t'hawnhekk ma nistax inġerragħha aktar.

U hawnhekk... il-prospett li ngħaddi l-kumplament ta' ħajti waħdi jbeżżagħni; mhux għax m'iniex kapaċi ngħix waħdi, imma ma rridx li nibqa' magħluqa għall-opportunitajiet li jista' jkolli biex nibni relazzjoni ġdida. Hawn ma nsibx dawk l-opportunitajiet; ħalli nagħżel jien li nibqa' waħdi, imma rridha tkun għażla tiegħi.

# STEFANIA

***"Iltqajt mal-boyfriend meta kelli erbatax; tlaqt mill-iskola biex immur naħdem u erba' snin oħra niżżewġu."***

Għandi 17-il sena u għarusa. Fid-dar qegħdin jien u ħija sentejn iżgħar minni. Naqblu flimkien imma niġġieldu fuq it-tv, għax jien inkun irridu fuq stazzjon u hu fuq ieħor. Inħobb nara r-rumanzi, qabel kont nara 'Santa Barbara', iżda issa naħdem u ma tantx ikolli ċans.

Meta konna żgħar konna nħobbu nilagħbu l-*Monopoly*. Il-papà u l-mamà għandhom 45 sena. Il-papà kien iħobb joħroġni u jeħodni l-ġnien. Ma tantx għamiltha ma' ħbieb għax malajr dħalt għarusa. Il-*mummy* tfissidni, tikkuntentani f'kollox, per eżempju, jekk ingħidilha li rrid xi ħaġa tal-ħwejjeġ, tixtrihieli.

Mort l-iskola tal-gvern. L-ewwel ġurnata ta' l-iskola, tifel waqqagħni u weġġagħni. Kont ngħidilhom li rrid insir *teacher* jew *air hostess*. Għaddejt mill-eżami tal-*Junior Lyceum* mat-tieni darba u meta wasalt *form 4* ridt nitlaq naħdem. Iddejjaqt l-iskola u ma jiddispjaċinix li tlaqt. Kuntenta fil-fabbrika fejn naħdem. Tlaqt mill-iskola ftit xhur qabel għalaqt is-sittax-il sena. Biex tlaqt għamilt ċertifikat tat-tabib. Is-sinjora xtaqitni nkompli u ħajritni nibqa' nistudja d-dar imma ma ridtx.

Sirt naf dwar bejbis mit-tfal u l-kotba ta' l-iskola. Kelli 12-il sena meta ġieni l-*period*. Dakinhar morna l-funeral tan-nannu u filgħaxija ħriġt mal-familja nieklu xi ħaġa barra. Meta ġejt id-dar dħalt mill-ewwel fit-tojlit u sibt li ġieni. Kont naf x'inhu.

L-iskola ma konniex nitkellmu wisq dwar dawn l-affarijiet. L-artist favorit tiegħi kien Tom Cruise; issa m'għandi lil ħadd. L-iskola, xi tfajliet kienu jiġu jiftaħru ma' min ħarġu, li marru d-*disco*, u x'għamlu; isemmu l-bews u xi kunfidenzi imma mhux li kellhom is-sess.

Kont ilni inqas minn sena noħroġ mal-ħabiba meta qbadt in-namrat. Għall-ewwel jien u hi konna noħorġu mal-mamajiet tagħna, għax huma ħbieb, imbagħad ħriġna ftit waħidna. Konna mmorru sa Buġibba jew naraw xi film imma qatt ma mort *disco*.

Kelli 14-il sena u ftehimt ma' ħabiba tiegħi biex noħorġu u mmorru sal-Mosta. Kien lejlet il-festa ta' Santa Marija. Iżda bqajt id-dar mal-mamà għax ħassitha ma tiflaħx. L-għada ħriġt u mort il-festa mal-ħabiba. Qaltli li l-lejla ta' qabel kienet iltaqgħet ma' wieħed u ftiehmet miegħu għal dakinhar. Ma ridtx noħroġ magħhom imma qaltli, "huwa jkun ma' sħabu, ejja forsi taqbad xi wieħed!"

Qgħadna grupp flimkien u jien iffansjajt wieħed minnhom. Tnejn mill-ġuvintur tawni n-numru tat-telefon tagħhom. Ftakart wieħed biss, dak tal-*boyfriend* li għandi. Hu ċempel qabel l-ieħor li ffansjajt aktar minnu. Qalli li ried joħroġ miegħi. Il-*mummy* tatni l-ħin biex niltaqa' magħha wara li ħriġna. Irrabjat miegħi għax ittarḍjajna.

L-għada ċempel u xtaq ikellem lill-*mummy*. Hu kellu 18-il sena u jien 14. Bqajna noħorġu flimkien fil-*weekend*. Kont tielgħa *form 4* u bdejt niddejjaq l-iskola. Il-*boyfriend* jaħdem ma' missieru f'garaxx u ma setax jiġi jiltaqa' miegħi kuljum. U la kelli n-namrat ma ħriġtx mal-ħbieb. Iddejjaqt dejjem id-dar imma nċempillu kuljum u nagħmlu xi siegħa fuq it-telefon. Noħorġu flimkien fil-*weekend*.

Bdejt naħseb biex noħroġ naħdem. Il-ħabiba ħarġet mill-iskola qabel lestiet il-*form 5*. Hija wkoll kellha namrat. In-namrat riedni nkompli, jiena ma ridtx għax xbajt.

Qatt ma xtaqt immur naħdem fuq il-magni tal-ħjata; iżda l-ħabiba li kienet qed taħdem ma' waħda mill-fabbriki tal-ġins qaltli li kien qed idaħħal. Mort ninkiteb, għamluli test bil-kitba u ieħor tal-ħeffa u intervista li fiha staqsewni fejn kien jaħdem il-papà u mistoqsijiet oħra dwari, u aċċettawni. Għamilt il-*medical test* u tawni l-ġurnata biex nibda.

L-ewwel bagħtuni fejn waħda tagħmel il-kfief, imbagħad ipprattikajt il-ħjata fuq il-biċċiet u wara ġimgħa bdejt naħdem fuq il-ġinsijiet bil-*production*. Naħdem mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7.30 ta' filgħodu sa l-4.00 ta' wara nofsinhar. Bdejt bis-Lm36 fil-ġimgħa imma l-paga titla' skond kemm ittella' l-*production*. Ilni naħdem sena u nofs u għandi Lm40 paga mingħajr il-*production bonus*. Biex ittella' l-*production* trid tgħaġġel u ma tpaċpaċx. Dejjem naqbad Lm50 f'idejja. Ġieli naqbad Lm60 fil-ġimgħa mingħajr *overtime* għax dak ma tantx nagħmlu.

Fl-erbgħa nkun għajjiena u malli niġi mix-xogħol nintefa' bilqiegħda, imma mix-xogħol ma ngergirx. Għandna 20 minuta brejk filgħodu u nofs siegħa fis-siegħa. Ġieli nieħu l-ħobż miegħi u ġieli niekol mill-*canteen*; *hamburger* u *chips*, 35c.

Bħalissa għandna ħafna sħana għax hemm l-*air conditioner* bil-ħsara; qalu li għandna sas-sena d-dieħla mingħajru. Fis-sajf taħkem is-sħana imma fix-xitwa jkollna l-ħiters u noqogħdu naħdmu b'xi *T-shirt*. Iħalluna mmorru t-tojlit imma s-*supervisors* igergru meta mmorru spiss. Xi tfajliet iqumu minn posthom kull siegħa biex imorru jpejpu fit-tojlit u jiskartaw. Hemmhekk biss jistgħu jpejpu.

Jekk tħossok ma tiflaħx u titlaq mix-xogħol qabel id-9.30 jagħtuhielek *sick*, imma jekk titlaq wara teħodha *unpaid*. It-tabib tax-xogħol ma tantx jagħtina *sick leave*. Waħda kellha bronkite u t-tabib bagħatha għax-xogħol l-għada. Meta t-tabib reġa' mar, missierha gerbbu t-taraġ. Ma tistax tmur għand it-tabib tiegħek u tagħtihom ċertifikat.

Naħseb li nagħmel xi erba' snin oħra naħdem fil-fabbrika, niżżewweġ, imbagħad forsi nagħmel sena oħra wara ż-żwieġ u nitlaq biex noqgħod id-dar. Nixtieq li jkolli minn tnejn sa tlett itfal.

Nixtieq dar bi tlett ikmamar tas-sodda, żewġ kmamar tal-banju, salott u kamra tal-pranzu sabiħa, kċina kbira sintendi, *television room* u *study* flimkien u ġnien żgħir. Mort biex napplika għal plott tal-gvern imma ma stajtx għax irid ikollok tmintax-il sena. Nixtieq li nieħu plott u nibnuha. Jekk ma jkollniex flus nissellfu mil-Loħombus. It-tfajliet sħabi kollha hekk jagħmlu.

Mhux bi ħsiebna nixtru dar lesta u ser nistenna. Dar ġebel u saqaf tiġik xi Lm8,000; biex tlestiha u tidħol fiha tiġik kważi Lm20,000. Imbagħad dejjem trid il-flus biex timlieha; l-irħas kamra tas-sodda hi xi Lm600. Għandek madwar Lm10,000 biex timla d-dar bl-għamara. Mhux se nistenna sakemm nimlieha; nidħol fid-dar meta jkollna l-kċina, il-kamra tas-sodda u kamra tal-banju waħda; imbagħad inkomplu nimlewha bl-affarijiet bil-mod.

Ma nixtieqx li jkolli tfal mal-ewwel; nistenna sena. Ma tantx hemm nisa miżżewġin jaħdmu magħna. Ħafna minn dawk li hemm ilhom miżżewġin; telqu u reġgħu bdew. Ġieli jgergru li ma jlaħħqux mad-dar.

Ma nbatix imma fuq ix-xogħol taħdem trid. Hemm xi *productions* li huma għoljin u t-tfajliet igergru; tiegħi mhix. Meta jkollna xi problema mmorru għand xi waħda miż-żewġ *shop-stewards* nisa, jew għand il-*personnel*.

Hemm żewġ *supervisors* nisa li jgħallmuk malli tidħol, imma l-oħrajn huma rġiel. Is-*supervisor* tiegħi għandu xi Lm100 fil-ġimgħa. It-tfajliet *supervisors* għandhom l-esperjenza fuq il-magni. Hemm kienu

jaħdmu. L-irġiel qatt ma ħadmu fuq il-magni. Ma nafx kif jintgħażlu. Xogħolhom hu li jaraw li ntellgħu l-*production* u li x-xogħol isir sew. Naħseb iktar jaqblu mal-*management* għalkemm is-*supervisor* tiegħi jiċċajta magħna. Qatt ma kelli *warning*; jagħtuk *warning* jekk ma ttellax il-*production*, ma ġġibx ruħek tajjeb jew tagħmel xogħol ħażin.

Hemm min jiġi għax-xogħol imdandan. Jekk jarawlek xi *top* jew dublett sabiħ, jistaqsuk minn fejn xtrajthom. Nitkellmu dwar il-*boyfriends* tagħna.

Kuntenta bix-xogħol u bil-*boyfriend*. Huwa bil-għaqal, jibża' għall-flus u jħobbni. Ma nħossx li għadni żgħira, hekk jew hekk fadalli erba' snin oħra biex niżżewweġ. Miegħu qiegħda ngawdi; noħorġu nieklu xi mkien jew immorru xi passiġġata, imma *discos* qatt.

Il-mamà ħadet gost li ltqajt mal-*boyfriend*. Meta bdejt noħroġ miegħu il-papà ħaseb li kont għadni żgħira imma l-mamà qaltlu, "Mhux aħjar qiegħda ma' wieħed milli toqgħod tiġrilna mal-ħbieb u d-*discos* ?" Hi ma tridniex nersqu 'l hemm. Lil ħija li għandu 15-il sena ma tħallihx imur id-*disco*.

Jien u l-*boyfriend* m'għandniex kunfidenzi żejda bejnietna u ma nixtieqx li jkollna s-sess qabel iż-żwieġ.

# YOLANDA

*"Ikolli seba' mitt sena biex immur id-dar u nara lil Andreas...ma rridx nemmen li l-imħabba tagħna tista' tispiċċa."*

Kelli xi għaxar snin u z-zija kienet tqila bil-kuġina li llum għandha sittax-il sena. Ridt inkun naf bilfors kif u minn fejn se joħroġ il-bejbi, u kif beda u kollox.

Smajthom jitkellmu u jsemmu l-kelma *pads*. Konna miġburin barra fuq it-tarġa jien u żewġt iħbieb oħra xi sentejn ikbar minni. Għedtilhom li jekk ma jgħidulix kont se noqgħod ngħajjat, "*Pads, pads pads*", b'kemm kelli vuċi biex jismagħni kulħadd. Fl-aħħar qaluli li jkollok bżonnhom għax jiġik "*blood* ħażin". Jien fhimthom "blat ħażin" u ma stajtx nifhem kif qatt jista' joħroġ il-blat minni. U komplejt nistaqsi u ngħidilhom li se nkompli ngħajjat jekk ma jispjegawlix.

Imbagħad bdew ifehmuni x'inhu *intercourse* u werżaqt, "Jaqq! Mela x'nagħmel ma nagħmilx hekk! Mà, x'biża'! Jaqq!" Il-fatti tal-ħajja tgħallimthom minn fuq it-tarġa, kollox bil-moħbi, għax ommi dejjem se tgħidli u qatt ma qaltli xejn.

Kont naf dwar il-*period* meta ġieni l-ewwel darba imma xorta ħadtha b'sorpriża. Dakinhar kont liebsa qalziet ta' taħt vjola bit-tikek bojod li kienet tatni z-zija ta' l-Amerika. Mort ngħid lill-*mummy* u hi, bla ħafna kliem, qabdet u tatni biċċa minn tagħha, dawk tax-xugamani. Qaltli, "Ħa, itfagħha bejn saqajk. Issa kbirt, sirt xebba u jibda jiġik kull xahar."

Il-*mummy* tgħid li kellha erba' korrimenti, kollha subien, u bqajna ħajjin jien u oħti biss. Oħti ikbar minni seba' snin imma konna naqblu u nilagħbu ħafna flimkien. Xi kultant kont inħossni qisni l-iskjava tagħha meta kienet iġġegħelni nimbuttaha fuq xi żiemel tar-roti. Nilagħbu dejjem kif trid hi u meta tixba' tkissirli t-*toys*. Kont nibki u niddejjaq imma xorta bqajna nfittxu 'l xulxin, u meta bdiet tikber u kellha l-*boyfriends*, kienet teħodni magħha. Qatt ma gżajtha jew kxiftha għax għalija basta noħroġ. Bqajna s'issa nitkellmu kollox, anke l-aktar affarijiet intimi.

Id-*daddy* kien imlaħħaq ma' l-Ingliżi u fl-1979 sab ruħu impjegat bħala *labourer* mal-gvern bi kwart tal-paga li kellu mas-servizzi. Missieri hu bniedem konvenzjonali ħafna u post mal-gvern għalih huwa l-iktar wieħed żgur. Ma riedx imur mal-privat. Iżda ddispjaċieh li kellu jibda fl-impjieg bħala ħaddiem bla sengħa wara l-korsijiet speċjalizzati li kien għamel, mhux biss minħabba l-paga imma wkoll minħabba d-dinjità tiegħu. Ftit ftit iżda, sab il-grad li kellu qabel. Issa għandu sittin sena.

Minn dejjem kont immur tajjeb miegħu. L-iktar ħaġa li kont inħobb meta konna żgħar kienet meta mmorru xi ġurnata Għawdex. Illum il-ġurnata m'hi xejn, imma qabel, dik li mmorru mill-Ħamrun saċ-Ċirkewwa u naqbdu l-vapur kienet xi ħaġa kbira. Konna nieħdu pjaċir inqumu fil-ħamsa ta' filgħodu, nilbsu u llestu l-ħobż, u ngħabbu kollox fil-*Morris 1100* ta' missieri. U nieklu u niffangaw, xalata sħiħa, u viva l-kolesterol!

Id-*daddy* jħobb isajjar ħafna u dejjem moħħu biex ibellgħalna. Meta konna mmorru tas-Sliema miegħu, kien jgħaddi jixtrilna l-bambaloni, id-*doughnuts*, mis-*supermarket* ix-Xatt. Kien jieħu pjaċir jarana nieklu, forsi għax għex fi żmien il-gwerra. Illum għandi 26 sena u dejjem nipprova nibda d-dieta għax nixtieq nogħlob ftit. Nieħu pjaċir niekol. Niekol kollox minbarra l-fniek għax nitħassarhom.

Imma l-iskola kont niddejjaq. Is-sorijiet, li mort għandhom minn mindu kelli xi ħames snin sa sittax-il sena, kienu jdejquni ħafna. Lili qatt ma sawtuni imma waħda soru li kellha n-neputi fil-klassi tiegħi, niftakarha tagħtih fuq dahru bil-bastun. U kollha jgħajtu miegħek, kollha jġegħluk titgħallem l-affarijiet bl-amment. Oħti kellha esperjenza kerha. Kien hemm soru li kellha *breakdown*, kulħadd kien jaf, u kull sena kienet taqbad ma' xi ħadd mit-tfal. Kienet qabdet ma' oħti.

L-iskola ma kontx nistudja u għall-fatt li dejjem ikkupjajt il-*home-work* mingħand sħabi kull filgħodu, kont immur tajjeb għax dejjem għaddejt mill-eżamijiet.

Qatt ma kelli f'moħħi x'nixtieq insir, daqqa kont ngħid ġurnalista, daqqa *beautician*; kull ħaġa li kont ngħidilhom id-dar kienu jaqtgħuli qalbi minflok jinkoraġġuni. Id-*daddy* kien jixtieqni nsir xi skrivana mal-gvern jew *teacher*, għax għalih dak kien xogħol żgur, u l-*mummy* kienet tgħidli, "Mhux xorta!". Dik dejjem kienet taħseb li għax tiżżewweġ m'għandux ikollok ħafna ħsibijiet tax-xogħol. Kienet tgħidli, "Mur f'fabbrika biex taqla' xi ħaġa u ejja ħa mmorru." Għamilt l-eżamijiet fil-livell ordinarju u dħalt is-*sixth form*.

Kelli ebratax meta sirt ninteressa ruħi fil-*boys*. Sa dak iż-żmien kont għadni mmur il-Museum. Kont immur biex nirreċta għax hemm biss stajt nitla' fuq il-palk. Daqqa kont nagħmilha ta' Dun Ġorġ Preca, daqqa tal-Madonna; dejjem il-parti ewlenija.

Mill-iskola, f'*form 1*, qbadt ħabiba u morna s-*sixth form* flimkien. Hi kompliet l-università. Bqajna noħorġu dejjem flimkien sakemm hi qabdet *boyfriend* u kompliet miegħu. Għadna ħbieb sal-lum u kultant niltaqgħu u mmorru nieħdu pizza flimkien jew xi ħaġa. Qatt ma naf li meta kont għadni żgħira, *teenager*, iltqajt ma' xi ħadd li ridt nibqa' miegħu.

Dejjem konna noħorġu tlett iħbieb flimkien u konna nsibu tliet ġuvintur li jkollhom karozza biex ikunu jistgħu jwassluna d-dar u jħallsulna d-*drinks*. Dejjem għaddejna ż-żmien bihom u konna nagħtuhom il-laqmijiet. Jew konna ninzertaw xi wieħed li jdum xi tliet xhur biex jaqbadlek idek jew ibusek; qishom frejjeġ, konna ngħidulhom. Darbtejn kelli ġuvintur Maltin li sibthom interessanti; wieħed, ma konna nħossu xejn għal xulxin ħlief ħbiberija kbira, u l-ieħor kien iffissat fuq il-mużika. Għalih il-mużika kienet l-ewwel u mbagħad jien. Jien kont iffissata fuq it-teatru u ridt insiefer.

Il-kumplament kelli ħafna Taljani li jkunu vaganza hawn. Dejjem jaraw kif se japprofittaw ruħhom minnek. Jiena u ħbiebi konna nitolbu l-*lifts* biex immorru lura d-dar bil-lejl. Kienet avventura għax l-istess konna nagħmlu anke meta l-karozzi tal-linja jkunu għadhom ma żarmawx. Kellna dawk l-għoxrin sena u llum ngħid kemm konna nissugraw nitolbu *lifts* fis-siegħa ta' filgħodu.

Ma konna nibżgħu minn xejn u m'emminniex f'dawk l-affarijiet li jistgħu jiġrulek. Il-*mummy* kienet twissini u tgħidli, "Iva, issib lil xi ħadd jorbtok ma' xi siġra u jagħmillek xi ħaġa." Kont nargumenta magħha dwar il-ħinijiet imma wara li għamilt xi żmien imsiefra waħdi, ommi ndunat li kienet ħmerija toqgħod tinsisti miegħi x'ħin nidħol.

Qatt ma kont nemmen f'dak li l-*mummy* kienet tbeżżagħni bih għax ngħid li għandu jiġri jiġri. Avolja, iltqajna ma' bużullotti; xi wħud jieħduk post ieħor jew jippruvaw joqogħdu jteftfu fik. Konna nagħtuhom bl-umbrelel jew nitilqu niġru. Dejjem noħorġu, id-dar kienet qisha lukanda.

Is-*sixth form* iddejjaqt u ridt immur naħdem. Tlaqt u mort naħdem f'fabbrika. Kont se niġġennen. Tlaqt u dħalt l-iskola tas-segretarji għax l-università qatt ma ridt immur. Ħdimt f'ħafna xogħlijiet differenti għax

kull fejn inkun malajr niddejjaq. Għalxejn kont nitlob lill-Madonna u 'l-qaddisin, kif kienet tgħidli ommi, biex isibuli xogħol kif nixtieq. Xbajt u tlaqt l-Ingilterra. Wara jumejn sibt xogħol f'uffiċċju. Kelli ħafna opportunitajiet ta' xogħol sakemm domt hemm. Wara sitt xhur iddejjaqt. Kont ngħix ma' ħabiba Maltija. Mill-grupp ta' ħbieb li kellna kien hemm ħafna li kienu jieħdu d-drogi, mhux ipejpu l-ħaxixa biss. Iddejjaqt f'dak iċ-ċirku. Ħbieb irġiel jew ġuvintur ma tantx stajt nagħmel għax kollha jaqbdu miegħek għall-mogħdija taż-żmien u jitilquk. It-temp ukoll kien qed idejjaqni għax dejjem bis-sħab. Kien jeqridni għax jien inħobb ħafna x-xemx.

U erġajt ġejt lura Malta għax il-*mummy* qaltli li kien se jsir l-iżami għall-iskrivani mal-gvern. Kont għamiltu darba oħra qabel sifirt u ma daħħlunix. Kont ċerta li minħabba l-politika. Għaddejt mill-eżami u bdejt naħdem mal-gvern.

Wara ftit xbajt skrivana u vvintajt *scholarship* biex immur fil-Lvant ta' l-Ewropa ħalli nkompli nistudja. U malli wasalt sibt li kienu tilfu l-karti tiegħi u biddluli l-kors li applikajt għalih.

Iżda hemm iltqajt ma' Andreas. Kont għadni kif wasalt il-*hostel* wara ħafna battikati. Qgħadt bilqiegħda fuq it-taraġ tal-hostel nistenna sakemm jagħtuni l-kamra. U rajt lil dan il-ġuvni dieħel. Għoġobni mill-ewwel u dħaktlu.

Sa dak iż-żmien, kelli 22 sena, kont ġa qtajt qalbi mill-irġiel u ħlift li ma jkolli relazzjoni ma' ħadd. Għax meta kelli tmintax kelli ġuvni Taljan. Domna flimkien sena u nofs. Kont immur għand ommu u kollox. Kont għadni verġni iżda wara lejl li rqadna flimkien qalli li daqshekk. Ħadtha bi kbira għax indunajt kemm kien faċċol. Tlift il-verġinità tiegħi miegħu biex lanqas biss kelli orgażmu. Warajh kelli xi relazzjonijiet oħra imma ebda waħda ma kienet bħal dik li għandi ma' Andreas. Miegħu biss inħossni tajba. Konna u bqajna mġienen għal xulxin.

Wara li ltqajt miegħu fuq it-taraġ tal-*hostel*, kien ġie jkellimni u staqsieni kellix bżonn xi għajnuna. Xi ħmistax wara rajtu f'*party*. Kont mort ma' xi ħadd ieħor u tlaqtu biex noqgħod miegħu. Bdejna noħorġu flimkien kuljum. Andreas hu sentejn ikbar minni.

Domt sitt xhur biss nistudja għax xbajt. Andreas ried jispiċċa s-sena tiegħu, imma jien ma ridtx nibqa'. Il-lingwa kont qed insibha diffiċli. Bidluli l-għalliema u l-iskola kollox eżatt u fil-ħin, u b'dixxiplina kbira. U l-ħajja kienet iebsa; il-*hostel* kien maħmuġ u kull filgħodu tqum mimlija gdim tal-baqq jew, per eżempju, tonxor il-ħwejjeġ u jisirquhomlok. Rajt

nies jaqbżu fuq xulxin, dmija, minn kollox.

Imma l-istudenti bejnietna konna nsibu mezz biex nieħdu pjaċir għax bix-xejn konna nagħmlu l-ikbar *party*. Konna kollha barranin, l-aktar Spanjoli.

Jien u Andreas konna norqdu flimkien u meta ġejt, għamilt tliet xhur nibki għax ma ridtx norqod waħdi. In-neputija tatni *teddy bear* kbir u kkunslajt ruħi b'rikordju ċkejken li ġibt ta' Andreas.

Ma stajtx ngħix mingħajru. Lanqas hu, għax kieku mhux qiegħed hawn miegħi. Telaq il-kors ta' l-inġinerija wara tliet snin, meta kien fadallu biss sentejn oħra. Hija ħasra għax xtaq ikompli. Imma x'inhi l-lawrja fejn il-ferħ tal-qalb? Imbagħad ġie hawn u beda jaħdem.

Malli ġejna, iżżewwiġna minħabba li kont se noqgħod fil-post mal-familja tiegħi. Għalih kien importanti wkoll biex seta' joqgħod Malta. Iż-żwieġ inqisu biss formalità għax għalija ż-żwieġ huwa xi ħaġa spiritwali li m'għandhiex bżonn iċ-ċertifikat. Stajna ma żżewwiġniex għax naraha li meta tiżżewweġ għandek ċans li teqred ir-relazzjoni għax tabbuża b'dak il-kuntratt. Għandna t-tifla u għalija stajna ma konniex miżżewġin. Imma ngħixu Malta, u hawn idumu jħarsulek lejn iċ-ċurkett taż-żwieġ. Jekk xi ġurnata tmur ix-xgoħol mingħajr iċ-ċurkett, malajr jibdew jaħsbu ħażin.

Wara sena li ġejna hawnhekk kellna t-tifla. Qatt m'użajna xejn u konna nirraġunaw li jekk għandu jiġrilek, jiġrilek. Konna noqogħdu attenti, imma lanqas li kieku; Andreas iħobb ħafna t-tfal u ma kienx jinkedd. Jien iżda qatt ma ridt tfal sakemm kelli t-tarbija. Dejjem rajthom bħala xkiel u suppost li qabel ma ħriġt tqila biha kont sejra nagħmel il-*coil*.

Ħadt qatgħa kbira meta ndunajt li ħriġt tqila. Andreas kien miegħi meta mort għar-riżultat u beda jidħak għax in-natural tiegħu hekk. Fl-ewwel tliet xhur tant kont imdejqa li ħsibt ukoll li nagħmel abort, imma darba kont sejra x-xogħol fuq tal-linja u bdejt inħossha tiċċaqlaq ġo fija. Kien għadu ftit kmieni biex inħossha imma ħadtha bħala sinjal, qisha biex tgħidli, "Jien hawn qiegħda," u minn dak il-ħin aċċettajtha. Andreas qatt m'għamel pressjoni fuqi biex inżomm jew inneħħi t-tarbija, ħalla d-deċiżjoni f'idejja. Wara bdejt nieħu interess u kelli ktieb biex nara kif it-tarbija kienet qed tiżviluppa ġo fija.

Jien u Andreas ħbieb ħafna. Għandna relazzjoni miftuħa u ngħidu kollox lil xulxin, sa l-ħsibijiet strambi li jiġuna. Ukoll jekk inkunu ltqajna ma' xi ħadd. Imbagħad nirrealizza kemm inħobbu.

Qabel kont nistħi ngħid li r-raġel huwa kollox għalija imma llum le.

Avolja xi kultant ngħidlu li nitilqu meta jħalli l-affarijiet jiġru ma' kullimkien. Hu traskurat u għandna żgħir, żewġt ikmamar.

Kieku kellna l-flus konna mmorru noqogħdu f'dar għal rasna. Xejn ma ħsibt f'xi dar lussuża jew kompluta kif iżżewwiġna. Meta barra, fil-*hostel*, kellna biss sodda fuqiex norqdu, kollox kien lussu. Lanqas ħabbilt rasi biex ikollna wisq aktar. Għamilna biss iċ-ċerimonja sempliċi tat-tieġ mal-familja tiegħi.

Meta ġejt lura Malta bdejt naħdem mill-bidu nett. Dak iż-żmien, erba' snin ilu, jien biss kelli paga fissa. Dejjem xtaqt nibqa' naħdem imma ddejjaqt fl-uffiċċju fejn kont. In-nisa li kelli miegħi kienu antipatiċi. Kienu jgħaddu ħafna rimarki bħal, per eżempju, "X'għarukaża, tqila u tibqa' taħdem!" u, "It-tfal suppost li l-omm toqgħod magħhom u mhux irabbihomlha ħaddieħor," u ħafna botti. Forsi għax huma kienu xebbiet li, kif ingħidu, baqgħu fuq l-ixkaffa u l-ħolma ta' ħajjithom kienet li jiżżewġu, ikollhom it-tfal u joqogħdu d-dar. Kienu jniggżuni ħafna.

Għandi għajnuna mill-familja tiegħi li joqogħdu fil-parti t'isfel tad-dar imma niddejjaq għax jindaħluli. Iffissati fuq it-tifla u trid tismagħhom; jekk se noħroġha fir-riħ, se jaqbadha xi ħaġa, jekk fix-xemx, ukoll, u libbisha sew. Ommi dejjem kienet tħobb tindaħal fil-ħajja tiegħi; dejjem, sejra, "Hemm xi lbist, ħit libsa, m'għandek xejn x'tilbes, aqbad xi ħaġa u spiċċaha," dak it-tip. Missieri ma kienx jagħti kas, kien iħallini nagħmel dak li naħseb li hu tajjeb għalija. Imma wara t-tarbija beda jagħmel bħal ommi; "Għax se toħroġha f'dar-riħ, agħtiha tiekol sew, xi kruha ta' libsa..."

It-tnejn saru ossessjonati fuqha. Iħobbuha ħafna. Forsi għax ma stennewx li jien ikolli t-tfal. Ftit qabel ħriġt tqila oħti riedet tagħtini pux-ċer u xi affarijiet tat-trabi. Niftakar li għedtilha, "Int qed titmejjel bija, mur agħtihom u ara x'se tagħmel bihom." Xahar wara kelli bżonnhom.

Domt ma għedt lin-nies dwar it-tqala tiegħi. Kont inħossha xi ħaġa personali tagħna, tiegħi u Andreas. Żammejnieha bejnietna għax in-nies idejquni jistaqsuni kif jien u meta u kemm jonqsok, jew jagħtuk xi żewġ ħelwiet jew iġegħluk toqgħod bilqieda bilfors u ħafna superstizzjonijiet.

Naf biss li mindu kelli t-tarbija, moħħi spiċċa. Dit-tifla tant hi ħelwa, tant tagħtini mħabba u ferħ. Bilkemm taf timxi u tiġi titfagħni fuq is-sufan, tneħħili ż-żarbun u ttellagħli saqajja. Trid taraha żżiegħel bija jekk tarani mdejqa, tiġi titgħannaq miegħi u tfissidni.

Bdejt inħobbha malli twieldet, eżatt kif ġabuhieli ħdejja. Naħseb li

ħadd ma jkun iħobbhom qabel jitwieldu —.hija gidba — għax jekk tkun għadek qatt ma rajthom b'għajnejk, kif tista' tħobbhom ħlief fl-immaġinazzjoni? L-imħabba tikber bil-mod il-mod.

Nixtieq u ma nixtieqx aktar tfal, naħseb li iva, imma mhux għal issa. Jekk jiġu nkun kuntenta bihom għax Andreas jimmaġina karozza mimlija tfal, għax iħobbhom ħafna. Dak jieħu l-ħajja kif tiġi. Għalih m'hemm xejn straordinarju li jkollu jqum sitt darbiet bil-lejl jew ibiddlilha l-ħarqa. L-ewwel ħmistax-il ġurnata tagħha dejjem hu qam bil-lejl u biddlilha. Jien kont inżommha u nreddagħha biss. Issa għandha sentejn u nippruvaw inrabbuha f'atmosfera rilassata. Għandha erbgħa min-nies iduru magħha. Bħalissa waslet fl-istat fejn tgħid kollox le, trid tassertja ftit lilha nnifisha. Fiha sibna mħabba oħra.

Fuq ix-xogħol sejra tajjeb issa. Qiegħda f'uffiċċju ma' l-irġiel u qed insibni aħjar milli kont naħdem man-nisa. Qabel sħabi kienu joqogħdu jistaqsuni ħwejjeġ personali u dejjem iridu jkunu jafu fejn mort u x'se nagħmel. Is-sigħat iżda huma twal u qed naħseb biex nibda ngħallem. B'hekk inkun iktar mat-tifla u ma nibqax niddependi daqshekk minn ommi. Ikkalkulajt li bħala għalliema każwali jkolli l-istess paga t'issa.

Jien u Andreas nixtiequ ftit indipendenza mill-familja tiegħi għalkemm nieħdu gost magħhom. Ngħadduha, niġġieldu ftit, imma nidħku ħafna.

Oħti toqgħod qrib tagħna imma xejn ma taqbel m'ommi. Iż-żwieġ tagħha mhuwiex feliċi. Ommi u missieri għadhom jinħabbu. Ommi jiddispjaċiha dwar oħti u tgħid li kieku hi ma taqbilx ma' missieri, taqbad u titlaq, imma fil-każ t'oħti ma tridx li jekk is-sitwazzjoni teħżien oħti titlaq. Għadha temmen li bit-talb jistgħu jirranġaw. Jinkwetaw għaliha u jiddispjaċihom li oħti ma tmurx il-knisja bħalhom. Hekk biss jafu, jaħsbu li dik biss hija s-salvazzjoni.

Jien ma-mmurx wisq il-knisja, rari, imma billi għandi żwieġ tajjeb u ġieli jarawni dieħla l-knisja, iserrħu moħħhom. Oħti iżda tisfidahom. Jien tgħallimt immur għal għajnhom għax għalxejn. Tant tawna kollox u ħabbewna li lanqas ħaqq tinkwitahom. Xi kultant ngħid li ma jaqbilx iġġib 'l ulied biex meta jikbru jinkwetawk. Tant tagħti kollox għalihom. Min jaf kemm inkwetajthom meta kont indum barra.

Malta għandha bżonn tegħreq u terġa' titla'. Ma jistax ikun tibqa' din il-mentalità li trid iddum ħames snin għarusa biex tiżżewweġ ħalli jkollok id-dar, kamra tas-sodda ta' l-Lm1500, kċina ta' Lm1000, *sitting room* ta' Lm1700. Spiża enormi. Forsi l-biċċa l-kbira tan-nisa jaħsbu fiż-żwieġ

bħala l-milja ta' ħajjithom, xejn aktar. Huma joqogħdu d-dar u żewġhom imur jaħdem. Għalhekk ikunu jridu jagħmlu kollox fid-dar malajr meta ma jkollhomx l-irbit tat-tfal.

Ma nħarisx lejn il-futur għalkemm għandna xi pjanijiet u nixtiequ dar ikbar. Jekk ma jirnexxilniex nakkwistaw dak li nixtiequ, ma jkun ġara xejn. Kull ma jimpurtana hu li aħna kuntenti flimkien. Ġieli tkellimna dwar x'nagħmlu jekk ma nibqgħux sejrin tajjeb flimkien u nisseparaw. Ikollna problema żgur bit-tfal. Ma nistax nemmen li l-imħabba tagħna tista' tispiċċa, u ma rridx nemmen li tista' tispiċċa. Irrid naħdem biex ir-relazzjoni tirnexxi. Ommi u missieri ilhom miżżewġin xi erbgħin sena u għadhom iżommu id xulxin, ibusu 'l xulxin, iħobbu 'l xulxin. Naf li forsi ma nibqgħux inħobbu 'l xulxin daqs kemm ninħabbu bħalissa, imma nibqgħu nirrispettaw lil xulxin.

Bħalissa ma tantx naraw lil xulxin u xi kultant ngħidu li nixtiequ nkunu l-ħin kollu flimkien. Imma naħseb li mbagħad ma nibqgħux napprezzaw daqshekk lil xulxin. Hekk, ikolli seba' mitt sena biex immur lura d-dar u nara lil Andreas. Iktar milli nkun ħerqana biex nara t-tifla; ma nafx kif ngħidu li t-tfal iħobbuhom aktar minn żewġhom. Bħala familja, it-tlieta flimkien immorru tajjeb.

Ngħir għal Andreas: Anke jekk jiġi jirrakkontali x'qaltlu xi tfajla fuq ix-xogħol jew ilaqqagħni ma' xi tfajla ħelwa li taħdem miegħu. Hu jgħid li ma jgħirx. Naf li m'għandix għax ngħir, u tant nidħku meta jgħidli li ħlief nagħmel il-*video tapes* f'moħħi ma nafx. Forsi għax meta kont għadni *teenager* kont ħriġt ma' raġel miżżewweġ u nħoss li ma kienx ġust ma' martu avolja ż-żwieġ ta' dan il-bniedem kien diġà ħażin u llum spiċċa.

Iż-żmien ma jfisser xejn għalija. Issa se nagħlqu erba' snin li ilna flimkien. Mil-lat spiritwali ma nixtieq xejn għax kuntenta.

Materjalment nixtieq kieku xi *detached bungalow* u nixtri karozza sabiħa lil Andreas.

# JESSICA

*"Biex nerġa' naħrab mir-realtà kelli bżonn id-droga u x'kont se nagħmel meta jispiċċawli l-ismoke u l-alkoħol?...qtajtha li nagħmel xi ħaġa."*

Kont qed inħossni frustrata mar-raġel, dejjem irridu xi ħaġa; drogi, drogi, drogi, li jkun, qisna landi taż-żibel: ġurnata LSD, ġurnata eroina, ġurnata alkoħol, ġurnata kokaina, kuljum ħaxixa, hekk, kuljum naraw x'nivvintaw.

Jien kont niġġilidlu, ngħidlu, "Għadna kif ħadna xi ħaġa, trid xi ħaġa oħra?" u dejjem bl-inkwiet, u ħassejt li jekk se jkolli tarbija se tiġi ħażin. Ħsibt li jekk il-flus tan-negozju jkunu f'idejh jibda jabbuża. Hu jibqa' *junkie*, jitlaq, jaħrab jew xi ħaġa u jien nitwikka bit-tfal..., ħafna inkwiet. Allura ġġilidt miegħu.

Ħsibt ukoll li kien qed jieħu affarijiet bil-moħbi tiegħi. Veru li ħafna affarijiet kien jiħodhom quddiemi, per eżempju, għamilna patt li ma niħdux eroina waħidna u *smoke* dejjem naqsmuha biex ma niġġildux, imma mbagħad bdejt nissuspetta li qed jieħu l-LSD minn wara dahri għax filgħodu kien jgħidli biex nieħdu u jien ngħidlu, "Tieħu u sejjer għax-xogħol, mela qed tiġġennen, tmur ix-xogħol hekk," u mbagħad bdejt nara wiċċu u l-attitudni tiegħu jinbidlu, sar qisu kaboċċa. Iġġilidt miegħu u keċċejtu mid-dar. Għalija kont nixtri blokka ħaxixa, nixrob kemm niflaħ u ninsa l-problema.

Imbagħad indunat li kelli bżonn l-għajnuna. Iddeċidejt li nagħmel xi ħaġa, għax irraġunajt li biex nerġa naħrab mir-realtà kelli bżonn id-droga. U x'kont se nagħmel meta jispiċċawli l-i*smoke* u l-alkoħol? Allura nfridna. Hu ried ikellimni imma jien ma ridtx u għedtlu, "Jekk tieħu ftit għajnuna u trid li tinbidel, hemm tama għalina." Għedt lill-*mummy* li ridt nagħmel il-programm terapewtiku biex neħles mill-vizzju u bdejtu.

Ommi qatt ma qatgħet qalbha minni; ġieli rriġettatni imma biex iżżommli, biex nipprova ninbidel. Tatni appoġġ, fis-sens li qatt ma keċ-ċietni mid-dar, u qatt ma qatgħet qalbha għal kollox minni. Ħallietni fil-

libertà biex nagħmel li rrid, imma fl-istess waqt kienet tiġi miegħi l-isptar u l-qorti għax il-pulizija ġieli qabduni jew ġew għalija. Darba, minn *overdose* id-dar, ħuti ħaduni l-isptar għax ma setgħux isibu tabib, u minn hemm sibt ruħi l-ħabs; żammewni xi ġurnata. Ma kellix *withdrawals* għax kont ili *junkie*, imbagħad waqaft u darba fis-sena naqa' fuq l-i*smack*, imma kuljum, kuljum, inpejjeġ il-ħaxixa, minn meta kelli 18-il sena.

Iddejjaqt fl-aħħar għax kont naf li qed tagħmilli l-ħsara; ma kontx nista' nħares lejn il-mera għax l-espressjoni tiegħi nbidlet. Ir-ritratti tat-tieġ kollha qattajthom għax rajtni qisni mostru. Għedt, dik mhix Jessica; wiċċi bla sura, għajnejja ma nafx kif; ommi tidher iżgħar minni. Kont naf li d-drogi qed ikerrħuni imma kont ngħid, aħjar inkun *high* u kerha milli normali u *straight*.

Minn meta kont żgħira ħafna kont inħoss li ma kienx kollox sew bejn missieri u ommi; kienu jillitikaw fuq il-politika (kienu s-snin sittin) u kont inħossni skomda minħabba sħabi ta' l-iskola. Kont nibża' nitkellem, nibża' mill-istudji, naqta' qalbi meta nara 'l ħuti sejrin tajjeb, bravi, kollha bravi.

Missieri kien jaħdem f'uffiċċju u kont immur ħażin ħafna miegħu. Ommi u hu qatt ma nfirdu imma hu kien joqgħod f'kamra u hi f'oħra. Bejniethom kien hemm ħafna tensjoni; il-*mummy* riedet tidħol għan-negozju għax kienet ġejja minn familja tan-negozju, riedet dar ikbar, tibgħatna skejjel tajbin, tlibbisna sew u ssifirna. U d-*daddy* le, xejn, kollox jiddejjaq, u kien izikha ħafna fuq il-politika minħabba l-familja tagħha.

Ommi kienet tmexxi d-dar b'ekonomija kbira imma bagħtitna l-*ballet* u skola privata kif xtaqet. Kienet taf tgħix bi ftit, ħadd ma kien se jisraqha u meta ssiefer dejjem iġġib l-affarijiet għalina u għaliha xejn. Riedet l-indipendenza għax għal missieri li tgħid hi kollox kien ħażin; per eżempju, kien hemm xi ħadd li ried ibegħilha n-negozju għal ftit flus. Kellha bżonn tissellef u missieri ma kkoperax; ma riedx. Biex issa, wara ħafna snin, ħuti xtraw l-istess negozju għal ħafna eluf. Meta kelli dawk l-għaxar snin, ommi ħarġet taħdem.

L-ewwel darba li ġew fl-idejn kelli xi tmien snin. Kienu fl-intrata, u jien u wieħed minn ħuti konna qrib; bdew jgħajtu u f'daqqa waħda qabdu jagħtu; lili u 'l ħija tajruna min-nofs u minn dak il-ħin ħassejt li qatt ma setgħu jiftiehmu bejniethom.

Kont ningħalaq fis-salott bil-*headphones* f'widnejja nisma' l-mużika tar-*Rolling Stones* u l-gruppi ta' dak iż-żmien, u nagħmilha tgħajjat biex

ma nismagħhomx. Ħuti l-kbar kienu l-kulleġġ, u oħti kienet żgħira wisq għall-kumpanija. Bdejt infittex il-ħbieb, bniet ikbar minni u ġuvintur li kellhom sew fuq l-għoxrin. Dan meta kelli 14-il sena.

Wara x-xogħol missieri dejjem kien imur il-knisja. X'ħin jiġi lura jitfa' l-*headphones* f'widnejh u joqgħod jisma' 'l Beethoven. Moħħu dejjem fl-affarijiet tax-xogħol u tal-knisja; ma kienx jilgħab magħna u dejjem il-knisja. Kont inħossni ngħir għall-knisja u ma bqajtx immur aktar.

Dak iż-żmien il-*mummy* kont nittrattaha ħażin; kienet iddejjaqni dejjem tikkonfrontani; minn filgħodu sa filgħaxija. Kont naraha dimonju; riditni nkun indipendenti, tgħid, "Meta kont daqsek kont naħdem." Ħassejtni dgħajfa ħdejha u kollox kien ibeżżagħni. Fl-iskola, fl-affarijiet li ma kellhomx bżonn studju, bħal-lingwi, kont tajba ħafna. Kont inġib marki għoljin u ħassejtni tajba meta għaddejt lil kulħadd, imma mbagħad f'suġġetti oħrajn fejn jidħol l-istudju kont batuta. Xtaqt insir arkeologa imma meta smajt li ridt nagħmel l-*A levels,* immur l-università, nistudja l-Latin u affarijiet li ma kontx inħobb, bżajt u qtajt qalbi.

Fl-iskola kont infittex l-iżjed tfajliet fuq tagħhom; kont indaħħak ħafna imma kelli ħafna tensjoni. Meta ommi marret taħdem ħassejt id-dar vojta, għax hi kienet tipproteġini ħafna. Kont noqgħod nara t-*television* u nieħu ħsieb ħuti ż-żgħar. Kont nieħu pjaċir magħhom.

Batejt ħafna bin-nifs meta kont tifla u kont nibki ħafna wara xi attakk gravi għax it-tabib qatt ma ried jagħtini l-valjum. Niftakarni nitolbu meta kelli dawk id-disa' snin u dejjem inqalleb fil-kxaxen infittex biex nibla' xi pilloli, qisni kelli kilba għall-kalmanti biex naħrab mir-realtà li kienet iddejjaqni wisq.

L-ażżma ma kinitx tħallini norqod u ommi dejjem qagħdet imqajma miegħi bil-lejl; kienet tibki u tinkwieta għalija. Kont se mmut kemm-il darba, għax kont inħossni ma nistax nieħu nifs iżjed. Kont inħossni se niġġennen daqs kemm ridtha tgħaddili; 'l ommi dejjem sibtha miegħi biex tikkonslani. Sa sittax, l-ażżma għaddietli u ma nafx kif, bdejt inpejjep.

Missieri qatt ma wrieni mħabba u meta sirt xebba bdejt infittex l-imħabba mingħand l-irġiel. Kont nidher kbira, qisni mara. Ridt l-imħabba imma ma kontx naf kif se neħodha. Kont żgħira, 15-il sena, u tajt kollox mingħar ma ħsibt fil-konsegwenzi.

L-ewwel darba li nqridt (iddrogajt ruħi), ħriġt tqila. Kont traskurata u ma ħadt ebda prekawzjoni. Wara t-tarbija bdejn nuża l-*coil.*

Meta ħriġt tqila għedt — Issa nżommha sigriet, u meta nibda nidher nagħmel suwiċidju; kont diġà ppruvajt darba meta kelli tlettax, għax ma ridtx niffaċċja l-ħajja. Kont qbadt flixkun pilloli ta' l-irqad ta' ommi u blajthom. Kont narahom żgħar u naqbad xi għaxra minnhom u niblagħhom, imma dakinhar blajthom kollha għax ridt immut. Meta sabuni cemplu t-tabib u sakemm wasal tawni ħafna kafè u erġajt ġejt f'tiegħi.

Ir-raġel li ħriġt tqila minnu ma kienx xi *boyfriend* li kont noħroġ regolari miegħu. Dak iż-żmien ridt inkun distruttiva, kont ġa bdejt nipprova d-drogi imma kontx fuqhom regolari. Konna ftit tfajliet ta' l-iskola u għamilna ħbieb ma' rġiel fuq l-għoxrin. Dawn kienu jpejpu l-ħaxixa u għall-ewwel ħadd minna ma ried imissha; imbagħad kollha ppruvajnieha. Bqajna ħbieb magħhom, min joħroġ ma' dak u min ma' l-ieħor; huma kellhom *girlfriends* oħrajn. Uħud kienu miżżewġin. Kont miġnuna mmur ma' raġel miżżewweġ; dak iż-żmien qisni kont mingħajr *feelings*, u sħabi bħali, għalkemm xi wħud kellhom sens iktar minni u biċċiet inqas.

Ommi kienet tħares lejja u tgħidli kemm qed niħxien. Ma kellix kuraġġ nagħmel xi ħaġa u ppanikjajt; kelli ngħidilha. Id-*daddy* tani xebgħa malli qaltlu; dik kienet l-ewwel darba li sawwatni, hu qatt ma kien jikkoreġini ħlief biex jgħidli ma nilbisx skullat jew qasir, u biex immur il-knisja. Ommi kienet tagħtini, mhux b'kattiverja, imma kienet tilgħabli d-daqqiet meta kont niġġieled magħha.

Dik id-darba ma missitnix imma bdiet tibki u tgħajjat, "Irridu naraw x'se nagħmlu!" U paqq pumm sibt ruħi 'l bogħod mid-dar, f'istitut tat-tfajliet ommijiet. Il-*mummy* kienet tiġi tarani u minħabba ċ-ċirkostanzi tal-familja, ridna naraw x'se nagħmlu bit-tarbija. Dak iż-żmien Malta ma kienx aċċettat li jkollok tarbija meta m'intix miżżewġa u rraġunajna li ma kinitx ħaġa sew li ħuti jbatu u niġu f'ilsien in-nies. Ħsibna f'familji li nafu li ma kellhomx tfal imma għedna, jien kont se mmur u ngħidilhom dik tiegħi wara li jkunu rabbewha? Allura ħallejtha għal dejjem.

Ma rajthiex meta twieldet biex ma nħoss xejn għaliha u tajtha 'l-maġistrat biex tmur għall-addozzjoni. Ġew ħafna li offrewli l-flus biex nagħtihielhom; ma stajtx nemminha imma huma riedu t-trabi u ma setgħux ikollhom.

Meta ġejt lura d-dar ħassejtni qisni mejta, kiesħa silġ, mingħajr *feelings* ta' xejn, għax jiena ġejt imma xi ħaġa minn qalbi baqgħet hemm. Kont qisni l-ħares. Ma stajtx nara tfal, ma ridtx inħares lejhom, ħassejtni

ma stajtx nimxi, weħilt. U l-esperjenza kienet tbeżżagħni ħafna biex nibda relazzjoni.

Domt ħafna nżomm l-istorja moħbija ġo fija u wasalt biex fl-aħħar nitkellem dwarha u niżvugaha ma' ċerti nies għax ma flaħtx iżjed. Ma naf xejn dwar x'sar mit-tarbija tiegħi.

Domt sentejn dejjem inħossni ħatja. Bqajt imdejqa, inħossni *guilty* u *guilty* sakemm darba ddamdamt waħda sew bl-alkoħol u l-ħaxixa flimkien u ndunajt li dik kienet l-ewwel ġurnata f'sentejn li ma ħassejtnix *guilty* li abbandunajt it-tifla. Għedt, mela jien se nagħmel hekk kuljum biex ma noqgħodx naħseb.

Ta' 22 kelli *boyfriend*, kien *drug addict* ukoll, l-ewwel fuq il-ħaxixa biss. Domna flimkien; kien jiġi għalija kuljum, kuljum. Kien tifel ħelu, minn familja sew u r-relazzjoni kienet kif għandha tkun. Bdejt nieħu l-eroina minħabba fih għax hu kien abbandunani minħabba fid-droga. Malta kien għad m'hawnx il-programm biex taqta' d-drogi u l-ġenituri tiegħu ħallsulu u mar jagħmlu barra. Għadu sallum jirrispettani u jiġi jarani fuq ix-xogħol. Qatt ma tkellimt miegħu fuq it-tifla imma hu t-tip li kien jaċċettaha kieku għedtlu. Jien żammejt lura; ridt nagħmel xi ħaġa imma lill-ġenituri tiegħi ma għedtilhomx.

Imbagħad sifirt u n-nies li għamiltha magħhom hemm kienu jpejpu a la salvaġġa.

Ommi u missieri kienu jafu li qed nieħu d-drogi; missieri qatt ma ta kas sakemm ġew il-pulizija d-dar; rawni nixtri xi ħaġa u ġew ifittxuha d-dar. Ma sabuhiex għax ħadthom ġol-kamra t'oħti. Ġew kemm-il darba jfittxu l-eroina. Dejjem ħdimt, allura kelli l-flus biex nixtriha. Kont nagħmel il-flus mid-droga wkoll; kelli ħafna kuntatti. Kont nixtri libbra ħaxixa li tiswa xi mitt lira u nbigħha sa Lm40 'l uqija.

Tlaqt mid-dar għax iġġilidt u l-flatt tiegħi sar qisu klabb. Dak iż-żmien kont xi kultant *anti heroin*, 'per eżempju, meta rajt ħafna nies ifaqqgħu fil-kamra tal-banju tiegħi, keċċejthom. Dak iż-żmien kont għadni fuq il-ħaxixa, l-LSD, u nissnortja li jkun.

L-ewwel esperjenza fuq l-LSD kienet qawwija ħafna. Bdejt nimmaġina ħafna affarijiet; morna x'imkien fil-kampanja u kien hemm ragħaj u bdejt nimmaġinah Gesù, smajt mużika ħierġa mill-art, il-fjuri u x-xemx bi lwien brillanti. Imma għall-ewwel malli ħadtha kellhom jixxejkjawni l-ħbieb; bdejt inżomm l-istonku għax ħassejtni dieħla ġo *tunnel* iswed, u bdejt nara kollox ikrah u tal-biża'. Sakemm dħalt f'dik ix-xena sabiħa...

Kelli ħafna *bad trips* bl-LSD; kont nimmaġina lil xi ħadd ġej warajja

biex joqtolni u kien jaqbadni biża' kbir. Kollox ma' kollox l-esperjenza tad-drogi mhix sabiħa. Imma kont nibqa' neħodhom għax, per eżempju, dawn il-ħbieb barranin kienu jegħjew jitkellmu bl-Ingliż, allura kont inpejjep u npejjep biex ninstabat u norqod.

Ma nafx kif bdejt nieħu l-eroina, naħseb li minħabba l-ħbieb. Ir-nexxieli ninjettaha waħdi, ma' l-ewwel. Kont għadni ngħix barra u darba rajt ħafna *junkies* u tlabt lil wieħed jagħtini *injection* u jagħmilhieli hu. Tajtu l-flus u għamilhieli u daqshekk, m'erġajtx missejtha għal xi sitt snin.

Ridt nesperimenta. Meta ħadtha ħassejtni qisni mejta, tajba, ma taħseb f'xejn, fl-ebda problema. Ma stajtx inqum mis-sodda jew nitkellem, qisna mejta. Issa ngħid li ma kinitx esperjenza sabiħa imma dak iż-żmien kienet isserraħni. Ġejt lura Malta b'*overdose* ta' *acid*, LSD. Moħħi ma kienx f'sensih u ma ridtx immur il-manikomju. Kont nieħu ħafna LSD u ħaxixa u minħabba f'hekk tlift ix-xogħol. Kont il-*manager* ta' bar u kont indaħħal ħafna flus, imma kulħadd kien jisraqni meta kont iddrogata u fl-aħħar kelli nitlaq. Tħawwadt, bdejt nimmissja x-xemx u l-familja, u ġejt lura. Ommi bkiet meta ratni għax kont qisni l-mewt.

Meta ġejt lura Malta għamilt ħafna ħbieb negattivi. Imbagħad bdew imutu ħafna ġuvintur ħbieb tiegħu bl-*overdose*; wieħed minnhom kien ħabib kbir tiegħi. Ħassejt li se jmut għax jumejn qabel miet tani *lift* fuq mutur u bdejt nitlob lil Alla biex naslu d-dar. Miet bil-mutur. Kif saq dakinhar ħassejtu li ried imut. Kien tifel veru sabiħ u ddispjaċieni. Imbagħad miet ieħor. Kien *drug addict*. Kellu inċident bil-karozza li fih qatel raġel. Il-ħtija li ħass wara d-diżgrazzja wasslitu biex jieħu drogi fuq drogi, u miet. Warajh kien hemm ħabib ieħor li ħassejt li kien se jmut. Kont għadni kif mort id-dar tagħhom; hemmhekk konna dejjem deħlin u ħerġin għax ommu kienet tħallih jagħmel li jrid. Rajtu kważi blu u ommu kienet hemm ħdejh tgħaddi l-ħwejjeġ qisu ma kien qed jiġri xejn. Darba ġrali hekk id-dar, ommi donnha ma riditx temmen, tħares lejja u ma tridx temmen.

Jien ma kontx inħalliha tkellimni; nattakkaha qabel tkellimni, ngħajjat u nwerżaq u nitlaq niġri biex ma nagħtihiex ċans. Kont naraha taqrali moħħi. Kienet iddejjaqni u kont nobgħodha; kemm kont nobgħodha dak iż-żmien. Kelli mħabba kbira lejha imma kienet iddejjaqni għax meta nagħmel xi ħaġa ħażina tgħidli ma' l-ewwel; ħassejtni li ma stajtx naħrab minnha, ma stajt nagħmel xejn. Kienet ħallietni meta ridt immur għal rasi. Illum nifhem u napprezza dak li għamlet miegħi. Kont nagħmel sena,

imbagħad nerġa'. lura d-dar, qatt ma għamilt iktar minn sena għal rasi.

Keċċejt ħafna ġuvintur minħabba d-droga, għalija d-droga kienet iżjed importanti. Ma ridtx niżżewweġ, ma ridtx tfal. Ħassejt li ma kellix id-dritt li nerġa' jkolli t-tfal wara li abbandunajt it-tarbija; għedt, mela l-kastig tiegħu hu li noqgħod mingħajr it-tfal għax l-imħabba li ma tajtx 'l ewwel waħda mhux se nagħtiha 'l ħaddieħor.

Kienet attitudni ħażina għax naf li tajtha f'familja fejn riedu jħobbuha, tajthom il-grazzja t'Alla. U kont inħoss li għamilt tajjeb li tajtha. Għandi kurżità biex naraha; min jaf kemm kibret, jekk qalulhiex, jekk tobgħodnix, jekk tistaqsix għaliex. Kont ħallejt ittra mal-maġistrat imma ma nafx jekk tawhilhiex. Kelli viżjonijiet li rajtha u nagħmel ħafna dwejjaq meta jiġrili hekk. Għandi kuġina eżatt daqsha, u nħoss ħafna meta naraha. Dan l-aħħar aktar sar iħossni ħażin dwar il-fatt li tajtha għax donnu spuntaw ħafna tfal li huma illeġittimi. Nara li huma aċċettati daż-żmien, u ngħid — Jaħasra kieku qiegħda miegħi bħalissa!

Kelli xi *boyfriends* li riduni bis-serjetà imma wħud minnhom ġew meta kont ġa żżewwiġt; dak li kelli qabel bdejt nieħu l-eroina, ġie wkoll u beża' minni; kien hemm wieħed iżgħar minni imma ma ridtx problemi għax il-familja tiegħu żgur li ma tkunx tridni bil-passat tiegħi u wara ftit kont se nħossni xiħa avolja ftit hemm snin bejnietna; ir-raġel ukoll huwa ftit iżgħar u gidibli meta qalli li kien daqsi, imma ma jidhirx.

Kont ilni xi sena naħdem fin-negozju tal-familja u ħassejtni *lonely*. Għalaqt il-ħanut u waqaft nixtri s-sigaretti. Minn *pub* ħareġ ġuvni, ħarisna lejn xulxin u ħassejt xi ħaġa stramba. Meta ħarist sew, għedt le, dan għandu wiċċ ta' wieħed raff. Ħareġ warajja u għajjatli biex ikellimni u ftit ftit bdejt inħossni miġbuda lejh. Kien jixrob ħafna u iktar ma jgħidli fuqu nnifsu, inqas stajt nafdah bil-flus, hekk, imma ħassejtni wisq miġbuda lejh.

Ma kontx naf x'se naqbad nagħmel u għedt, id-droga tgħinni, għax dejjem hekk, meta jkolli problema u niġġieled mal-*boyfriend* nagħmel ġurnata npejjep u nixrob u jgħaddili. Kont nibda mis-sebgħa ta' filgħodu għax ngħid kif se mmur ix-xogħol *straight*, nibda nara kollox ikrah allavolja kont naf, għax ippruvajtha, li jekk immur mingħajr ma npejjep kont niġi d-dar b'ħafna aktar flus.

Iżżewwiġt, għamilna l-kitba taż-żwieġ għax ħassejt li ma stajtx nafdah bil-ġid tal-familja tiegħi, u ħriġt tqila. Irrabjajt ħafna miegħi innifsi għax ma kellix kontroll fuq is-sigaretti u ma ridtx nieqaf mill-*marijuana*, u ma kontx naf x'se jiġrilha din it-tarbija u għedt — Issa jekk tiġi marida, x'se nagħmel? Ħassejtni *guilty* u ġewni ħafna ħsibijiet ta' qabel u bżajt.

Bdejt nitlob 'l Alla biex jeħlisni. Ma kienx tard biex nagħmel l-abort; ma stajtx niddeċiedi. Waqt dan it-taqlib kollu ħassejt ħafna wġigħ. Ftit wara korrejt u għedt, kemm iħobbni Alla, għax bdejt nitlob ftit ħniena għal dik il-kreatura.

Żewġi ddispjaċieh meta korrejt imma jien kont ngħid — Kif nista' nġib tarbija fid-dinja jekk kull ma jkollna nonfquh fid-drogi! Konna nonfqu mitt lira fil-ġimgħa drogi biss u dit-tarbija kif se nżommuha b'dawn il-vizzji?

Hu kien qed jaħseb li jien ma rridx tfal, imma le, mhux hekk; jien irrid tfal imma ma kienx possibbli f'dak l-istat li konna. Għedtlu li t-tnejn irridu nagħmlu sforz biex nerġgħu nibdew mill-ġdid u ftehemna li hu jmur f'komunità barra biex jeħles mill-vizzju tad-drogi u jiena nagħmel il-programm hawnhekk.

Il-*mummy* aċċettatu u saret tħobbu. Ħallsitlu u għenitu biex jibda l-programm fil-komunità terapewtika fejn qiegħed. Ħassejt li jkun aħjar għalina t-tnejn jekk ma noqogħdux hawn nagħmlu l-programm flimkien.

Hemm ħafna affarijiet li nixtieq nagħmel jekk jirnexxili nagħmel il-programm u negħleb il-problema tad-drogi. Il-flus li nagħmel inkun nista' ngawdihom tassew u forsi wkoll inwettaq il-ħolma li xi darba jkolli l-"*boat*" tiegħi.

# MAY

*"Il-qrusa tiegħi marritli meta ġibt it-tarbija."*

Id-dar konna sitta, jien it-tielet waħda. Il-papà kien surmast u miet ta' 33 sena. Kelli ħames snin u ma niftakrux ħafna, ftit qabel miet mort niġri naqsam it-triq biex nifraħ bih meta kien ġej mill-iskola u kienet se ttajjarni karozza. Il-mamà tgħidli li meta mradt bid-deni rqiq kien iżommni ħdejh, il-bniet kien iħobbhom. Bla papà kull fejn tmur kien ikrah, iebes wisq.

Qabel miet ġiet ambulanza kerha quddiem id-dar u ħaduh fiha. Lilna ħaduna għand il-ġirien u ftit jiem wara libbsuna ċ-ċoff iswed. Nafu biss mir-ritratti. Kellna bejbi ta' ħmistax-il ġurnata meta ħassu marid ħafna.

Il-mamà damet ma qaltilna biex miet għax ħasbet li ma konniex se nsibu postna fis-soċjetà. Hi mietet bl-istess marda tal-kanċer meta kellha 68 sena. F'xahar mietet.

Trabbejna f'dar kbira man-nanniet. Il-mamà kellha 29 sena meta romlot u bqajna ngħixu fid-dar tan-nannu. In-nannu konna nsejħulu papà. Kien igħid lill-mamà li ma kellhiex għalfejn terġa' tiżżewweġ għax ħa ġurament li jieħu ħsiebna quddiem il-papà qabel miet. Rabbiena flimkien mal-ħamsa tiegħu. Kellu 21 tarbija imma ħamsa salvaw għax dak iż-żmien kienu jmutu ħafna trabi b'imsarinhom.

Għallimna l-iskola; min ma riedx ikompli fi skola privata mar tal-gvern bħali. Għamilt sas-*6th* u ridt nieħu l-*housecraft* għax ma xtaqtx inkompli. Ħuti s-subien marru l-liċeo u oħti laħqet *teacher* u marret soru.

Kienu lura u ma ħallewnix noħroġ naħdem; ix-xogħol ta' *salesgirl* kien baxx għalihom. Xtaqt nagħmel xi ħaġa għalija biex ikolli ftit flus, mhux dejjem irrid nitlob lill-mamà biex tagħtini. Ħriġt mill-iskola qabel kelli 14-il sena u bqajt id-dar. Kont immur il-Belt nitgħallem il-ħjata u mbagħad mort nitħarreġ ma' ħajjata tajba. Qatt ma ħallewni naħdem barra d-dar u lanqas riduni nġib in-nies id-dar biex inħitilhom.

In-nannu kellu n-negozju u kien jaħseb li mhux sew iħallina noħorġu naħdmu. Kien jgħidilna, "Tiżżewġux u sakemm nista' nżommkom, ibqgħu hawn." Naf ħafna ġirien tampari li qatt ma ħadmu.

Id-dar ma kontx noqgħod b'idejja fuq żaqqi. Kienet kbira, b'għaxart ikmamar u b'erba' ħuti ġuvintur u oħti *teacher* kien hemm ħafna xogħol;

kont qisni seftura tagħhom. Kont ftit imfissda wkoll. Ix-xogħol tad-dar li nagħmel ma kienx apprezzat, lanqas illum, għax jekk ma nneħħix dak l-*ashtray* maħmuġ, hemm jibqa'; jien irrid inkun, għax hu jgħidli, "Jien mhux ix-xogħol inkun!"

Fejn jidħol in-namur ukoll kellhom moħħhom magħluq; in-nannu kien jgħidli, "Ara ma ġġiblix xi suldat Ingliż."

Ħajti nafha dejjem man-nanniet, dejjem nisimgħu qanpiena waħda f'kollox, per eżempju, gazzetta waħda tidħol id-dar, li jgħid in-nannu ġej mis-sema.

Ma kont naf xejn dwar il-ħajja, tgħallimt kollox mit-tfal u bil-maqlub; per eżempju, kienu jgħiduli li l-bejbi jkun f'żaqq l-omm u biex jisquħ il-*bottle* jaqsmulha żaqqha. Innamrajt ma' żewġi meta kelli tmintax u ma kontx naf eżatt x'tagħmel u kif jiġu t-tfal. Imbagħad xtrajna ktieb u qrajnieh meta konna namrati.

Kelli ħdax meta ġieni l-*period*; kont naf mill-ħbieb u domt jumejn biex għedt lill-mamà. Konna dejjem naħbu l-affarijiet biex ma jarawhomx is-subien.

Żewġi ġej minn raħal viċin. Konna nkunu hemm spiss imma qatt ma rajtu. Darba minnhom il-mamà kellha wġigħ ta' ras u bagħtitni nixtri l-aspirina mingħand l-ispiżjar, naf li waqfet karozza tal-linja u niżlu żewġ ġuvintur. Wieħed kien tifel kbir u jġib iktar mill-età tiegħu, baqa' jsegwini, daħal l-ispiżerija warajja jgħajjatli. Dort u staqsejtu min kien, u bdejna nitkellmu. Qalli fejn joqgħod, li kien ġej minn xi lezzjonijiet u li ma jaħdimx. Ħadtu biċ-ċajt, immaġinajtu kbir u għedtlu, "Għax ma tmurx tbennen u toqgħod mal-mara!" Jien kelli tmintax u hu dsatax. Wara xi jumejn għedt lill-mamà li ltqajt miegħu. Qaltli, "Oqgħod attenta, ara tgħid lin-nannu!" Għandi z-ziju qassis u bagħtet tistaqsi għalih miegħu u rawli x'familja kien. Jien kont għamilt *date* miegħu u meta ġejt lura d-dar fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija, qaltli, "Inża' dak iż-żarbun u ara jarak in-nannu għax jagħtik xebgħa biċ-ċinturin." Ma kontx ħriġt waħdi miegħu. Kont mal-kuġina u hi kellha *boyfriend* u ma qaltlix. Kont innoċenti. Bdejt noħroġ miegħu għax ħsibt li kien tajjeb għalija; dak kien id-destin tiegħi.

Il-mamà ma qaltli xejn għall-bidu, imma l-kappillan tar-raħal tiegħu qalilhom li kien jaqra *Il-Ħelsien*, li kienu familja Laburista u li ma kienx tajjeb għal binthom. Lill-mamà tiegħu qatt ma berkilha għax kienu Laburisti. Nista' ngħidlek li ommu kienet aħjar minn tiegħi għax iċ-

ċenteżmu kienet taf iġġebbdu u taf tqassam. Kienu nies sew ħafna.

Fuq kliem il-kappillan ħaduli ż-żarbun u l-ħwejjeġ biex ma noħroġx. Hu kien jiġi wara l-persjana jistenna u jien ngħidlu li ma ridunix. Ftit jiem wara, ċempel lill-mamà u staqsieha għaliex ma riduhx. Qalilha li hu ma jżommx mal-partit. Emmnuh u ħallewna noħorġu flimkien. Ħuti kienu kollha kontrieh.

Għal żewġi webbist rasi u bqajt inkellmu. Kelli z-ziju l-qassis kien jiġi d-dar bil-gazzetta wara xi *meeting* tal-*Labour*. Kien jifli r-ritratt u jagħmel vleġġa fuq ras in-namrat tiegħi u jgħid lill-mamà, "Ara 'l min qed tkellem bintek!"

Il-*boyfriends* li nagħmel *date* magħhom fuq l-għatba ta' l-iskola kont inħallihom jistennew. Ma mmurx għax il-mamà tiegħi dejjem tgħidli, "Dak ommu hekk u l-ieħor hekk," u kienet issibli d-difetti fihom. Qatt ma kont brikkuna biżżejjed biex ngħidilha li sejra x'imkien u noħroġ magħhom. U snin wara, iddispjaċuta b'li ġrali, kont ngħidilha, "Kieku llum jien il-mara ta' dak jew ta' l-ieħor, dak laħaq hekk issa." U hi tgħidli, "Ma tistax tgħid, forsi kien jitilqek dak iż-żmien;" dejjem toħroġli minnha.

Ħuti s-subien kellhom il-libertà kollha biex joħorġu u jien għax tifla, le. Ma kontx nirribella għax kont naqlagħha u n-nannu kelli nurih ftit rispett għax rabbiena u ma bagħatniex l-istitut. Kelli ġuvintur sew u b'*jobs* tajbin iriduni. Illum inqabbel għax kull mara tqabbel. Ħbieb tiegħi jgħidu, "Kieku jien il-mara ta' dak illum."

Meta tal-familja għamlu dik l-oppożizzjoni kollha kontrieh u meta rajtu lest li jiġġieled għalija, webbist rasi għax kont inħobbu. Ħarist lejn il-karattru imma ma konniex naqblu f'kollox. Konna għadna namrati u kien igħidli li ma jridx tfal ma' l-ewwel. Jien kont ngħidlu li vażun nixtrih bin-nifs imma t-tfal le, u dejjem konna niġġieldu dwarha.

Meta qabad jaħdem dħalna d-dar ta' xulxin u sentejn wara żżewwiġna. Ma konniex noħorġu u ndumu, iktar konna ninnamraw ġewwa milli barra u dejjem bix-*chaperon* magħna. Tiegħi kienu l-kuġini. Konna mmorru sal-ġnien u hu jgħidilha, "Mur naqra fuq dak il-bank," għax kien irid jitkellem miegħi. Ix-*chaperons* li kelli tellfuni għax forsi ma kontx nieħdu li kieku kelli naqra libertà; ma ngergirx minnu imma..., biex inbusu 'l xulxin darba fill.

Waqt in-namur qatt ma ħallewna waħidna. Għax ċajtiera u fuq tiegħi kienu jaħsbuni brikkuna u meta kien jiġi d-dar ommi toqgħod faċċata tagħna wara l-kolonni. Ommi qaltli li hi u l-papà qatt ma raw lil xulxin bla

ħwejjeġ, kollox minn taħt il-kutri. Żewġi ma kellux il-ħażen ta' ġuvintur oħra u jekk tistaqsini kif iżżewwiġna, ngħidlek ma nafx.

Kellna tieġ sabiħ. Il-mamà ddispjaċieha li kienet daħlet il-politika. Il-familja tiegħu kienet waħda sew u hu qala' ħafna mill-familja tiegħi minħabba l-politika. Stedinna z-zijiet u l-kuġini u l-ġirien u wara morna għamilna ġimgħa *honeymoon* f'lukanda.

Fl-ewwel lejl żewġi beka għax ħalla l-mamà tiegħu armla waħidha u jien ħsibtu marid. Ma kellniex sess u z-zijiet li ġew jiġbruni mil-lukanda ma ridux jemmnuni meta staqsewna kif morna. M'għednielhom xejn imma ndunaw li mhux kollox sew. Stajt ma kontx verġni kieku ridt. Sess xejn ħlief ftit *love play* u minn dakinhar ħadtu fuq demm id-dars. Ħbiebi tant kienu mlewli moħħi, jinkuni u jgħiduli "Ħu hekk" u "Ħu hekk" għall-*honeymoon*, li d-diżappunt kien kbir wisq għalija. Kien jibża' li jkollna t-tfal imma meta jibda ma kienx kapaċi jkompli. Kieku veru li kien minħabba t-tfal anke jien kont immur nixtrilu l-kontraċettivi. Il-*honey-moon* kien ikrah u meta nisma' n-nies jgħidu kemm marru tajjeb fil-*honeymoon*, ngħid mela tiegħi marid. Bilfors taħseb hekk; domna erba' snin qabel ma kkunsmajna ż-żwieġ u fit-tletin sena li ilna miżżewġin, mhux żgur għamilna ħames darbiet. Kif jista' jkollok it-tfal hekk?

Seta' kelli t-tfal imma li jgħid hu kien jgħodd, qisek imsawta minnu. Darba minnhom għedtlu u qalli, "Jekk ma jogħġbokx, itlaq 'il barra". Lin-nies kont ingħidilhom li l-persuna mhux kollox meta jirrimarkaw fuqu. Lilu ma rridx inweġġgħu imma jien ridt it-tfal. Jarani fuq tiegħi u jaħseb li kuntenta miegħu. Kien jixtrili kull ma rrid imma ma stajtx nitkellem miegħu; kien jirrifjuta li jitkellem dwar is-sess u t-tfal. U meta jibda għaddej iż-żmien u tibqa' bla tfal kulħadd jagħtik; "Ma ħarġitx tqila, hux?" kienu jgħidulha 'l mamà.

Li jgħid żewġi qatt ma mexxa; kieku m'għandix dik it-tifla llum. Qatt ma fittixni u qatt ma ried li mmorru għand tabib. Dik li jiġi u jagħmel erba' sigħat jaqra ħdejk fis-sodda u ma jħarisx lejk iebsa wisq. Qatt ma ried jara x'nagħmlu u kien jieħu għalih meta ngħidlu. Tabib qalli li forsi ma kontx attraenti biżżejjed għalih allura ma jirrispondiex sesswalment. Imma ħassha ħafna l-firda minn m'ommu.

Bdejt niskartah u narah żejjed fid-dar; raġel tajjeb imma għalija ma kienx. Qatt ma daħalli l-ħsieb li nibdlu u wara għoxrin sena tkellimt u qaluli li kelli każ ta' annullament. Kont ingħidlu, "Jien qiegħda seftura mal-kappillan," u nħoss li weġġagħni ħafna; ingannani.

Togħġobni li qabel iż-żwieġ jorqdu flimkien għax kieku jien kont ninduna. Meta nisma' 'l xi nisa jitkellmu dwar żwieġhom u kemm iridhom, naħseb li jibblaffjaw. Meta wara ħafna żmien għedt lil ommu, qaltli, "Qisu l-papà tiegħu, ħu paċenzja bih." U kienu jagħtuni l-ħbieb, saħansitra ittri anonimi bagħtuli għax ma kellniex tfal.

Ma kelli 'l ħadd min jiftaħli għajnejja. Xi seba' snin ilu kont ħriġt naħdem u n-nies jgħallmuk. Lanqas kont noqgħod nieħu kafè mal-ħbieb għax kont ingħid, "Bħalissa hu ġej id-dar u rrid nagħtih il-kafè." Jispiċċa x'ħin jispiċċa dejjem isibni d-dar bl-ikel jistennieh, qatt ma tajtu *sandwich*. Kont nemmen fih bħalma nemmnu f'Alla, jekk igħidli — Dak ma tmissux — l-isterjo tiegħu biss u jgħidli — Dak tmissux, għax jiswa l-flus.

Darba nqalgħetilna kwistjoni meta l-qassis li kont inqerr għandu qalli li kelli każ ta' annullament u għedtlu, "Tridx ninfirdu?" Ħassu ħażin għax naħseb li hu kien iħobbni u riedni naċċettah kif kien. Imma mingħajr ma nitkellmu dwar il-problema tas-sess, kif stajna ngħixu?

Wara sentejn li mietet il-mamà ġiet it-tifla. Ġiet minn Alla għax kieku bqajna l-istess, ma kontx noqgħod iżjed miegħu. Ma nistax noqgħod seftura, hu jiġi mix-xogħol, ipoġġilek fuq is-sufan sieq fuq sieq u jien inġiblu l-kafè u l-gallettini quddiemu, nibblakkalu ż-żarbun u nlestilu l-ħwejjeġ nodfa, bil-qmis u l-ingravata pariġġ u l-kalzetti jaqblu; kollox, qisni ommu għax ma jaf jagħmel xejn.

Meta għedt lil ommi, qaltli, "Ibqa' miegħu għax dak żewġek, dak il-Bambin bagħatlek; ibqa' miegħu, imissek rajtu qabel," u jien kont ngħidilha, "Inti qatt tajtni ċans insir nafu qabel?" Inkwetajtha imma ma kontx naf li kienet marida.

Imbagħad iġġilidna u ma ridtux jagħtini fjuri, kont ngħidlu, "Dawk fuq il-qabar agħmilhom." Ma tkellimtx aktar miegħu biex ma naqlax kwistjonijiet. Norqdu fl-istess sodda imma qisna ma nafux lil xulxin, inqumu, nagħmillu l-kafè u nkomplu l-ħajja bħas-soltu.

Meta kont immur inqerr, il-*father* kien igħidli — Tisseparax u tiħux l-annullament għax id-difett jirranġa. Darba qalli li se jitwieldu l-bejbis u tarbija minnhom kienet se tingħata għall-addozzjoni. Ir-raġel qalli, "Ara x'se tagħmel b'idejk, qegħdin gawduti, insiefru darbtejn f'sena." Jiena kont immur miegħu biex ma noqgħodx waħdi hawn, għax niddejjaq indur il-mużewijiet. Moħħi dejjem sejjer għax jien ridt it-tfal tiegħi. Ridt ninġabar f'dari; kont immur għand oħti naħslilha għax kellha bejbi, kont inħitilhom, ninnittjalhom, kont qisni lumija ta' l-uġigħ ta' żaqq. Issa ħadd

ma jersaq għax għandna t-tifla.

Għalhekk ma tajtx kasu meta l-*father* wegħedni li se jkun hemm tarbija għalija. Ridt intir bil-ferħ; bdejt naħdem il-ħwejjeġ għaliha, mingħajr ma naf jekk hux tifel jew tifla, inlesti u naħbi minnu. Kont ferħana u għedtlu, "Ikrili żewġt ikmamar u mmur bit-tarbija waħdi". Urejtu li ma ridtx noqgħod miegħu għax rajtu li mhux talli ma tanix dak li xtaqt u hu tiegħi bi dritt fiż-żwieġ, imma lanqas ried jikkuntentani fl-adozzjoni.

Hu ma rsista xejn, kollox il-*father*. Veru li darba mar jistaqsi u pprova ftit, imma s-soru, wara li staqsietu x'jagħmel u kollox, malajr qaltlu li ma jkollhomx.

It-tarbija li ġibt kienet ta' xebba għadha l-iskola. Xgħelt ix-xemgħa quddiem il-Madonna tal-Ħlas qisni se nwelled jien u meta twieldet, il-qassis ċempilli u mort għaliha. L-omm kienet ġejja minn familja pulita imma jien daqshekk biss naf. Il-*father* qalli "Ibża' għaliha għax għandek warda minn ġo ġnien." Lill-omm ma tistax taraha u hi ffirmatli biex naddottaha wara sitt xhur li ħadtha. Kont qed nirriskja li teħodhieli. Veru għamlet miegħi Santa Rita. Hi ħaġa normali li tiffirmalek wara sitt xhur; hemm addozzjonijiet li jdumu aktar.

Ġibt it-tarbija ta' tmint ijiem u għammidnieha. Lestejt iċ-ċertifikati tas-saħħa kif titlob il-liġi u meta waslet it-tifla, il-maġistrat qalli, "Mur u gawdiha".

Ġiet hawn u issa għandha tmien snin; ġiet mill-ġenna, hekk ngħidlu 'l kull min jistaqsini, għax la ħallast flus, xejn. Naf min ħallas ħafna flus. Meta għedt lil oħti, qaltli, "Żgur mintix ser tkun kuntenta biha tarbija u mbagħad, meta jibdew il-problemi, ma tkunx trid taf biha aktar?" Għedtilha, "Le". Ferħet u xtratli l-pramm. Ħuti l-oħra qaluli li issa tarbija kelli, imma żewġi xorta li kien baqa'. Jien naċċettah kif inhu issa.

Ir-raġel kuntent ħafna bit-tifla. Dakinhar li ġibtha ġie lura mix-xogħol tard filgħaxija u meta raha, għoxa warajha u qalli, "Kif ikollhom qalb jarmuhom!" Beka bil-ferħ u l-għada beda ġej bit-*toys*, xtara ma nafx kemm *nappies*, kull paga narah ġej b'xi ħaġa għaliha.

Ir-relazzjoni tagħna ma nbidlitx, ħareġ minn qalbi u ngħix miegħu b'obbligazzjoni biex ma nkissirx il-familja. Issa moħħna qiegħed fuq it-tifla u m'għadniex niġġieldu; il-flus nimmaniġġahom jien; m'għandniex djalogu bejnietna; inlestilu l-kafè malli jiġi u nagħmillu b'obbligu.

Malli kont se nġib it-tarbija qtajt is-sigaretti ma' l-ewwel. Għax qabel

kont ninxteħet quddiem it-*television* u ninfexx nixrob xi żewġ grokkijiet wiski u npejjep. Kont ukoll ninfexx fl-ikel: kemm se ndum innaddaf jew naħdem is-suf quddiem it-tv? Lanqas traba ma kont issibli. Issa, bit-tifla, ma nistax niffitta.

It-tifla tiġi l-ewwel f'ħajti tant hi ma' qalbi. Kollox hi l-ewwel; anke f'naqra kafè, qabel hi, mhux hu. Irrid inderriha ma tbatix. Tajnieha l-ikbar kamra li għandna fid-dar għax hi għandha bżonn l-arja aktar minna. Darba ġiet għal għarrieda s-*social worker* biex tara kif qed irrabbiha. Daret mad-dar, staqsietni biex tara x'nagħtiha tiekol u xi nlibbisha. Qabilha ġie xi ħadd ieħor mill-qorti biex jiċċekkja kif qed inżommuha.

Żewġi nxteħet fuq it-tifla, dejjem iġibilha xi ħaġa minflok jixtri l-kotba għalih. Ġew ħafna nies jifirħuli u jġibuli r-rigali meta ġibt it-tarbija għax in-nies li jaddottaw jitkellmu bejniethom u jġibulek rigal. Stħajjilthom is-Slaten Maġi. In-nies tat-triq tiegħi kollha ġew.

Il-qrusa fiż-żwieġ marritli meta ġibt it-tifla u kull darba nqalleb fl-album biex nerġa' nara kemm kienet tarbija ħelwa. Nibqa' grata lejn min irsistieli. Ma nixtieq xejn iżjed, la tikber ftit ieħor, il-Bambin jista' jeħodni.

Ma nħossnix kbira wisq għat-tifla, għax iz-zija tiegħi ta' 49 sena kellha tarbija u issa kibret u qed tgħix magħha b'erbat itfal. Missieri u ommi mill-banda l-oħra żżewġu żgħar u hu miet żgħir. Nipprova nżomm ruħi għax it-tifla tridni nidher tajjeb quddiem in-nies; ħadd ma jinduna li għandi ż-żmien. Biex inwassalha sal-*minibus* li tiġi wara l-bieb, inbiddel u ninżel bil-*make-up* u xagħri pulit. Ma noħroġx mid-dar bit-*track suit* jew *flip-flops*. Ġmiel m'għandix imma rrid inżomm ruħi.

Qed nibża' ngħidilha li addottajnieha u soru li għexet fil-Missjoni qaltli li m'hemmx għalfejn ngħidilha għalissa. Tant inħobb lit-tifla li forsi mhux qed nagħmel tajjeb inkun daqshekk fuqha. Illum ħriġna mat-*teacher* u nnotatni. Tfal oħrajn goffi magħha.

Inħossni tajba. Jum l-Omm inħossha l-festa tiegħi ukoll għalkemm ma wellidthiex jien. Meta ġibtha, il-maġistrat kien qalli li l-uġigħ tal-mamà tagħha għaddielha, imma tiegħi kien għadu ġej għax irrid nedukaha u rrabbiha.

# MELITA

*"Iz-zijiet u l-familja t'ommi għexu fl-istess triq, dejjem qaqoċċa..., mar-raġel kont immur tajjeb, li jgħidli nisma' minnu u għadni nibkih sallum."*

Ix-xjuħ daż-żmien..., mela llum tara min hu xiħ, daqskemm huma fuq ruħhom; aħna noħorġu, immorru tas-Sliema u nsiefru. Għall-Milied li għadda sifirt, domt xahar għand it-tfal u kuljum ħriġt; kont ftit marida wkoll. Għandi 69 sena.

Immur ngħin lis-sorijiet f'dar tax-xjuħ u kont segretarja ta' l-Azzjoni Kattolika tar-raħal. Inħobb immur xi seminar jew taħdita barra mir-raħal.

Oħti qiegħda f'dar tax-xjuħ; dik għamlet operazzjoni u ma ġietx f'sikkitha sew. Kienet tibża' toqgħod id-dar waħidha, u meta kien hemm post marret. Hawn erbgħa mit-triq tiegħi li nġabru f'dar tax-xjuħ. Kollha nżurhom meta mmur nara 'l oħti. Ngħid, hemmhekk sewwa, għax ilestulek kollox; oħti toqgħod tara t-*television* imma jien naħseb nid-dejjaq; ma nafx x'nagħmel. Nippreferi mmur hemm milli mmur mat-tfal għax ma rridx indejjaqhom, għax min jiżżewweġ waħdu jrid joqgħod. Għandi l-esperjenza għax jien fl-ewwel snin dejjem kont man-nies, u kont nixtieq li jkolli dar għalija.

Id-dar konna tlett itfal, żewġt ibniet u tifel. Kellna tnejn oħra li mietu meta kienu għadhom bejbis għax dak iż-żmien kienu jmutu ħafna. Missieri kien pulizija. Mill-flus ma konniex batuti għax il-mamà kienet taħdem. Qatt ma għamilna kapriċċi u kollox bil-qies, ħela xejn.

Il-mamà dejjem temgħetna tajjeb u libbsitna sabiħ għax kienet ħajjata brava. Tgħallimt ħafna minn għandha avolja hi qatt ma marret skola. Il-ħanut tax-xogħol kien f'din l-istess triq fejn konna noqogħdu u niftakarha tiġi mill-ħanut tistrieħ fuq is-sodda u taqra l-gazzetta bil-Malti.

Dak iż-żmien l-ommijiet kienu jibagħtu 'l uliedhom iħitu meta joħorġuhom mill-iskola u l-mamà dejjem kellha xi seba' lavranti magħha. Kienet tfassal filgħaxija wara li tagħlaq il-ħanut biex l-għada filgħodu jkollha x-xogħol x'tagħtihom u tħit magħhom. Qabel ma żżewġet, u sa ma

kellha xi żewġt itfal, kienet tħit l-ilbiesi sbieħ għal tat-tabib u s-sinjuri kollha tar-raħal; kienet tmur ukoll il-Palazz. Dawk il-ħwejjeġ iridu ħafna ħsieb u billi t-trabi kienu jimirdu ħafna, waqfet għal ftit meta kellha l-bejbis għax lanqas missieri ma riedha daqs kemm kienu jimirdu. Naħseb li kelli xi ħames snin meta reġgħet bdiet tħit għan-nies.

Kienet iltaqgħet ma' waħda mara li kellha l-pass biex tmur tbigħ lejn St Andrews, fejn kien hemm ħafna Ingliżi tas-servizzi u ħajritha tħitilhom. Dawn l-Ingliżi kienu jagħtuha l-qisien u d-drapp u hi tħithomlhom sewwa mingħajr ma joqogħdu jagħmlu prova. Kienu jagħtuha l-magazins biex timxi magħhom u hi ġġibhomlhom eżatt. Ix-xogħol beda dieħel; għal kull libsa titlobhom żewġ xelini u kienet taqla' iktar mill-papà; il-bejjiegħa jġibulha x-xogħol u allaħares ma tlestilhomx fil-ħin. Lill-Maltin ma kinitx trid tħitilhom għax kienet tgħid li ma jafux xi jridu. Kienet tagħmel ħafna lbiesi sbieħ ta' filgħaxija. Kont immur il-ħanut u ta' seba' snin kont ilni naf ngħaddi bil-magna. Il-mamà kienet taħdem ħafna.

Missieri kien twajjeb u kont inħobbu ħafna. Kien jagħmel xi faċendi u jħobb isajjar xi kejk. Ma kienx joħroġ waħdu u kien jeħodna l-festi. Minn ommi kont nibża' għax kellha iktar dixxiplina.

Iz-zijiet u l-familja t'ommi kienu jgħixu fl-istess triq, kulħadd fejn xulxin, jinħabbu ħafna u dejjem qaqoċċa. Kellna zija li kellha growser, kien l-aqwa ħanut fir-raħal għax kellha minn kollox; growser, ħaxix, bażâr u ħut frisk ukoll. Kienet tagħtina dak li rridu.

Zija oħra li ma kellhiex tfal kienet tieħu ħsiebna; per eżempju, meta kont għadni mmur l-iskola primarja, ommi kienet tkun tħit, (il-ħanut kien bieb ma' bieb mad-dar taz-zija) u konna mmorru ħdejha u tagħtina l-kafè u l-ħobż, imbagħad ommi tħitilhom.

Zija oħra kienet *teacher* u kienet tħobb toħroġna, tieħodna t-teatru, u lil oħti kienet turiha s-sekondarja, il-Belt, u tgħidilha, "Issa la tikber ftit, hawn tidħol". Għadda ż-żmien u oħti l-kbira għamlet l-eżami; dak iż-żmien kienu jagħtu ħames *scholarships* minn Malta kollha. Ommi u z-zija marru magħha l-Belt, waħda mill-ftit drabi li ommi marret il-Belt; dan, qed ngħidu sittin sena ilu, u bdew jisimgħu l-ommijiet jgħidu kemm bagħtu 'l uliedhom privat. Ommi lanqas biss kienet taf x'ikun il-privat, għalkemm iz-zija, 'l oħti kienet tgħallimha xi ħaġa. U oħti ġiet l-ewwel fl-eżami.

Jien wasalt għalih sentejn wara. L-iskola kien hawn *teacher* li riditni nagħmel l-eżami mill-*fourth*; ommi ma wrietx interess għax xtaqitni nitgħallem il-ħjata bħalha, imma jien ridt immur l-iskola. Meta wasalt jien,

għamluha li l-ewwel jagħżlu għoxrin u minnhom jerġgħu jagħżlu ħamsa wara eżami ieħor. Ommi qaltli, "Ara jekk ma tgħaddix mhux se nħallaslek għax dik ta' kull xahar," għax forsi miskina ma kinitx twassal. U jien ġejt is-sitta. Erġajna għamilnieh biex jintgħażlu l-ħamsa, ġejt it-tielet u ħadt l-i*scholarship*.

L-iskola kont kuntenta ħafna. Fil-*form 1* bagħtet għalija s-sinjora u riedet tqabbiżni klassi; iz-zija nkwitat għax billi kont żgħira ħasbet li kont ser inbati. Is-sinjora nsistiet u tlajt, u bqajt tielgħa. Għaddejt mill-eżamijiet ta' l-aħħar, il-*GCE*, u ta' 17-il sena sirt assistenta (*teacher*). Nhar ta' Sibt konna mmorru l-*PCC Course*, it-*training* konna ngħidulu, u kien idum sentejn. Sadattant bdiet il-gwerra. Fit-*training* kienu jgħallmuna l-metodu tat-tagħlim, l-Ingliż, in-*Nature Study* u l-*PE*. Imbagħad kienu jgħidulek tixtieqx tistudja għal *headteacher*, oħti riedet imma jien ma ridtx.

Sirt xebba meta kelli xi 15-il sena. Ommi ma kienet tgħidilna xejn imma meta mort ngħidilha, qaltli x'nagħmel. Domt ħafna ma kelli kurżità dwar il-bejbis, ma kontx interessata għax kont moħħni fl-iskola.

Ir-raġel tiegħi, David, kien joqgħod fl-istess triq tagħna. Ommi kienet tgħidli, "Ara ma naqbdekx tkellem lil xi ħadd," għax meta kont ngħallem bagħtuni l-Imġarr l-ewwel darba u kumbinazzjoni l-iskola kien hemm jgħallmu l-irġiel, *teacher* mara waħda avvanzata kien hemm. Mill-iskola sal-karozza tal-linja kien hemm mixja u kont nimxiha waħdi jew ma' xi wieħed minn sħabi, u din kienet tinkwetaha 'l ommi, allura dejjem twissini.

Ma kontx nobsor li David, li kien raġel sabiħ, riedni, u hu kien jgħid f'qalbu, "Mela dik trid lili daqs kemm hi kwieta," għax ma kontx imtajra. Imbagħad kien hemm il-ħuttab u ġie jgħid lil missieri. Lil David kont narah għax kont nagħti l-privat f'tarf ir-raħal u hemmhekk kien hemm reġiment sħiħ ta' l-*Irish*. Kien żmien il-gwerra u tista' taħseb kemm suldati, u kemm-il darba kont għaddejja u waqqfuni; kont narah u ngħid, imma dan kif dejjem hawn, u kont naħseb li qiegħed għassa tiegħi biex imur jugżani.

Darba minnhom ġiet waħda u qaltli, "Dak iridek." Ma kontx indunajt għax jien biex nagħmel xi somma kont tajba, u għedtilha, "'Il dak irridu," għax kulħadd kien ikollu grazzja miegħu.

L-ewwel darba li tkellimna konna mal-papà tiegħi u qalilna mmorru passiġġata. Ma konniex noħorġu waħidna għax ma kellniex min joħroġ magħna u mkien ma kienu jħalluna mmorru waħidna. Domna xi tliet snin

agħrajjes għax billi kienet il-gwerra ma kien hawn xejn. Imbagħad iżżewwiġna.

Għall-ewwel konna noqogħdu m'ommi għax dak iż-żmien kulħadd hekk, u kellna dar kbira. Imbagħad zijuh, li kien kappillan, kellu waħda xiħa miegħu tiegħu ħsiebu, mardet u ma kellux min idur bih. Jien kien għad kelli tarbija waħda u qalli, "Għax ma mmorrux noqogħdu hemm?" Jien kont nisma' minnu, kif jgħid hu nagħmel, u morna.

Konna sew ħafna miegħu; imbagħad, hawn fejn noqgħod, ftit passi bogħod minnu, kien hawn toqgħod kuġina tal-mamà tiegħi. Din kellha ħafna ħutha u mietu. Ġie ħuha mill-Awstralja biex joqgħod magħha, imma hi kienet nervuża u ma setgħux joqogħdu flimkien u telaq, għax l-irġiel trid tiegħu paċenzja bihom. Iġġennet għax ma riditx toqgħod waħidha u qalet lil ommi u staqsietni jekk ridtx immur noqgħod magħha. Jien għedt-lil David, għax lilu trid tgħid l-ewwel, u ħadt pjaċir għax kien se jkolli dar għalija. Lilha kont nafha ħafna, għax aħna qaqoċċa, kulħadd fi triq waħda; David ukoll kien jafha sew u ġejna noqogħdu hawn. Dorna biha u hi għenitna wkoll għax kienet tiħodli ħsieb it-tfal.

Kelli sitt itfal, tliet subien u tifla wara xulxin u wara tmien snin kelli tnejn oħra. Naħseb li domt daqshekk biex kelli l-aħħar tnejn għax kelli xi barxa u ma stajtx ninqabad. Ma konna nagħmlu xejn, anzi konna nifirħu li ġejja tarbija ġdida. Kont naħdem ħafna *knitting* u nħit ħwejjeġ tat-trabi; naħdem il-flokkijiet ta' taħt tas-suf, jidħlu minn rashom; blejżiet tal-'*baby flannel*' apposta, morbidi ħafna. Lit-trabi konna nfisquhom; l-ewwel biċċa kwadra tad-drill, imbagħad biċċa tal-flanella biex tixrob u wara s-sarwal tax-xugaman (il-ħarqa), li tixtrihom lesti, u fuq il-ħarqa qlejba minn xi biċċa drapp qadima bil-ħasil biex tkun morbida għal ma' ġisem it-tarbija. Konna nħejju l-faxxa taż-żokra u nagħlqu l-fisqija bi ħżiem, bħal ċinturin wiesa' tad-drapp.

Dak iż-żmien li kelli l-ewwel wieħed, ma konniex immorru għand it-tabib għall-viżti; kont tmur tiegħu l-awrina għand il-majjistra biex tgħidlek jekk intix tqila. Meta nkun wasalt, ir-raġel kien jgħidli biex nibagħtu għall-majjistra kmieni. Hi tassisti miegħi, żewġi kien joqgħod miegħi l-ħin kollu u ommi wkoll.

L-ewwel tlieta wellidthom għand ommi; dari konna nagħmlu tmint ijiem fis-sodda u kienu joqtlulek it-tiġieġa għax meta jkollok il-bejbi, brodu tat-tiġiega jagħtuk. U t-tiġieġa kien fiha ħafna xogħol biex tnittifha u tnaddafha; ma kontx tixtriha lesta mingħand tal-laħam bħallum.

Imbagħad ir-raġel imur jgħid lill-ġirien u l-familjari, "Ejjew oqogħdu, lestiet; għandna tifel jew tifla." Ġeneralment min iħobb is-subien, jekk ikollhom xi tifla ma jgħidu xejn għax ta' l-ewwel speċjalment kienu jippreferu tifel. Jien kelli tliet subien wara xulxin u r-raġel kien kuntent ħafna. Il-majjistra kienet tieħu ħsieb is-sekonda; jien ma nafx x'jagħmlu biha għax dak il-ħin kont inkun mitlufa u qatt ma staqsejt.

Mar-raġel kont immur tajjeb għax ma kontx supperva u li jgħidli kont nisma' minnu. Jien minni nobdi għax kien hawn nisa li ma joqogħdux; ġieli kien ikollna xi argument imma ma ngergirx u għadni nibkih sallum avolja ilu mejjet għoxrin sena. Konnà ilna 27 sena miżżewġin meta miet, għax iċċelebrajna l-25 sena żwieġ.

It-tfal kollha bgħatthom l-iskola u oħti kienet tgħidli, "Veru tħobb tgħallimhom għax kieku t-tifla ma kontx tgħallimha bħal ħutha s-subien." Kellha tliet subien ikbar minnha u dak iż-żmien ħafna ommijiet kienu jfallulhom l-iskola 'l-bniet biex iżommuhom id-dar ħalli jgħinuhom għax dejjem ikun hemm xi bejbi; imma jien bqajt nibgħatha u hi minn jeddha kienet tgħinni; lis-subien ukoll kont inqabbadhom jagħmlu xi ħaġa.

It-tifla laħqet *teacher*. Issa qiegħda d-dar, ilha xi għaxar snin miżżewġa. It-tfal kollha żżewġu. Ħadd minnhom ma joqgħod fl-istess raħal imma s-Sibt jiġu kollha. Iċempluli u kollha jħobbuni. Il-bieraħ kien Jum l-Omm u ħaduni niekol u kien hemm il-ġenituri tan-nisa tagħhom. Immur tajjeb ħafna magħhom ukoll. Ma' wliedi nħossni qrib ħafna. Dan li mietli ftit snin ilu, ta' 41 sena, kien jiġi biex joqgħod ipaċpaċ miegħi, u ftit qabel miet qalli li ma xtaqx isiefer iktar għax it-tfal ma kienx jafhom biżżejjed billi qatt ma kien hawn.

Nippreferi noqgħod hawn id-dar la jiġu huma u jċemplu imma meta kont ma niflaħx mort ftit għand it-tifel. Inqum fis-sitta neqsin kwart u mmur nisma' quddiesa. Hekk imdorrija. Inħobb nippjana l-ġurnata minn qabel, l-ewwel neħles mix-xiri u wara nagħmel il-faċendi. Kollox jien nagħmel imma darba kull tliet ġimgħat tiġi waħda tagħmilli l-ħġieġ u xi xogħol goff għax inbati biex nagħmlu; naħsel isfel bil-mopp kull ġimgħa, insaqqi l-qsari u nfarfar. Ma fihx tbatija, mhux bħal qabel. Wara l-ikla ta' nofsinhar nistrieħ ftit, naqra l-gazzetta jew xi ktieb. Inħobb il-bijografiji ta' nies importanti, bħal Jacqueline Kennedy, u r-rumanzi nħobbhom ukoll. Naqra l-iktar bl-Ingliż. Meta nqum inħobb immur passiġġata, l-aktar fil-kampanja.

Il-kċina nħobbha; waħdi qatt ma nkun għax dejjem jiġi xi ħadd mit-

tfal u nieħu pjaċir meta jkolli xi ħaġa tajba, speċjalment is-Sibt meta jiġu kollha. Nibda nipprepara mill-Ħamis, per eżempju, nagħġen xi għaġina u naħmi xi kejk; dawk mhux se tagħmilhom kollha s-Sibt; qabel jiġu nagħmel xi affarijiet żgħar.

Filgħaxija noqgħod nara t-*television* u mmur norqod f'xi l-ħdax għax lanqas kieku rrid ma nkunx nista' norqod jekk nidħol kmieni. L-iktar li nħobb nara huma t-*telenovelas*; din li qed nara, 'La Donna del Mistero', sabiħa ħafna, ma fihiex ħafna kliem vojt u nkun qed nistennieha ħafna. Sħabi u jien fuq hekk nitkellmu, inkun pronta nixtri l-gwida tat-*television* biex naqra dawk iż-żewġ versi ħalli nara x'se jiġri, ikolli ġenn. Ikun hemm ħafna *telenovelas*, il-ħin kollu, imma ma narahomx kollha, huma rilassanti wisq u nistennieħom. Hemm waħda bħalissa ma rridx nibdieha, għax taf x'jiġrilek meta tarahom; issir tħobb il-karattri u jidħlu f'ħajtek. Tiġi l-mara ta' ħija, fuqha titkellem; tiskanta kemm jarawhom avolja ma jifhmux it-Taljan, imma jsegwu. *In voga* ħafna u l-artisti bravi.

Inħobb nara wkoll xi dokumentarji u programmi fuq l-iskrittura; hemm wieħed nhar ta' Ħadd ma nitilfux, insajjar kmieni biex noqgħod narah f'nofsinhar. Matul il-ġurnata, waqt l-ikel biss noqgħod quddiem it-tv. Ilni ngħix waħdi xi erba' snin, minn meta l-aħħar wieħed minn uliedi żżewweġ.

Kont ftit ippreparata għall-mewt ta' żewġi għax kellu l-pressjoni u ma kienx irid jagħmel dieta. Kont ngħid għad tiġrilu xi biċċa, u veru ġratlu; kellu 52 sena. Kulħadd skanta kif miet għax kien raġel kbir u b'saħħtu; imma kien ipejjep u d-dieta ma riedx jaf biha. David kien sentejn ikbar minni. Iż-żgħir kien għad kellu tmien snin.

Konna qed naraw *teleplay* bil-Malti fuq it-*television*, u tgħidx kemm dħakna. Wara tlajna fuq bħas-soltu u konna qed nitkellmu. F'daqqa waħda bdejt nisimgħu jħarħar u ma kellimnix; mort inqajjem lit-tifel u mar l-għassa jċempel għat-tabib. Filgħodu ħadnieh l-isptar; jien ma ridtx nieħdu għax kien jgħidli li l-isptar ma ried imur qatt imma t-tabib qalli li hu se jkun responsabbli. Ġie l-qassis qabel ħadnieh u għamillu l-griżma. Wara tlett ijiem miet.

Ħadt xokk kbir, imradt u ġismi telagħli kollu ponot, b'rasi b'kollox; domt biex għaddieli. Kont immur l-isptar jagħtuni l-ingwentijiet u oħti taħsilni għax ma stajtx. Mill-flus ma batejtx għax oħti kellha l-pensjoni u ħwejjeġ kont inħit jien. Konna mhux ħażin qabel miet; wara ż-żwieġ jien qatt ma ħdimt barra d-dar. Ġiet oħti miegħi, tgħinni bil-flus u jien insajjar

u nduru b'xulxin. Hija kienet tmur torqod id-dar tagħha fl-istess triq; darha ma telqithiex.

Jien u r-raġel konna ninħabbu ħafna u kultant meta jkolli xi problema ngħid, kieku hu x'kien jagħmel, għax billi huma l-irġiel jagħmluha mannies ikunu jafu iktar, mhux bħali dejjem hawn ġew; dik tagħmel differenza.

Kelli l-kbir studjuż u qatt ma ħabbatni, it-tieni wieħed kien fuq ruħu, kien irid idum barra filgħaxija, ftit taf, sat-tmienja, u kien jisfida 'l missieru u jiġi ftit minuti tard apposta. Iżżewweġ f'familja sewwa u missieru ħa r-ruħ.

Ieħor mis-subien daħal suldat u mar il-Ġermanja; missieru ħa gost għax kien jemmen fid-dixxiplina; għamel sentejn, u ġie lura u mar l-Italja. Iltaqa' ma' waħda barranija u żżewwiġha bla ma qal lil ħadd. Kellhom żewġt itfal, ġew Malta u qagħdu hawn miegħi; lil martu kont inħobbha; hu kien imur jaħdem il-Libja u kont nieħu gost naraha tifraħ bih u tlestilu meta jiġi mis-safar. Kellhom tlett itfal oħra u sabu post għal rashom.

Qatt ma bsart li kellhom xi problemi bejniethom għax qatt ma qaluli xejn. Darba ġiet għandi u qaltli li se jinfirdu. Ħadtha bi kbira iktar millmewt ta' ibni. Ma kontx indunajt li kienet tixrob; lanqas qatt ma kont naħseb li mara seta' jkollha dik il-problema; imma kont naraha tirtogħod ħafna meta titkellem. Wara qaltli li jekk ma tixrobx ma jkollhiex il-kuraġġ tiffaċċja n-nies, imqar biex tmur l-iskola f'jum il-ġenituri.

It-tfal ħallicthom warajha. Ħasbet li se titlaq u żewġha jkompli jagħtiha l-flus; jien ma ridtx naċċettaha għax tant kont narahom jinħabbu. Ħalliet id-dar traskurata; kellha ħafna ħwejjeġ sbieħ li bagħtitilha ommha, imma la kellha l-problemi, miskina, ma setgħetx iżżomm id-dar u ddur b'ħamest itfal.

It-tfal kienu għadhom żgħar u ġew miegħi; il-kbira kienet għadha tmur il-primarja u meta telqet ommha, għamlet iljieli tibki; għalxejn inħaddanha miegħi u nfissidha, dejjem tibki. Ommha ma żammitx kuntatt fil-bidu; ibni kien irrabjat ħafna għaliha u wara ma riedx li jkollha x'taqsam mat-tfal.

Jien kien għad kelli t-tnejn tiegħi fid-dar; iż-żgħar jagħmlu ħafna storbju u wieħed kien irid jistudja u ma stajniex inkomplu.

Ibni daħħal it-tlieta ż-żgħar f'istitut; wieħed minnhom kien jibki ħafna u kien iġibhom id-dar fil-*weekend*. Issa qegħdin mill-ġdid ma' missierhom imma għadni inkwetata dwarhom għax fil-familja l-ġdida ta'

ibni ma naħsibx li sejrin tajjeb; meta jiġu mill-iskola ma jitolbuhiex x'jieklu għax ma tagħtihomx bl-iskuża li jridu jieklu filgħaxija. Nitħassarhom u ma nista' nagħmel xejn għajr li nżomm lil xi ħadd minnhom għandi għal ftit.

U jien m'għadnix niflaħ għal maż-żgħar. Il-kbar qegħdin għal rashom, telqu meta għalqu t-tmintax għax ma setgħux joqogħdu d-dar iktar. Il-mara li għandu tgħir għat-tfal, trid l-attenzjoni ta' missierhom kollha fuqha u issa għandhom it-tfal tagħhom.

Issa qed nara kemm konna sewwa fil-familja u kemm kelli tfulija sabiħa; għexna modestament u kont ferħana. Naf li rrid nimrad iktar biex immut u kultant ngħid li llum se mmut u ma nħobbx nisma' 'l min jgħid fuq il-mard għax nibda nħossu.

Jien għext b'żewġ proverbji, skond il-muntanja jtiha s-silġ, skond kif tkun Alla l-Imbierek jagħtik l-għajnuna. Kelli ħafna silġ meta mietu żewġi u t-tifel, imma issa le.

Inħossni kuntenta bix-xjuħija. Taf xi ngħid meta nisma' li daħlu fuq ix-xjuħ, "U hawnhekk ġejjin, jien m'għandhomx x'jisirquli!" Ma nibżax, ma ndaħħalx f'moħħi li jistgħu jiġruli dawn l-affarijiet, u hawn għandi ġirien tajba, inħobbhom kollha. Insomma nibża' ftit mill-mewt, imma la jkollok ir-reliġjon f'ħajtek..., dik tgħinek ħafna; meta nkun nista', immur il-quddies filgħaxija wkoll.

Inħossni sodisfatta b'ħajti.

# TOMASA

*"In-nies isejħuli għal kollox; biex niċċekkjalhom il-pressjoni, nim-medikahom, għat-tkeffin..."*

Għadni sal-lum noħroġ nimmedika u nagħti l-*injections*. M'iniex impjegata u ma nitħallasx imma sa dalgħodu stess, qabel komplejt xogħli fid-dar, kont qed indur id-djar. Immur minn qalbi. Naħseb li hawn nuqqas ta' nersis minħabba l-ħinijiet tax-xogħol u t-tfal tal-lum mhumiex dedikati għax ix-xogħol ta' ners mhuwiex wieħed komuni.

Għandi 44 sena. Jien it-tielet waħda mill-ħames ulied li kellha ommi, erbat ibniet u tifel. Missieri kien jaħdem it-tarzna u ommi għall-ewwel ħadmet bħala ħassiela tal-ħwejjeġ tas-suldati għax hawnhekk kien hawn *barracks*. Meta kellha 'l oħti l-kbira, kienet għadha taħsel il-ħwejjeġ tas-suldati fir-razzett. Wara, meta kelli dawk is-sitt snin, daħlet taħdem purtinara fl-iskejjel tal-gvern. In-nanna wkoll kienet purtinara.

Konna ngħixu man-nanna f'dar waħda, tnejn minn uliedha kienu xebbiet, waħda seftura ma' l-Ingliżi li wara għamlet kors u daħlet taħdem infermiera mat-taqsima tat-tuberkolożi. L-oħra kienet taħdem ma' tal-ħalib. Fid-dar kien hemm ħu n-nanna, iz-ziju t'ommi, jgħix magħna wkoll. Missieri kien jibqa' d-dar wara li jiġi lura mix-xogħol u 'l ommi kien jgħinha ħafna, il-kejkijiet u l-ħelu kienu f'idejh; kien ukoll jgħinha tgħaddi l-ħwejjeġ. Kien raġel tad-dar, ma kellux ħbieb, l-istess bħar-raġel tiegħi. Ma' ħuti l-kbar, it-tnejn bniet, kont dejjem niġġieled. Waħda kienet sentejn u l-oħra erba' snin ikbar minni. Ommi kienet tħallihom jieħdu ħsiebna u kienu jilagħbuha tal-kmandi magħna ż-żgħar.

Morna l-iskola tal-gvern u mill-primarja għamilt l-eżami tas-sekondarja. L-aħħar sena tal-primarja, ommi bagħtitna l-iskola tar-Raħal Ġdid għax kienet ikbar u hemm kienet tgħallem Miss Cini, *teacher* magħrufa. Dik il-ħabta ma kienx hemm skola sekondarja għal kulħadd. Fuq il-karta konna rridu nniżżlu x'jagħmel il-papà tagħna. Iz-ziju, ħu ommi, kien imlaħħaq fit-tarzna u kien jgħid lil ommi, "Tiegħek ma jidħlux x'ħin iniżżlu x'jagħmel missierhom", u spiċċajna biex aħna dħalna u tiegħu ma

għaddewx u bagħathom skola privata.

Kif għalaqt il-ħdax-il sena, ġieni l-*period.* Ommi kienet bilqiegħda ħdejn iz-zija n-ners li kienet tħobb tħit ħafna. Kien hemm ukoll iz-zija l-oħra, oħt il-pa, kollha miġburin iħitu. Ma kont naf xejn dwar l-iżvilupp. Niftakar li dħalt fit-tojlit u ħriġt allarmata ngħid lil ommi li sibt il-qalziet bid-demm. L-ewwel ħarsu lejn xulxin u daħku u mbagħad ommi qaltli li ma stajtx nilgħab iktar mas-subien għax dnubu biex lil ħuti ma ngħidilhomx. U la qaltli hekk, mort niġri ngħidilhom, u miniex żgur jekk waħda minnhom kinitx żviluppat warajja. Ħuti ma qaluli xejn lanqas. Fl-iskola kellna patri jgħallimna r-reliġjon u hu kien l-uniku wieħed li tarrfilna xi ħaġa. Meta ġejt ngħid lil ommi x'kien qalilna l-patri, bħal tkażat u qabdet tibki għax kienet tgħid li lanqas kif ġejna aħna fid-dinja ma kienet taf. Mal-ħbieb imbagħad kont nitkellem speċjalment meta bdejt it-taħriġ għal infermiera.

Meta tmur l-iskola dejjem tixtieq li tkun aħjar minn ommok u missierek, imma fejn ħuti għażlu li jsiru għalliema, jien għażilt li nkun infermiera għax kont inħossni li m'iniex kapaċi nesprimi ruħi u nfiehem, mentri għal mal-marid tajba. U hawnhekk kelli battalja sħiħa. Missieri kien jagħmilli, "Le, bħal ħutek," u jien ninsisti li ma rridx. Lanqas meta korra fuq ix-xogħol, it-tarzna, u t-tabib kien jgħidlu biex iħallini mmur ners, baqa' ma jridx. Webbist rasi u ktibt lill-*Queen Alexandra Nursing Corps.* Kont lesta li nitlaq minn hawn biex naqta' xewqti. Iżda r-risposta ma rajthiex.

Sadattant ma bqajniex noqogħdu man-nanna, tlaqna ġo dar 'il fuq minna u darba minnhom kont qed naqla' kexxun fil-kamra ta' l-ikel u mas-srievet sibt envelopp kbir indirizzat lili. Fih kien hemm ir-risposta, imma d-data kienet għalqet. Kienet ħbituli oħti ta' warajja. Meta l-ġenituri raw kemm veru ridt dik it-triq, aċċettaw u ħallewni nidħol *student nurse.*

Il-kors dam tliet snin u nofs u b'kollox domt impjegata ħdax-il sena. Konna naħdmu għal tliet xhur f'kull *ward,* b'hekk drajt ix-xogħol kollu. In-nies isejħuli għal kollox; biex niċċekkjalhom il-pressjoni, nimmedika-hom, għat-tkeffin...; it-tobba ta' l-irħula qrib jirreferuhom għalija għax jafni kulħadd.

Meta kont studenta konna norqdu l-iskola ta' l-infermiera u dik il-ħabta nnamrajt ma' l-Ingliżi, għax jekk konna nispiċċaw *duty* fis-siegħa ta' wara nofsinhar, ftit wara, fis-sajf, kont issibna l-grupp kollu ngħumu *St George's Bay.* Dak kien l-inkontru tagħna. Konna nerġgħu lura l-iskola

fid-disgħa, għax għalkemm konna nkunu franki ma stajniex immorru d-dar. Stajna noħorġu u mmorru fejn irridu imma biex immorru d-dar kien ikollna nitolbu permess bil-miktub mingħand il-*matron*. Id-dar immorru biss meta jkollna erbat ijiem franki u qabel noħorġu konna niffirmaw ktieb għand il-*matron* fejn niddikjaraw li se nirritornaw. Kellna kmamar ta' tnejn, tlieta u ħamsa u konna ngħadduha. Il-fattigi wkoll kienu jorqdu fil-post.

Kelli ftit namrati qabel iltqajt mar-raġel tiegħi. Kont inħobb l-irġiel bl-uniformi. Minn ġo l-isptar iżda, qatt ma ridt lil ħadd minħabba l-kunfidenzi żejda. Dak iż-żmien il-mara miżżewġa ma kinitx toħroġ taħdem u kont ngħid lili nnifsi li ma nixtieqx inkun id-dar u noqgħod moħħi fih l-isptar. Għax xi impjegati rġiel kienu japprofittaw irwieħhom; biex jissellfu l-bajro li konnu nżommu fil-but ta' fuq is-sider kienu, minflok jitolbuk, jiġu jaqbdu u jmesimsu. Jew, meta tkun qed taħdem bil-lejl, jidħol xi wieħed warajk fil-*pantry*. Kien hemm irġiel serji iżda kien hemm min jabbuża mit-tfajliet. Mill-pazjenti rġiel qatt ma rajt xejn.

L-ewwel darba li sirt naf bi Frans, żewġi, kien fit-tieġ ta' kuġinti. Hemm kellu ħabib li ħareġ warajja biex jgħidli li Frans, dak iż-żmien apprentist it-tarzna, ried joħroġ miegħi. Jien bgħatt ngħidlu li ma ridtx Xlukkajri. Iżda l-kuġin baqa' jiġri warajja biex noħroġ ma' Frans. U darba ċempilli l-iskola biex jgħidli li waqt logħba futbol fejn Frans kien qed jilgħab tajjeb, kulħadd beda jgħajjat ismi u qalli li issa kelli naċċetta. Għedtlu li kont lesta noħroġ miegħu darba biss. Ftehemna li niltaqgħu l-Belt fejn il-venda li dik il-ħabta kienet Kastilja. Kien is-6 ta' Jannar u inzertajt franka. Tlajt b'tal-linja, u hu rikeb fl-istess xarabank u poġġa bilqiegħda fil-bank ta' warajja. Meta wasalna l-Belt kont se nibqa' miexja. Ġie jiġri, qabadli idi u qalli li issa konna se mmorru fejn ried hu.

Fl-ewwel sitt xhur ma stajt nidrah b'xejn. Kont inħossni stramba għax wara l-Ingliżi, il-Maltin sibthom differenti. Imma domt biex aċċettajtu għax kien Xlukkajr. Frans kien bin sajjied u għalkemm missieri kien ħaddiem komuni, konna dejjem naqra aħjar mis-sajjieda. Kont naf kif jgħixu għax kont nidħol fid-djar tagħhom biex intaqqabhom; kienu joqogħdu l-familja kollha f'żewġt ikmamar u jorqdu bl-għodda magħhom, b'dawk l-irwejjaħ ta' diżil u ħut, mingħajr kumdità ta' xejn. U xtaqt li fiż-żwieġ inkun aħjar milli kont. Frans kien jistqarr miegħi li, veru, aħna d-dar konna aħjar minnhom.

Il-ġenituri tiegħi saru jafu ma' l-ewwel li kont qed inkellem Xlukkajr

għax il-kelma malajr tiġri. Kienu kuntenti għax kull meta kont inkellem xi Ingliż, ix-xiħ kien dejjem jiġri warajja bil-*Morris* li kellu. Kienu jinkwetaw ħafna għax ma ridunix nieħu barrani u nsiefer, u meta saru jafu li qed inkellem Xlukkajr, telgħu s-sema. Kienu jfittxu kollox u sabu li kien tifel sew. Tliet xhur wara li bdejt noħroġ miegħu, f'Marzu, riduh jidħol id-dar. Għedtilhom li mhux imbilli daħħluh, jekk niddejjaq, daqshekk, għax jien mhux imdorrija bl-irbit ta' bilfors. Frans kien jieħu paċenzja bija. Konna niltaqgħu meta nkun *off* u meta rrealizzajna li konna ninħabbu bdejna ma ngħaddux mingħajr xulxin, għax anke jekk jispiċċa mix-xift tal-ħdax ta' bil-lejl, kien jgħaddi d-dar, imqar kemm jittawwal.

Domna seba' snin u nofs qabel iżżewwiġna għax ma sibniex fejn noqogħdu. Ġrejna u rajna ħafna postijiet fl-irħula ta' madwarna u hu kien jgħidli li nduru kemm induru ma konna se noqogħdu mkien għajr f'pajjiżna, għax ma nidrawx. Imbagħad xtrajna biċċa art u bnejna din id-dar. Kif qbadna nibnu, l-għada li tajna s-saqaf tal-kċina, Frans telaq biex jibda kors ta' taħriġ fl-inġinerija ma'. *Cunard*. Iżżewwiġna u ftit xhur wara tlaqna flimkien. L-ewwel sentejn sifirt miegħu. Hu xtaq li jġib iċ-ċertifikat qabel ma jkollna t-tfal iżda ma konna nużaw xejn, ħlief noqogħdu attenti. Meta kien abbord offrewlu li jagħtuh il-kontraċettivi, imma jien ma ridtx għax il-lastku kont nassoċjah ma' l-infezzjonijiet.

It-tqala qattajtha waħdi hawn; Frans ġie tliet ġimgħat qabel twilditli t-tarbija. Sakemm ġie, matul il-jum kont nitla' għand ommi imma x'ħin isiru l-ħamsa kont irrid niġi d-dar tiegħi, għax jekk ngħajjat għajta jew nikbi bikja, kif ġieli jagħtini li nagħmel, irrid nagħmilha f'dari mingħajr sikkatura. Ħija ż-żgħir kien jiġi jorqod miegħi. In-nuqqas ta' żewġi ħassejtu ħafna.

Frans assista miegħi waqt it-twelid ta' l-ewwel tarbija. Għamel xahrejn id-dar għax kien jaħdem sitt xhur fuq il-baħar u mbagħad jagħmel xahrejn id-dar. Kien ferħan ħafna bit-tarbija u bil-lejl dejjem hu qam sakemm kien id-dar. Meta telaq ħassejtni waħdi.

It-tarbija kienet tqum ħafna bil-lejl, tixrob ftit u tqum il-ħin kollu. Veru li ommi għenitni, imma nħoss li ma' ħadd ma tista' tiftaħ qalbek daqs kemm tista' tiftaħha mar-raġel. Għax waħda bħal ommi, li meta tgħidilha ċerti affarijiet tibki, mhux se tmur tgħidhomlha. U d-dar kulħadd jiġi jgħid lili bil-problemi tiegħu.

Kont niktiblu ħafna ittri, darba iva u oħra le, u dak li kien joħodlu l-ittri għoddhomlu u meta mort jien qalli li tul vjaġġ kont ktibtlu 75 ittra.

Fihom kont ngħidlu kollox għax ma ridt li naħbilu xejn, allura kont niktiblu xi nħoss u ma nħossx, kollox. Iż-żwieġ tagħna dam tmien snin hekk; b'żewġi sitt xhur imsiefer u xahrejn hawn.

Meta l-kbira kellha tmien xhur inqbadt tqila biż-żgħira. Qabduni dwejjaq kbar imma hu ma kkonfondiex għax xtaq li jkollna tnejn u jitrabbew flimkien. Sakemm kelli ħames xhur tqala ħassejtni mdejqa li waħdi mhux se nkun kapaċi nieħu ħsieb sew ta' żewġt itrabi. Frans ma kienx hawn meta twieldet it-tieni waħda u ħadtha bi kbira immens. Twieldet *St Lukes* u dak iż-żmien ħadd ma seta' jidħol ħdejk jekk ma jkunx żewġek. U meta rajt lin-nisa l-oħra bir-raġel ħdejhom u jien waħdi, qisni...qaħba, kont nintefa' wiċċi 'l isfel ġo l-imħadda u nibki. Ir-raġel ġie xi tliet ġimgħat wara.

Tant ħassejtni li ma nistax inkampa waħdi, li għal xi żmien kellu jitlaq minn fuq il-baħar. Wara ftit telaq mill-ġdid ma' kumpannija oħra u stajt immur miegħu bit-tfal. Ġieli għamilt erba' xhur miegħu fuq il-baħar u niftakarni niġri wara t-tfal, inżommhom minn xagħarhom.

Kienet esperjenza sabiħa u dort id-dinja kollha. Kelli ħafna x'nonfoq ukoll. In-nuqqas ta' żewġi kont inħossu imma l-paga kienet għolja. Xtaqt li noqogħdu Malta imma mbagħad kont naf li l-livell ta' l-għajxien jonqos. Frans, imdorri fuq il-baħar, ma kienx se joqgħod fuq l-art. Għadu jbaħħar ma' kumpannija lokali b'Lm550 fix-xahar. Qabel kellu tliet darbiet aktar.

Mat-tfal m'għandix wisq paċenzja imma nitkellem magħhom dwar kollox u ngħidilhom il-verità; dwar sess, hu x'inhu. Dak kien patt bejnietna, illi t-tfal intellgħuhom mingħajr ħabi ta' xejn. Ma ridtx li jkunu bħalma trabbejt jien u m'ommi għadni s'issa ma nistax nitkellem. Hija ma tatniex il-kunfidenza biex nitkellmu magħha u hemm ukoll ċerta injoranza. Illum għandha 71 sena u x-xiħ 75. Id-dar għad hemm ħuti x-xebbiet. Jien nagħti sehmi wkoll fejn jidħlu tobba u kura u, meta ma jkunx hemm ħuti d-dar, nitla' nittawlilhom.

Meta n-nanna mietet assistejtha u keffintha jien, kollox bil-kwiet. Liz-zija u 'l-omm ir-raġel ukoll; din mietet f'idejja għalkemm kienet l-isptar u kelli naħsbilhom kollox jien. Dawk li mietu d-dar keffinthom jien. Imma mbagħad ma rridx nara 'l min jibki. Jien inżomm u jridu jgħaddu dawk il-jumejn biex nibki u nħoss it-telfa. Imma dak il-ħin inħossni li rrid inżomm u nżomm minħabba ħaddieħor ukoll.

Meta sibtni d-dar waħdi bdejt ninvolvi ruħi f'attivitajiet oħra. Darba avviċinani l-kappillan tal-parroċċa għax ried jagħmel l-għaqda tal-ħan-

dikappati. Deherlu li bħala ners inkun addattata, bejn għax insuq u bejn għax ir-raġel ma jkunx hawn spiss, allura m'għandix ħafna rbit li jżommni d-dar u l-biċċa xogħol ta' segretarja tefagħha fuqi.

Qiegħda wkoll segretarja f'taqsima tal-partit, membru fl-għaqda tal-ġenituri u l-kunsill ta' l-iskola fejn imorru wliedi, u nagħmel ix-xogħol ta' ners fid-djar. Ix-xogħol ta' infermiera għalija jiġi qabel ix-xogħol tad-dar u ġieli nqassmu bejn in-nofs ta' nhar ta' filgħodu u dak ta' filgħaxija biex x'ħin jiġu t-tfal mill-iskola jsibuni d-dar.

Dawn l-attivitajiet jimpenjawni ħafna u billi fil-kumitat jien biss insuq, il-ġiri barra r-raħal jaqa' kollu fuqi. Jagħtuni sodisfazzjon kbir u r-raġel jimbuttani biex inkompli nagħti sehmi u jgħinni fid-dar meta jkun hawn, bħal, per eżempju, isajjar meta jkolli xi laqgħa. Imma hu t-tip li jiffitta, kollox irid perfett kemm jista' jkun. Nagħmlu mod, kif tistiva l-affarijiet; jgħidli, "Ma taħsibx li dan l-oġġett joqgħod aħjar hekk?" u dik iddejjaqni u ġieli jkollna xi ngħidu.

Nixtieq li t-tfal ikollhom suċċess fil-futur; waħda qalet li trid tidħol għall-mediċina u kemm jien u kemm missierha lesti li ngħinuha t-triq kollha. L-oħra ma nafx, sena oħra tiddeċiedi x'suġġetti se tagħżel. Qaltli li tixtieq is-suġġetti tax-xjenza biex issir psikjatra u qgħadt infehemha kif għandha timxi pass pass.

Meta nkun mal-kbira miexja fit-triq, tiddejjaq meta jwaqqafni xi ħadd u jaqbad ikellimni fuq il-partit; tgħidli, "Ħa tibda hi!" Tħossha għadha żgħira biex tinvolvi ruħha fil-partit imma meta jkollha ċans, tagħtini daqqa' t'id fl-affarijiet li nkun qed nagħmel. Il-kbira li għandha tlettax-il sena tkun trid li tgħaddi tagħha u ma nċedilhiex. Sħabha bdew imorru d-*discos* u hawnhekk ġieli jkun hawn xi wieħed u jidħrilha li għandha tmur u tgħidli hi sa x'ħin trid toqgħod. Dik ma togħġobnix għax għalija għadha żgħira. Sħabha jmorru u anke hemm min minnhom ilu sentejn bl-għarus, u dik ma togħġobnix. Mhix età li jkollha namrat bis-serjetà.

Lili tgħidli '*bossy*' u 'fitta'. Tarani hekk forsi għax irrid nagħmel ir-rwol ta' omm u missier flimkien. Meta ma nċedilhiex tgħidli li se tugżani l-papà. Maż-żgħira mmur tajjeb ħafna. Missierhom ifissidhom; jilagħbu flimkien qishom tlett itfal. Għad-dixxiplina jien irrid inkun u dik id-dejjaqni għax lili dejjem jarawni kerha.

Naf iżda li man-nies huma kburin bija; anke l-fatt li hawnhekk f'dan ir-raħal m'hawnx ħafna nies tal-livell tagħna, fis-sens li l-mamà tagħhom taftitkellem b'lingwi differenti u għandhom zijiethom għalliema. Sħabhom

stess jgħidulhom li jien m'iniex bħall-mamà tagħhom għax naf inkompli. L-ikbar biża' li għandi għalihom bħalissa huma d-drogi, u għalkemm dejjem intaqtqu u nuruhom il-gazzetti u nitkellmu magħhom dwar l-effetti ħżiena, xorta nibża'.

Jekk il-futur jibqa' bħalma hu l-preżent f'dak li hu żwieġ, ma jkollix xi ngerger. Ix-xjuħija xi darba trid tasal, u ġieli nħares lejn il-mera u ngħid — X'nixjieħ! imma mbagħad tkun xiħa daqs kemm tħossok u ma nħossnix ta' l-età tiegħi għax kieku ma nkampax bl-affarijiet li nagħmel; minkejja l-operazzjoni li għamilt ftit żmien ilu.

Meta ż-żgħira għalqet tmien snin xtaqt tarbija oħra. Dak iż-żmien kelli l-*coil*, l-IUD. Biha ma kelli ebda problemi u kont immur għal viżti regolari l-klinika. Darba mort bħas-soltu meta kien imissni u minflok it-tabib jew l-ispeċjalista tas-soltu, sibt naqra ta' tifel, xagħru mqaxxra b'erba' troffiet fin-nofs wieqfa bil-ġell. Dawk li konna hemm bqajna nħarsu lejn xulxin. Rani dan iż-żgħir u ma ħass xejn.

U mbagħad mort vaganza Ruma u konna nimxu ħafna. Fl-istess waqt kont qed narani niħxien. Ir-raġel ħaseb li qed niffissa. F'Ottubru immissjajt *period* u ħadt pjaċir għalkemm kelli l-*coil*. F'Jannar reġa' missni viżta u mort u 'l dan il-ġuvnott tabib għedtlu li jekk mhux tqala, fibromi għandi. U qalli, "Int donnok taf iktar minni; jien ma nafx, aħjar tmur tara speċjalista." Irrabjajt u għedtlu li postu ma kienx hemm imma fuq il-bank ta' l-iskola. Mort l-isptar San Luqa u tlabt biex jagħmilli viżta l-professur.

Ġo fija sabli fibroma b'piż daqs tqala ta' erba' xhur. Il-profs staqsieni jekk kellix tfal għax kellu jneħħili kollox. Ħadtha bi kbira ħafna għax xtaqt tarbija oħra. Fi żmien il-karnival niftakar kont l-Italja u bkejt xortija kull darba li bdejt nara t-tfal libsin il-kostumi għax kieku jien kien se jkolli waħda, li kieku l-ewwel tabib kien wieħed ta' l-esperjenza. Fiż-żmien ta' l-ewwel viżta, il-fibroma kienet daqs munita ta' 50 ċenteżmu diġà, imma la kien bla esperjenza ma kienx se jħossha.

Jumejn wara li ħriġt mill-isptar fuq l-operazzjoni, inftaħt għax ħriġt b'infezzjoni u kelli żewġ toqbiet. Erġajt dħalt l-isptar u dak iż-żmien kienu qed joborxu l-ħitan u jbajdu ħdejn is-sala ta' l-operazzjonijiet u spiċċajt b'infezzjoni oħra. F'Ottubru kelli nerġa' nidħol l-isptar għal operazzjoni ġenerali oħra għax l-infezzjoni kienet niżlet 'l isfel u waslet f'imsarni. Biex tagħqad kellu jerġa' jneħħili l-ponti għax din id-darba, il-ħajt ma qabilx miegħi. X'ma tiħux infezzjoni meta ġrieden jiġru rajt, erbat ijiem

bla ilma, is-sink tal-patelli mimli ilma iswed u n-nemus idur fuqu.

Issa għaddieli imma meta negħja nħossni muġugħa ftit għax il-fejqan tiegħi ma kienx normali. Domt intabbab sena u tmien xhur meta f'operazzjoni normali ta' isterektomija ma ddumx iktar minn sitt ġimgħat biex tiġi f'tiegħek; ħalliha li jien bqajt għaddejja imma għax m'iniex waħda li nintelaq. Kull fejn immur, anke jekk vaganza barra minn Malta, kont dejjem inġorr miegħi d-*dressing* biex nimmedika l-ferita.

Illum aħna aħjar mill-ġenituri tagħna u ma nħossx li aħna n-nisa għandna nibqgħu nserrħu fuq l-irġiel tagħna. Jekk irridu kapaċi nieqfu fuq saqajna waħidna. Il-ħajja għandha s-sabih tagħha u l-problemi trid tiffaċċjahom mingħajr ħafna nervożiżmu.

# MARIA

*"...qatt ma ħsibt x'nista' nagħmel jekk ma jkollix il-familja: ħajti hi l-familja."*

Għandi 59 sena u t-tieni gwerra lħaqtha ta' disa' snin. Kont il-kbira u ommi kellha ħamsa oħra, imma l-ewwel tlieta bqajna ħajjin: jiena, ħija l-patri u oħti li issa ilha metja xi għoxrin sena. Tnejn minn ħuti mietu ta' seba' xhur. Il-papà kien jaħdem fin-*Navy* u fi żmien il-gwerra dam sitt snin imsiefer. Iż-żgħir twildilha wara disa' snin, eżatt wara l-gwerra; twieled u miet.

Ma niftakarniex sinjuri, imma lanqas fqar. Konna noqogħdu fi flatt il-Belt imma ġejna hawn f'din id-dar, Birkirkara, fi żmien il-gwerra. Il-papà kien jagħmel xahrejn imsiefer u mbagħad jiġi u jifraħ bina. Dak iż-żmien ma kellniex karozza, allura kien jikri karozzin u joħodna dawra sa Sant'Anton u jixtrilna l-larinġ ta' Malta. Konna nafu li jsiefer u konna nistennewh u nifirħu meta jkun ġej. Dak iż-żmien ma kienx hawn affarijiet bħal ma ssib barra; kien iġibilna gejxiet żgħar u papoċċi li ma konniex naraw minnhom hawnhekk. Kont inħobbu ħafna, ma kienx imur post li ma kontx immur miegħu, sakemm kelli erbatax-il sena, imbagħad bdejt nistħi għax kien jidħol jieħu xi flixkun birra u kont inħoss li hemm mhuwiex posti. Darba għamilt xenata biex joħodni l-futbol miegħu imma hemm ma kienx irid joħodni. Mal-mamà wkoll kont immur tajjeb.

Sitt xhur l-aktar li kien idum imsiefer. Il-mamà kienet tgħid sejjer għal *"cruise"*. Niftakarha titbaqbaq għax tgħid li l-aħħar tarbija ta' seba' xhur li mititilha, reddgħetha inkwetata għax in-nisa l-oħra li kellhom żwieġhom jaħdmu fuq l-istess bastiment irċevew u hi ma ħaditx aħbaru; żwieġhom kienu bagħtu xi ritratti tal-bastiment fil-maltemp u inkwetat ħafna. Ma kinitx tħobbu s-safar. Imma hu kien jgħid li ta' sittax-il sena ħarab għax missieru ma riedx jiffirmalu biex jingaġġa għax kien għadu żgħir biex imur fuq il-baħar.

Mort l-iskola tal-gvern u għamilt sal-*fourth*; *fifth* ma kienx hemm.

Dak iż-żmien mhux kulħadd kien imur is-sekondarja u kont trid tħallas. Ħija kien imur il-Liċeo l-Belt u oħti għamlet skola daqsi. Kienu għamlulna l-*evening classes* tal-*fifth* u mort; xi minn daqqiet is-sinjora kienet tgħallimna. Tgħallimt naqra u nikteb mhux ħażin. Ma kontx ninteressa ruħi biex inkompli għax dak iż-żmien kienu jirsistu aktar lis-subien, ilaħħquhom għax bħal speċi dawk iridu jibqgħu jaħdmu u għall-bniet kien biżżejjed li wasalna s'hemm.

Ommi kellha l-istess mentalità u missieri ma ridnix naħdem. Meta spiċċajt l-iskola bqajt id-dar; iz-zija kellha ħafna tfal u l-mamà kienet titħassarha u kienet tibgħatni nixtrilhà u ngħinha u meta niġi hawn kont inġib xi tnejn jew tlett itfal miegħi.

Kelli tlettax-il sena u nofs meta sirt xebba u ma kont naf xejn. In-nies kienu jgħiduli, issa dalwaqt taqa' t-taraġ u timtela biz-zalza; mhux bħal issa, it-tfal ikunu jafu kollox. Ma ħadthiex bi kbira għax kelli ħjiel u l-mamà qaltli, "Issa oqgħod attenta, trid tagħmel hekk bl-affarijiet," u daqshekk, għax konna nużaw ix-xugamani u trid taħsel u tgħalli u dejjem naħbuhom minn ħija. Lanqas kelli kuraġġ nitkellem u nistaqsiha dwar bejbis bħal ma jitkellmu wliedi miegħi, lanqas meta kien ikollna l-bejbis, ma konna npaċpċu xejn. Kont nixtieq ikolli t-tfal imma ma kont naf xejn qabel iżżewwiġt.

Iltqajt mar-raġel tiegħi b'ċajta. Kelli xi tmintax-il sena. Hu kien wieħed mill-ġirien. Konna nkunu gozz bniet u huma subien. Hu kien ġa jkellem oħra, daqqa jmur u daqqa ma jmurx u darba ġab ir-ritratti u qalli, "Ħa, dan żommu int." Għedtlu, "Le, ma nżomm xejn," u bdejna nitkellmu. Konna niltaqgħu fil-kantuniera, mhux immorru xi passiġġata u dak iż-żmien l-ewwel kienu jridu jgħidu l-papà, mhux joqgħod ikellimni barra. Missieri kien ħadha bi kbira u għamel xenata meta għedtlu li kont ilni nafu sitt xhur u ried ikun jaf fejn jaħdem. Qal li konna għadna żgħar u ma riedx idaħħalna. Kont niltaqa' miegħu bil-moħbi; ommi kienet taf u 'l missieri kienet taħbilu, imma żammitli, u jekk ikun ġej tard u nabbuża ftit kienet tgħidli, "Nugżak".

Meta konna agħrajjes kienu jibagħtu 'l xi ħadd magħna biex noħorġu u, biex immorru naraw film tokis, missieri kien ikun irid lil xi ħadd kbir magħna, mhux it-tifla. Allura konna nispiċċaw ma noħorġux għax trid toqgħod marbuta. Domna tliet snin agħrajjes minbarra xi sentejn oħra qabel daħal id-dar.

Sadattant kont għadni ma naf xejn. Kont nibża' mill-irġiel għax

jistgħu jiġri xi affarijiet imma ma kontx naf x'jiġri. Qabel, fil-priedki kienu jgħidulna li bewsa dnub, allura tibża'. Dakinhar tat-tieġ bżajt imma billi ommi tatna kamra fuq għax konna se noqogħdu magħha, kelli naqra wens, mhux bħal meta tidħol f'dar oħra waħdek. Qabel tejjiġt bkejt, ma stajtx inżomm jien u ħierġa minn hawn, ħassejtni m'iniex f'posti; bdejt ngħid, għaliex bilfors irid isir hekk, u xejn ma kelli esperjenza sabiħa l-ewwel lejl.

Biż-żmien is-sitwazzjoni rranġat ftit, aċċettajt li kien qisu dover tiegħi u li m'għandux ibati ħaddieħor miegħi u t-tfal kont inħobbhom u rridhom. Qabel iżżewwiġt kont ngħid li kieku nkun naf li ma jistax ikolli t-tfal ma nizżewwiġx; veru li mbagħad meta bdew ġejjin fuq xulxin..., imma dak iż-żmien kien dnub jekk ma tagħmilx sew u ma konnix nagħmlu ħaġa oħra, għax dnub. Xi drabi hu ma kienx ta' l-istess fehma bħali u kont ngħidlu, il-Bambin jipprovdi, ma rridx saħta f'dari. Wara disa' xhur kelli l-ewwel tarbija, tifel.

Qabel iżżewwiġna ma kien fadal ħadd minn ħuti fid-dar tal-mamà u l-papà qalilna li nistgħu noqogħdu magħhom. Kellna tlett ikmamar fuq u hawn isfel, kċina, naqra taħt it-taraġ u intrata. Ma kellniex kumditajiet bħal kamra tal-banju, u t-tojlit kien barra fil-bitħa. Biż-żmien ħadna biċċa mill-bitħa, daħħalna t-tojlit ġewwa u għamilna kamra tal-banju. Aċċettajna li noqogħdu hawn mal-mamà għax dak iż-żmien kont trid tmur in-naħa tal-Kottonera biex tikri u jien ma ridtx u r-raġel kien jaħdem bil-lejl u ma xtaqtx norqod waħdi. Missieri kien iħallas sbatax-il lira kera u għall-bidu żewġi kellu sitt liri paga fil-ġimgħa. Illum hawn iktar pagi u hawn fiex tonfoqhom. Kont ukoll infaddal xi ħaġa żgħira mill-paga.

Mal-mamà konna tajjeb, għalkemm xi kultant kont ngħid aħjar ma narawx lil xulxin daqshekk, bħal meta jkolli xi ngħid mar-raġel u kienet tinkwieta. Jien l-istess, kont naf kull ħaġa li kien jiġrilha u kont ninkwieta. Imbagħad kont nerġa' pass lura għax li kieku konna 'l bogħod, jien ma kontx niġi għax b'ħafna tfal żgħar u ma kellniex karozza u hi kienet tbati b'riġlejha.

Kelli sitt itfal. Wara l-ewwel wieħed kelli ieħor. Mietli ta' ħames xhur bl-*Asian flu* u wara kelli erbgħa oħra. Ġieli konna mmorru għand l-ispiżjar bil-pipì biex naraw ħriġniex tqal u f'xi ħadd minnhom kont mort il-klinika wara tliet xhur. Imma darba biss kont mort għax jekk kont inħoss id-dardir, kont inkun naf ta' xiex.

It-tfal xtrajthom kollha d-dar. Fit-tqala konna nħejju l-ġhież tat-tarbija, naħslu u ngħaddu l-ħwejjeġ, inlestu kollox fil-kxaxen. Konna nħitu l-blejjeż, ħafna lbiesi żgħar, flanelli; konna nagħmlu nofs fisqija għax il-mamà kienet tgeżwirna iktar. Hi kellha l-fustan u bqajt nużah. Konna nippizzjaw il-flanelli fit-tarf, ir-raġel jiddisinjahomli u jien nagħmel il-pont aċċetta fil-pizzi, kellna l-qmejsiet tal-flanelletta minflok flokkijiet u faxex għaż-żokra u fisqija. Meta jkun wasal iż-żmien, lill-mamà kont nuriha kollox fejn kien għax hi kienet tgħin lill-majjistra. Kont nistħi minn żewġi u mill-mamà, u qatt ma biddilna quddiem xulxin. Darba kien fis-sajf u l-majjistra fetħitli l-purtieri biex ikollna d-dawl u jien ma ridtx, lanqas lilu ma kont irridu jidħol. Il-mamà kienet tidħol tnewwel l-affarijiet lill-majjistra.

Konna nibagħtu għaliha meta jibda l-uġigħ u tiġi u tara kemm jonqsok. Jekk tkun wasalt toqgħod miegħek. Konna nlestu l-inċirata fuq is-sodda u t-twittija, il-banju u ktieli kbar ta' l-enamel bil-misħun. Is-sekonda kienu jgeżwruha għaliha, jorbtu magħha xi ġebla u jitfgħuha l-baħar. Żewġi kien joħodha fid-dlam. Dejjem hekk għamilna, għalkemm il-mamà kienet tgħid li ommha kienet tqattagħha u tarmiha fit-tojlit.

Fiż-żgħira kelli bżonn it-tabib. Meta l-majjistra ġiet u ratni domt, qaltli li jkun aħjar jekk insejħu t-tabib li t-tarbija ma tmurx tegħja u nitlifha. Dak iż-żmien konna nibżgħu mit-tabib. Meta ġie, tani *injection* u twieldet fil-pront. Is-soltu malajr kont nixtrihom it-tfal.

It-tfal kollha reddajthom, kont indum xi seba' xhur imma l-kbira damet sena. Wara l-ħlas kont noqgħod ġurnata fis-sodda u erbat ijiem wara konna ngħammdu. Il-knisja kienu jmorru l-majjistra, il-parriniet u r-reffiegħa li kienet taqlagħha l-majjistra. L-omm ma tmurx magħhom. Konna nordnaw xi ħelu, il-biskuttini u nħawwad xi kejk.

Għall-magħmudija kienu jiġu ħuti u ta' ġewwa biss. Kif kien ikollna tarbija, ir-raġel kien imur igħid liz-zijiet, lil ħuti, 'l-kuġini u 'l-ġirien, "Ejjew oqogħdu", u f'xi ħin kienu jiġu jarawni u jġibuli xi rigal, imma mhux dakinhar tal-magħmudija. Wara ġimgħa mit-twelid kont immur il-knisja u nippreżenta t-tarbija.

It-tieni tifel li kelli miet ta' ħames xhur. Mill-ewwel beda jirremetti u qabdu deni għoli. Ġie t-tabib u tah il-mistura; ir-rimettar u d-dijarea waqfu imma d-deni baqa' għoli. Meta mietli, ir-raġel kien xogħol sal-ħdax ta' bil-lejl u kont waħdi. Qabduni dwejjaq kbar u ridt nirremetti imma ma stajtx. Niftakarni bilqiegħda, kulħadd imdawwar miegħi u ma jridunix immur ħdejh. Waħda mill-ġirien tatni libsa tal-magħmudija biex il-

libbsuhielu, Alla jagħtiha l-ġenna. Għedtilhom li ridt narah imma ma ħallewnix, forsi ħasbu li kont se nagħmel xi pulċinellati, imma jien nimmuta, inżomm ġo fija. Sofrejt ħafna u ma stajtx inneħħi din il-ħaġa minn moħħi, u meta kienu jistaqsuni għaliex qed nagħmel hekk, kont ngħidilhom, "Sofriet id-Duluri li ma kellha ebda ħtija, m'għandix insofri jien!" Domt ħafna magħluqa d-dar u waħda mill-ġirien li kienet iddur bit-trabi, taħsilhom u tlibbishom, kienet qalet lil ommi biex toħroġni mid-dar. Imma jien ma ridtx nara nies. Kulħadd kien jgħidli — Min jaf kemm għad ikollkom — imma li tlift, jien tliftu. Dak iż-żmien kien miet ġuvni mażżgħir tiegħi u kont ngħid li omm dak u jien konna qed inħossu xorta għal uliedna, imma meta marritli binti xebba, m'għedtx hekk.

It-tifla li mititli kellha 25 sena. Mill-bidu nett kelli l-biża' u l-qtigħ il-qalb, għax jien anke jekk ikollhom uġigħ ta' ras ġa nagħmilha li għandhom xi ħaġa kbira. Imma l-aħħar tliet xhur l-iktar li kienu kiefra meta bdejt nibża' li mhux se jkun hemm rimedju; kont ngħid, le, il-Bambin jista' kollox. Jista' jagħmel miraklu miegħi, imma fl-aħħar tibda taqta' qalbek avolja bqajt sa l-aħħar nett nittama u ngħid, tista' taqbadha s-sogħla u dak li jkollha joħroġ. Fil-bidu ma kontx naf kemm kienet serja; kienu jgħiduli se nagħtuha l-mediċina u għandha tirrispondi tajjeb.

Kienet baqgħet tmur għax-xogħol sa l-aħħar tliet xhur. Id-dar hi biss, il-ħsieb fuqha biss, insajjar nofs qalb, mhux bħal qabel, nieħu ħsieb kulħadd, illesti u naqleb lil dak u lill-ieħor, lilha biss ridt nara, il-ħin kollu magħha. Fil-bidu kienet toqgħod hawn isfel u kienet tgħidli, "Ma, ħsibtu mhux se jgħaddi l-ħin id-dar," għax ma kinitx soltu toqgħod id-dar; kienet għadha fl-aqwa tagħha, dejjem tiġri, daqqa sejra hawn u daqqa serja hemm. Kienet għarusa u kont inwarrab minn ħdejha x'ħin jiġi l-għarus.

Fl-aħħar lanqas il-quddiesa ma kont qed immur. Tlett ijiem qabel mietet għedtilha li se mmur il-quddiesa u qabel ħriġt qaltli, "Mur, forsi jerfagħni". Ma kontx ħsibt li waslet daqshekk fl-aħħar u smajt lit-tabib jgħid lit-tifel li ma kienet qed togħġbu xejn. Riedet tinżel fuq il-pultruna, imma tellajnieha bilqiegħda fis-soddą. Żammet għajnejha miftuħin u bdejt inxejjer idi, hekk, ġo wiċċha u nfqajt. "Biżżejjed," bdew jgħiduli, imma ma stajtx inżomm dak li kelli f'qalbi; u hu, ir-raġel, beda jgħajjat iktar minni. Darba konna qed ngħidu r-rużarju magħha, jien u r-raġel, u f'ħin minnhom rajnieha waqfet. Dak beda jippanikkja, u għamiltlu s-sinjal li ma jmurx iqajjimha u tismagħna. Kienet indunat taf, għax darba ħadna riżultat tajjeb u fraħna, u qaltilna, "Imdejqa jien, imdejjaq kulħadd, ferħana

jien, ferħan kulħadd!"

Lanqas naf kemm iljieli bqajt imqajma magħha u fl-aħħar lejl raqdet it-tifla l-oħra ħdejja u qaltilha, "Qum għinha naqra 'l-mamà". Lanqas kont irrid nuriha li għandi saħħa nagħmel xi ħaġa billi hi kienet għadha żgħira u ma fadlilhiex saħħa. Tfietha 'l-mewt t'ommi li ġrat sena u tliet xhur qabel; dik ħassejtha imma ma nistax ngħid x'ħassejt mal-mewt ta' binti, u minn ma jġarrabx bħali ma jistax jifhimni.

Lanqas naf kif ħassejtni d-dar. L-ewwel ma ħarġuni kien fid-dawl, għall-quddies ta' nofsinhar; dejjem ridt immur kmieni biex ma niltaqax man-nies, kont niddejjaq għax ma xtaqtx nirrakkonta iżjed. Ridt noqgħod waħdi, ma nħobbx nitkellem, u jien iżjed ngħalaqt. Iżda kont ridt inkompli mat-tfal għax tnejn minnhom kienu għadhom kif iżżewġu. Iż-żwieġ rawh ikraħ minħabba dak li ġara, lanqas tfal ma riedu għall-ewwel. Imbagħad beda jkollhom it-tfal u nies qaluli, "Issa ferħa, ara, bagħatlek ieħor."

Qatt ma ħsibt xi stajt nagħmel jekk ma jkollix il-familja; ħajti l-familja. Il-kbira inkoraġġejtha tibqa' taħdem u nżommilha t-tarbija għax naqra għajnuna nista' nagħtihielha u naf li tieħu pjaċir tiltaqa' man-nies fl-uffiċċju, mhux bħali. La tixtieq hekk ninkoraġġiha. Għandi tliet neputijiet żgħar u dejjem inżommhom meta t-tfal ikunu sejrin x'imkien.

Oħti mietet ta' 39 sena. Dik ukoll kienet kbira għalija. It-tfal tiegħi kienu għadhom żgħar u hi kellha tnejn. Ma stajtx inżommhom il-ħin kollu ma' tiegħi u kienu jmorru l-istitut imma fil-vaganzi dejjem hawn. Kont nifraħ meta mmorru nġibuhom u noħorġuhom għax mat-tfal tiegħi kienu xalata, u kont inħosshom meta jitilqu; anke huma, u fil-bidu kienu jibku u ma jridux imorru lura. Issa l-kbira żżewġet u siefret u t-tifel, li hu għarus, joqgħod magħna hawn.

L-ewwel sena lill-kbir kont bgħattu skola privata imma meta bdew ġejjin it-tfal, iddeċidejt li nibgħathom kollha tal-gvern għax kont ngħid, bħalma żżomm lil wieħed trid iżżomm lill-oħrajn, u ma stajtx inħallas lil kulħadd. Il-kbar waslu sakemm għaddew is-sekondarja imma fl-aħħar snin urew li ma ridux ikomplu. Ara l-kbir, ta' miegħu kollha laħqu tobba jew baqgħu mixjin, imma meta bdew jikbru, tiegħi riedu jaħdmu.

S'issa ma nistax ngħid li d-dar qed tiżvojta għax speċjalment meta jiġu jorqdu hawn inkunu aktar, imma filgħodu tħossok kultant li mhux is-soltu. Ma nixtieq xejn, lanqas insiefer; m'iniex kapaċi noħroġ minn hawn. Inħossni marbuta wisq mal-familja u ma nixtieqx li wliedi jkunu bħali

għax kull ħaġa tinkwetak u għaliex ma jien kapaċi mmur imkien. Forsi għax nibża' nivvjaġġa, imma dik li nħallihom warajja..., avolja huma xorta jmorru f'darhom għax kulħadd għandu daru, imma xorta. Naf li jien ma nistax inwaqqfilhom oġġett li jista' jaqbadhom imma xorta rrid inkun naf, irrid narahom u anke jitilqu u jkun hemm xi ħadd minnhom ma jiflaħx, ngħid — Min jaf għaddilux!

Ir-raġel jistenniehom it-tfal għalkemm kultant jitlagħlu. Sena oħra joħroġ bil-pensjoni; kultant ngħid, aħjar ma joħroġ xejn bil-pensjoni li ma jmurx joqgħod hawn u iktar jiddejjaq u jdejjaqni; jaqla' imbarazz wisq, kollox iġemma' u kollox hu l-*hobby* tiegħu. Ma nqisx ruħi r-reġina tad-dar, lanqas xejn. Jekk jarani nirranġa u nagħmel fid-dar, jgħidli li hawn kullimkien tiegħi. Imma għidli, liema kamra hi tiegħi? Lanqas il-kamra tas-sodda.

Naħseb li kelli noqgħod waħdi niddejjaq imma ma rridx li żewġi jkun ma' saqajja l-ħin kollu għax niġġieldu żgur. Ma nafx xi pjanijiet għandu għal meta joħroġ bil-pensjoni. Hu ħadem ħafna mill-affarijiet ta' l-injam li għandi fid-dar. Kien joħodha fit-tul u kont niddejjaq għax kont irrid innaddaf warajh u neħles. Kif jieħu l-paga jiġi u jagħtihieli u jħalli f'idejja biex inqassam u mmexxi. Imma kif jidħol minn barra jrid jiekol, jekk jarah fuq in-nar jaħseb li mhuwiex lest u jagħmel in-nervi; jiekol u joqgħod jongħos fin-nofs, quddiem it-*television*, u jekk tolqtu u tqajmu jagħmel in-nervi.

Ma jħobbx li l-mara tkun daqs ir-raġel, jifhimha li jekk ikollha drittijiet indaqs tkun il-boss hi. Jien ma nara xejn isbaħ mill-ftehim. Jirrabja jekk jiġi u ma jsibnix id-dar biex illestilu, lanqas biex isaħħan l-ikel; jew jekk jiġi u jsibni naħsel l-art. Dejjem sabni hawn. Il-ħin dejjem tiegħu. Ma jgħidlix tmurx jekk inkun irrid immur għand it-tfal, imma jagħmel il-geddum.

Ma ngergirx li qed nikber għax ngħid la bqajt hawn irrid nixjieħ; forsi għax għadni niflaħ niċċaqlaq naqra. Ommi kellha 75 sena meta mietet. Ma nixtieqx li mmur f'xi dar tax-xjuħ; uliedi jirrispettawni ħafna imma dejjem ngħidilhom li ma rridhomx jintrabtu miegħi. Meta kelli l-mamà miegħi kont inħossni ma nafdahiex biex inħalliha waħidha. Ma nqisx li kienet piż kbir u ftit batejt biha u bil-papà, għall-grazzja t'Alla.

Kien iddispjaċieni li meta miet it-tifel tarbija ma ħallewniex immur miegħi ċ-ċimiterju. Bqajt iddispjaċuta li ma mortx, għax irrid inwassalhom sal-aħħar, u meta mietet oħti mort, anke fit-tifla u f'tal-mamà,

kollha mort.

Ommi kienet temmen li baħrija sewda ġġib l-inkwiet imma jien ma nemminx. Oħti kienet qalet li rat baħrija sewda ddur mal-bejt ftit qabel ma mardet. Nibża' mill-għajn.

Ma kelli ebda suspett li xi ħadd għamilli għajn ħażna meta mietli l-bejbi, għalkemm qatt ma kien ħareġ minn hawn, u meta oħti ħarġet iddawru, qaltli li kulħadd kien skanta bih għax kien boċċu u ħelu. U meta miet, għednieha wkoll, li kienet xi xarba. Fit-tifla kien hemm min qalilna biex jekk nifirħu nżommu kollox għalina għax jien kont ngħid kemm kienet tifla brava. Qaluli biex ma nitkellimx għax in-nies jgħajnuk.

Kuntenta ħafna bit-tfal. Qabel marritli x-xebba kont ngħid — X'tajtu iktar minn ħaddieħor — meta kont nara 'l xi ħadd imsallab iktar minni. U wara l-mewt ta' binti għedt — Malajr ġietni għax ħadhieli!

# TERRY

*"...Fil-qorti dehrt ardita u qalila. Għax kif tiġi u teħodli t-tfal u tagħtihom lilu meta biex ġibthom fid-dinja għamilt disa' xhur nipproteġihom biex l-istess missier li nissilhom ma jeqridhomx?"*

Waqt l-egħrusija wera ruħu ġentili u pprova jogħġobni. Qatt ma tkellimna dwar flus jew tqassim. Lanqas qatt ma daħalli f'rasi li għada pitgħada kont se nitlob xi flus biex nixtri l-bżonnijiet u jgħidli le, għax lil ommi kont naraha bil-flus f'idejha u missieri kien jafda fiha, u lili wkoll kienet tafdani. Qatt ma ħsibt li seta' jkun hemm irġiel differenti minn missieri u min-nanniet li tant kienu ġenerużi magħna meta l-omm tiddedika ħajjitha għall-familja.

Bħala l-kbira fost disgħa fil-familja, kienu jesiġu minni ċerti responsabbiltajiet. Kull ma jagħmlu ħuti tort tiegħi għax missni tajthom l-eżempju jew għax tajthom eżempju ħażin. Ġieli laqqatt xi daqqtejn ukoll. Biss, kienet ħajja hienja.

Trabbejna qrib tan-nanniet. Ommi u missieri kienu ġejjin minn familji kbar u kienu l-ewwel li żżewġu. Billi konna l-ewwel neputijiet, kellhom bokka t'għajn bina. Qattajt ħafna żmien ngħix man-nanniet tannaħa t'ommi, fid-dar tagħhom meta kien baqgħalhom xebba waħda. Ħajmuni u niftakar li kull filgħodu, meta nqum, in-nannu kien l-ewwel ineħħili gverta waħda bil-mod, u mbagħad it-tieni gverta, sakemm naslu fil-liżar, wara ndendel saqajja u nagħmilhom fuq it-tapit. U sakemm innannu kien imur ġewwa biex jagħtini ċans nibred kont inkun tlajt u nżilt xi sitt darbiet.

In-nannu kien ex-spettur tal-pulizija u kull xahar meta jmur iġib ilpensjoni kien iġib borża kbira ħelu lin-nanna, oħra iżgħar liz-zija xebba u oħra żgħira lili. Kull darba li z-zija kienet titolbu l-flus biex tixtri libsa, għax dak iż-żmien ix-xebbiet ma kinux jitħallew joħorġu waħdhom, kien jgħidilha biex tixtri oħra lili. Domt magħhom sakemm kelli xi għaxar snin. In-nannu kien jirraġuna li mhux sewwa li ma nidrax lil ħuti u 'l ommi u kien sikwit iniżżilni d-dar. Illum il-ġurnata naħseb li kellu raġun għax inħossni

iktar qrib il-kuġini milli ma' ħuti. Dejjem lilhom fittixt l-ewwel fil-bżonnijiet tiegħi. Gawdejt magħhom billi huma kienu aħjar mill-familja tiegħi finanzjarjament u kellhom il-karozzi u l-villeġġaturi.

Ma kontx insibni daqshekk tajba meta mmur għand il-mamà għax b'disat itfal ma setgħetx tfissidna; min irid jiekol jiekol u min ma jridx joqgħod. Biż-żmien iżda bdejt infittex id-dar iktar. Il-papà kellu tliet ħutu subien u dawn kienu joħorġu jistadu bil-konz u jmorru għall-kaċċa. Dik il-ħajja ta' barra togħġobni ħafna u kont immur tajjeb ma' wieħed miz-zijiet li kien biss ftit snin ikbar minni. In-nannu tan-naħa ta' missieri tani ħafna attenzjoni, forsi għax rani intelliġenti, dejjem nistaqsi u rrid inkun naf. Kien ikaxkarni miegħu l-festi u darrieni nimxi; ġieli mxejna mill-Imsida sa San Pawl il-Baħar, u meta naslu, nieqfu f'ħanut għand ħabib tiegħu biex nieklu l-fniek u wara naqbdu t-triq lura bil-mixi.

Iz-zijiet dejjem ħaduni magħhom nistad u niftakar l-iljieli sajfin bid-dawl tal-qamar, is-sajjieda jgħannu, u dak l-eċċitament intellgħu il-konz, nippruvaw naqtgħu jekk fihx ħut. Jien l-aktar waħda li gawdejt minn ħuti maz-zijiet u man-nanniet. U n-nanna, għalkemm ma kinitx sinjura, dejjem ġabitilna xi ġugarell jew ħelu.

Il-mamà u z-zija kienu jħobbu jmorru t-teatru. Kellhom ilbiesi gala tal-bizzilla, tal-mamà sewda u taz-zija pistaċċa. Meta jmorru u jħalluni ma' ħuti, kien l-għors tiegħi nilbes iż-żarbun bit-takkuna u noqgħod quddiem il-mera nistenna ż-żmien meta lili wkoll jagħmluli libsa sabiħa u jeħduni magħhom. Iż-żmien biex immur it-teatru wasal u niftakarna ngħaddu f'ħanut tal-merċa nixtru l-pakketti kbar tal-gallettini mħalltin bil-ġuġù u nistenniehom iħalluli l-ġuġù.

Iz-zijiet kienu jafu sew bit-Taljan u kont nifhem u nsegwi x'ikun qed jiġri. Impressjonajt ruħi meta ħaduni magħhom naraw il-Mefistofile. Dak iż-żmien kienu jbeżżgħuna bix-xjaten, u qabel ma ħriġna, il-papà qalli, "Hux int ma temminx li jeżisti d-dimonju, issa sejra tarah!" Meta nfetaħ il-bokkaport u ħareġ id-djavolo b'dawk il-ġnieġel, iddajvjajt niġri taħt is-siġġu bil-biża'.

Kien ukoll f'dan iż-żmien li drajt inħobb il-mużika operistika. Il-papà kien dilettant, kellu d-diski ta' opri sħaħ u dejjem sejjer, "Isimgħu din," qisna l-ewwel darba, u jkompli bil-kant.

Mort l-iskola tal-gvern bis-saħħa tan-nannu Ġovann. Billi ommi kellha dawk it-tfal kollha, kienet ħerqana biex toħroġni mill-iskola biex ngħinha, imma missierha, in-nannu, kien isus warajja. Ħallietni l-iskola

bil-patt li ngħinha meta mmur lura. Lil oħti ż-żgħira parrintha jien. Meta ommi mardet u qagħdet għal xi żmien fis-sodda, il-papà kien ilestili banketta u jarmali l-banju biex meta niġi mill-iskola nitla' naħsel il-ħwejjeġ. Wara, kien jiġi u jagħsarli l-lożor u x-xugamani. Dak iż-żmien ma kienx hawn il-magni tal-ħasil.

Meta bdejt immur l-iskola faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. L-ewwel xelter kien għand in-nannu, bl-ixkejjer tar-ramel fil-kamra ta' barra. L-iskejjel għalqu għal ftit u n-nannu, b'paċenzja kbira, għallimni naqra. B'hekk stajt naqbeż xi klassijiet fil-primarja. Meta għaddiet il-gwerra, il-gvern tawwal iż-żmien biex tagħmel l-eżami għas-sekondarja, sa l-14-il sena, għax tlifna ħafna skola.

Ma' missieri dejjem bil-ġlied għax it-tnejn għandna l-istess tip ta' karattru. Kellna ġlieda kbira meta ma ħallinix nagħżel il-Latin. Xtaqt nistudja l-mediċina imma hu kellu l-ħsieb li jitlaqli f'idejja n-negozju żgħir li kellu. Ma kontx interessata. Kellu antipatija kbira lejn it-tobba għax kien bl-idea li t-tobba joqtlu n-nies u ma riedx li bintu tkun waħda minnhom. Ċedejtlu. Kien strett ħafna magħna. Fl-ebda żmien ma ħalliena nidħlu fl-għaqdiet ħlief ftit duttrina; dejjem jgħasses fuqna. Iġġilidtlu u dħalt fil-*Girl Guides* meta bdejt is-sekondarja.

Dak iż-żmien l-iskola sekondarja kienet bil-flus. Missieri ħa ġurament u ddikjara li konna familja kbira u ma ħallasx; però, jekk teħel mill-eżamijiet titlef l-*ischolarship*. Kelli ftit inkwiet mal-mamà għax riedet iżżommni d-dar biex ngħinha imma n-nannu insista u kien jinkoraġġini billi jixtrili l-pitazzi. Bqajt nistudja bis-saħħa tiegħu.

L-iskola kont kuntenta. Biex ngħin 'l ommi ma kienx jifdalli ħin għall-istudju. Darbtejn fil-ġimgħa kont infalli biex immur noqgħod fil-kju għall-affarijiet tar-raxin jew fil-kju tal-ħaxix, u mhux l-ewwel darba li qajmitni fl-erbgħa ta' filgħodu. Privat ma mortx; fil-primarja kont noqgħod fil-klassijiet tal-*continuation* li kienu jagħtuna b'xejn.

Fl-eżamijiet ma batejtx, kelli memorja fotografika u fil-klassi kont noqgħod attenta. Sal-*form 2* kont għadni bil-ħsieb li mmur tabiba. Imbagħad bdiet tinteressani l-mużika. Jien xtaqt nitgħallem l-akkordjin u missieri riedni nistudja l-vjolin. Ċedejtlu u wegħidni li meta navvanza jixtrili l-istrument. Il-vjolin baqa' ma ġiex u tlift l-interess.

Meta wasalt *form 4* fettilli ma ridtx immur skola iżjed. Kien il-qofol tal-ġlied tiegħi mal-papà għax ma kien jaqbel xejn ma' dak li ridt nagħmel. Il-mamà qaltli għall-erwieħ għax issa kellha iktar għajnuna; it-tnejn iż-żgħar qisni rabbejthom jien. Kien hemm żmien meta 'l oħti ta' ħames snin

kienu jħalluni ndaħħalha miegħi biex nagħmel l-eżami. Qtajtha li nitlaq mill-iskola għax dik is-sena weħilt fis-somom għax kont tlift ħafna lezzjonijiet. Ħadtha bi kbira u ma ridtx li nirrepeti.

Ommi kienet tafdali ħafna flus f'idejja, ġieli tatni ħamsin lira biex jien u ġejja mill-iskola ngħaddi l-Belt u nixtrilha l-ħwejjeġ għal ħuti. Kont ilni tliet xhur li tlaqt mill-iskola u ommi bagħtitni l-Belt nagħmlilha xirja kbira. Waqaft quddiem il-vetrina ta' Vella, ta' l-uniformijiet. Dik is-sena għamlulna kappell ġdid ma' l-uniformi, għoġobni u xtrajtu flimkien mal-kumplament ta' l-uniformi. Dħalt għand Cordina nixtri l-kotba u mort id-dar ngħid 'l ommi li kont erġajt sejra l-iskola. Malajr ġibt dak li tlift.

Fil-*form 5* iġġennint biex immur naħdem. Ħarġu l-applikazzjonijiet għall-eżami ta' skrivani mal-gvern, u ħabiba tiegħi ħajritni biex nagħmlu. Ħallast il-ħames xelini għall-eżami mill-flus imġemmgħa li kelli u għamiltu bil-moħbi tal-papà. Meta għaddejt u ridt nitlaq mill-iskola, mort għand iz-ziju biex jidħol għalija; il-papà ma kienx riedna naħdmu jekk mhux *teacher.* Minn hawn u minn hemm ħallieni, però fil-brejk kien jiġi jistennieni biex jara fejn immur. Kelli 17-il sena.

Sirt xebba ta' tlettax-il sena u ma kont naf xejn dwar kif jiġu t-trabi. Kienu t-tmienja ta' filgħodu; kont sieq fuq l-oħra fis-sodda. Daħlet il-mamà u bdiet tgħajjat, "Qum minn hemm, flok tagħtihom l-eżempju għadek rieqda..., u ma rridekx tmur il-quddies ma' ħutek illum." Għedt, dan x'kien! Ħassejt it-tidlik u bżajt meta mort it-tojlit għax ma kontx naf xi ġrali. Ħuti ħarġu u l-mamà ġiet u tatni biċċa xugaman. Bl-istess mistħija għedtilha li ma rrid xejn. Ma kinitx se tħallini noħroġ hekk, u ma qaltli xejn aktar. Dakinhar bagħtitni naqdiha għand iz-zija u qaltli ngħidilha li tgerbibt it-taraġ. Għedt, x'inhu dal-gideb dalgħodu! Indunajt xi jfisser dak il-kliem meta sħabi ta' l-iskola rrimarkaw bl-istess mod.

Kienet il-mużika li għamlitni ħabiba ma' l-ewwel ġuvni. Iżda fettilli ridt nieħu l-istudju bis-serjetà u ma bqajtx noħroġ miegħu għax ħassejt li ma stajtx nikkonċentra. Il-qari laqqagħni mar-raġel tiegħi. Iltqajna f'għaqda tal-Malti. Komplejt miegħu għax ħsibt li se neħles mis-sikkatura tad-dar jekk niżżewweġ. Tad-dar ma kinux iħalluna noħorġu, nagħmlu l-lipstik, immorru d-*dances*; ma kellniex il-libertà li nitħalltu ma' żgħażagħ oħra.

Kien sentejn ikbar minni u kelli tmintax-il sena meta bdejt inkellmu. Il-papà mill-ewwel induna għax in-nies malajr imorru jgħidu. Żiedli s-

sikkatura u minħabba f'hekk dħalna agħrajjes. Ma nistax ngħid li kelli xi mħabba tal-ġenn u kemm-il darba ppruvajt naqta' minn miegħu. Ħsibt x'se naqbad nagħmel b'ħajti u kollox kien jimbuttak biex tiżżewweġ. Qatt ma ħriġna waħidna u darba, għax oħti ż-żgħira ma kellhiex aptit tiġi magħna, missieri ma ħalliniex immorru t-tokis avolja kellna l-biljetti. Meta żżewwiġna, ir-raġel ħaseb li se noqgħodlu kif qgħadt lil missieri.

Rispett dejjem rajt minnu qabel iżżewwiġna, fis-sens li ma ppruvax ikollu s-sess qabel iż-żwieġ. Iżda ma kontx naf li wara li jitlaq lili fit-tmienja ta' filgħaxija kien imur ma' sħabu fil-ħwienet u jixrob. Deher ġuvni bil-għaqal mingħajr kapriċċi ħlief li jpejjep xi sigarett. Jien ukoll kont inpejjep xi wieħed bil-moħbi.

Missieri opponieli għall-egħrusija; kien jgħid li għadna żgħar u li ma kontx fuq żaqqu. Ħsibt li ġġiblu 'l min iġġiblu dejjem se jsib xi ħaġa fih u għaddast rasi.

Meta żżewwiġna tlaqna għal rasna, krejna post l-Isla bis-36 lira fis-sena. Mill-paga ta'23 lira fix-xahar li kellu, kien jagħtini tmien liri għall-ħajja. Bdejna bix-xokkijiet ma' l-ewwel. Fit-tieġ qlajna xi 70 lira. Ħriġt tqila ma' l-ewwel u tlabtu biex jagħtini xi ħaġa minnhom ħalli nħejji l-bżonnijiet tat-tarbija. Qalli li spiċċawlu. Miegħu ma kien ġab xejn; qal li ommu kienet tqaxxru. Ridt nagħmel l-affarijiet għat-tarbija u sa seba' xhur ma kelli xejn.

Meta bdejt nersaq għax-xiri u nagħmilha man-nies rajt lili nnifsi kif tabilħaqq kont. Hu kien inaqqarli mill-flus li jagħtini, jitlobni xelin jew żewġ xelini u jien ma nitlobhomlux lura. Meta fl-aħħar tax-xahar ngħidlu li spiċċawli kien jgħajjarni ħalja u ma nafx inqassam.

Biex nipprova nwassal sa l-aħħar tax-xahar, ta' belha li kont, bdejt nixtri kwart flok nofs artal laħam nagħmlu mod, biex lilu nagħtih sehmu, u jien niekol biċċa ħobż. Dil-biċċa xogħol baqgħet sejra s-snin. Meta nillitikaw, idejh kienu ħfief biex jerfagħhom. Għal kull ħaġa ta' xejn ixejjer bil-ponn u jarma jagħtini fuq spallejja u jimlieni tbenġil; kont nilbes il-kmiem fuq dirgħajja biex naħbi l-kħaħal. Darba, biex nirreżistih, qbadt l-ixkupa u ġietni agħar għax tani iżjed mis-soltu. Ħadtha bi kbira din tas-swat għax jien qatt ma rajt lil missieri jerfa' idejh fuq ommi. Kien jgħidli, "Mela int taf x'jagħmlu meta torqdu, kulħadd isawwat 'il-mara." Stħajt immur ngħid 'l ommi.

Kelli konfessur u għedtlu kollox. Żewġi ma riedx tfal iżjed għax kien jgħid bizżejjed wieħed, kemm juri li hu tajjeb. Il-konfessur imlieli rasi bi

kliem bħal, "Inti eroj quddiem Alla, għandek mertu kbir". Fl-aħħar, qabel li jiġi d-dar u jkellmu.

Il-qassis ġie u pprova jipperswadih biex ikollna t-tieni tarbija. Jien ridt tarbija oħra għax bżajt li bintna titla' egoista bħalu billi hu kien iben uniku. Kont naf li tqala oħra ma kinitx tajba għalija għax f'ta' l-ewwel ħlist b'ċesarja, imma kont lesta nagħmel is-sagrifiċċji. Weġġagħli qalbi u għamel żufjett bija minħabba ċ-ċesarja. Farrakni psikoloġikament. Kien taparsi se jkollna x'naqsmu, iġegħelni ninża', jixgħel id-dawl, imur f'sieq is-sodda u joqgħod jidħak bil-ponti u jgħajjarni mbażwra. U għal perjodu twil ma kienx jindirizzani b'ismi imma jsejjaħli "mbażwra".

Jien, sforz it-trobbija li kelli, dejjem stennejt lilu jersaq lejja, kont inħossni tosta jew ardita jekk nuri xewqti, allura la kont inkeċċih u lanqas insejjaħlu. Ma nqastux f'dik li hija ndafa, sajjart gosti tiegħu u kif għallmitni ommu stess. Ma kontx naf li jeżistu s-separazzjonijiet u l-ġiri fil-qrati.

Meta telaq il-qassis, żewġi qalli, "Kemm għadek żgħira". Quddiemu faħħarni u qal li jien nervuża. Il-qassis ma qallu xejn dwar is-swat. Għamilna perjodu ta' sitt xhur tajjeb, kien jiġi l-knisja miegħi u noħorġu ftit flimkien. F'erba' snin qatt ma ħadni mkien ħlief mill-Isla sa Bormla. Dejjem għax m'għandux flus, dejjem taparsi għandu l-*overtime*. Minflok kien imur it-tokis, imma għedt, ħallih, l-aqwa li mhux qed imur man-nisa. U jien hekk jew hekk kelli t-tifla żgħira u sibt żvog inrabbi ftit fniek u tiġieġ fil-gallinari fuq il-bejt. Kont inbigħ xi fenek jew xi tużżana bajd u solvejt il-problemi finanzjarji.

Meta għedtlu li ħriġt tqila għamel xenata. Għamel id-disa' xhur tat-tqala jinsisti biex inneħħiha. Id-disa' xhur għamilhomli miżerja, sa kien jagħtini d-daqqiet ta' sieq bil-lejl u jgħidli, "Dak li għandek irrid noħroġhulek qabel il-waqt". Veru li flus ma kellniex wisq, imma l-kapriċċi tat-tipjip u x-xorb laħqu kibru. It-tfal kienu se jnaqqsulu minnhom. Ma kienx se jħallihom joħorġu ħafjin; ried iżomm id-dehra ta' raġel ta' ċerta klassi.

Kont fit-tieni tqala u mort għand iz-zija u wrejtha t-tbenġil fuq żaqqi u għedtilha bil-ħsieb li mmur nirrappurtah. Ħassritli għax qaltli li setgħu jitfgħuh il-ħabs u ma ridtx li uliedi jġorru l-istigma. Ommu taparsi żammet miegħi imma wara sirt naf li kienet tibża' minnu għax bix-xorb isir vjolenti.

Ix-xorb kien ġa beda jagħmel tiegħu u ġieli dam disa' xhur ma fittixni imma meta jkollu aptit kien jimponi ruħu fuqi. Beda jġib ruħu ħażin miegħi; iwebbilni bis-sess imbagħad iqum u jmur ikompli waħdu. Kelli

24 sena.

Bdejt inħit, xejn ma kont nonfoq. Kien jiġi d-dar lura mix-xogħol f'xi s-sebgħa ta' filgħaxija. Qatt ma għamel xejn fid-dar għax kien jippretendi li għandu jistrieħ. Tibjida għamiltha jien. Osservajt li d-deheb beda jonqosli. Kien ibill subgħajh meta jixxotta u minn fuq jgħidli li tliftu.

Bdejt nitkellem man-nies u nisma' l-istejjer ta' l-oħrajn. Għedt lill-konfessur li kont qed naħseb li nissepara minn żewġi. Il-qassis qalli, "Mela x'tagħmel!" imma fl-aħħar qabel li nsib avukat xiħ u ntellgħu lil żewġi l-qorti biex nagħtuh tbeżbiża. Ma xtaqtx is-separazzjoni għax kont ġejja minn ambjent reliġjuż u strett ħafna u ma kienx se jkolli raġel ieħor. Meta għedt lil missieri bis-separazzjoni, għamel għalija u qalli, "Naqtagħlek rasek jien jekk tagħmel hekk".

Dak iż-żmien li dħalna l-qorti l-ewwel darba, kelli t-tielet tarbija fuq id-dirgħajn. Biex dħalt fl-awla żammhieli avukat u bil-wiċċ tost qalli, "Xi trid tilmenta, l-Uganda r-raġel ikollu seba' nisa jaħdmu għalih u li jiekol it-tjur u l-bajd hija l-prerogattiva tiegħu." Kemm qabbilni sabiħ, ma qabbilnix mal-mara Amerikana jew Awstraljana.

Kelli l-iżvantaġġ li 'l żewġi kienu jafuh ħafna nies imlaħħqin u l-irġiel kellhom solidarjetà kbira bejniethom, ħaġa li aħna n-nisa m'għandniex. Il-maġistrat tah ħasla talli kien isawwatni u tajjeb jew ħażin irranġajna. Ħareġ digriet qawwi li kelli r-raġunijiet kollha għal separazzjoni.

U hawn beda taparsi jurini rispett, jitlobni skuża għax ma jafx x'fettillu. Ħadd ma fetaħli għajnejja li jekk ikun hemm kuntatt sesswali bejnietna, is-separazzjoni taqa'. Kont injoranta f'dawn l-affarijiet. Iżda għamilna perjodu tajjeb. Xi sena wara qalli li sab post fil-belt fejn kien trabba. Għamilhieli ċara li hu hemm biss ried joqgħod, hemm biss seta' jirranġa ħajtu għax in-nies tal-Kottonera kienu żibel. Minkejja li ħaseb li politikament kont bħalu, qabel ma jagħtini l-karta tal-vot, kien iġegħelni nieħu ġurament fuq is-salib tal-kuruna, li jien se nivvota bl-ordni li jrid hu.

Hemmhekk indunajt li jekk fl-affarijiet personali u żgħar kien iċaħħadli l-libertà, ma stajtx nistenna wisq mir-relazzjoni tagħna. Għax anke meta xi darba ridt nixtri biċċa drapp, ġiet tagħżilhieli ommu għax jgħid li m'għandi gosti ta' xejn. U dejjem sejjer li jien il-popolin għax ġejja minn familja b'ħafna ħaddiema. Trabba jħares 'l isfel lejn il-ħaddiema u ma kienx irid li wliedna jitħalltu mat-tfal tat-triq tagħna.

Sab flatt inqas komdu milli kellna u neħħejt l-annimali għax ma kellix fejn inżommhom. Iċ-ċaqliq swieli ta' deni għax fl-istess triq kienet tgħix

ommu. Sakemm ġarrejna ħriġt tqila biż-żgħir u allura beda jġib ix-xiri h tixtrilu ommu u jgħaddi għalih. Kien jagħtini lira fix-xahar, *allowan* personali. Tant kien ikolli bżonnijiet fid-dar li darba infaqthom biex xtra xkupilja tat-tojlit. Xejn ma stajt nixtri u spiċċajt inqatta' n-*nightdress* qodma li kelli biex inħit xi ħaġa 'l bniet. Kien jgħaddi jiekol għand omm u lilna jġibilna sikspenz *luncheon meat* biex nieklu filgħaxija.

Domt sena u nofs ngħix f'din il-ħajja sakemm ma flaħtx iktar. Met jiġi mix-xogħol kien ibiddel u joħroġ; ġieli ħa t-tfal il-kbar miegħu. M kienx raġel ħażin imma wiret il-mentalità li n-nisa huma mezz biex iservu u jiddisponi minnhom skond l-esiġenzi.

Niskanta kif kellna erbat itfal għax ftit li xejn kien ifittixni. Fis sentejn u nofs li hemm bejn l-aħħar tnejn għandna xorti għamilna darbtejn Liż-żgħir ukoll ma ridux u akkużani li ma kienx tiegħu. Is-swat żdied dejjem sejjer, "Iva Alla ma jiħdokx, imutu tant nies". Bil-lejl kien isibha diffiċli biex jorqod u kien iqajjimni u jgħidli, "Mur ara kemm tifraħ u ddu tixgħel in-niċeċ jekk għada tqum u ssibni iebes!"

Hawnhekk beda s-swat ġo żaqqi. Il-ħlasijiet l-oħra ma kinux ċesarj imma batejt; wellidt bl-għodda u fiż-żgħir tlift ħafna demm, tant li wara l ħlas lanqas qatra demm ma ġietni għax ma kellix aktar x'nitlef. Jumejn wara l-ħlas, kien jiġi għalija u jinsisti li mmur id-dar, iżda t-tobba kienu jżommuni ġimgħa biex nirkupra. Il-professur kien idaħħalni l-isptar xi tliet ġimgħat qabel il-ħlas. Meta mmur lura d-dar kont insib il-ħasil kollu għadu hemm, jekk xtara għaxar fliexken ħalib jagħmilhom wieħed ħdejn l-ieħor ringiela ma' l-art, l-art qatt ma tinħasel...għal daqshekk ma kienx isibha 'l ommu.

Meta wasal biex jitwieled iż-żgħir ħarġuli l-morliti u ma stajtx la noqgħod bilqiegħda u lanqas insib pożizzjoni ta' mistrieħ fis-sodda. Kien jagħmel ix-xenati għax nitqalleb u kelli nagħmel dsatax-il lejl nongħos fuq siġġu fil-gallerija. Biex niekol kont noqgħod għarkubbtejja quddiem siġġu. Għand il-familja tiegħi ma bqajtx immur għax kien ikolli nitolbu xi żewġ xelini għall-karozza u kien jimla rasu li nitħaddtu fuqu.

Ħassejt il-bidu ta' l-uġigħ tal-ħlas meta żewġi kien qed iħejji biex joħroġ wara x-xogħol. Qalli biex inċempel l-ambulanza u ħareġ. L-uġigħ żdied, ċempilt lill-ġenituri u ġie l-papà jwassalni. Fil-ġimgħa li domt l-isptar ġie jarani darba; ħareġ *notebook* kbir, niżżel dak li kelli bżonn u ma rajtux iżjed. Hekk għamel kull darba li dħalt inwelled 'l uliedna. Imnalla kienu jiġu l-mamà u ħuti. Fl-aħħar wieħed, ma kellix *nightdress* tajba

x'nieħu miegħi u flus biex nixtri ma tanix. Meta l-mamà ratni bil-bluzi ta' l-isptar ġibtilha l-iskuża li ma kellix ċans noħroġ nixtri minħabba t-tfal, u ġabitli tnejn hi. Tant tlift demm u kont batuta wara ż-żgħir li kont inġorru fil-pramm minn kamra għall-oħra għax kont nibża' li jaqagħli minn idejja.

Baqa' jiġini ħafna demm kull xahar u l-keded ma' żewġi ma naqsux. Darba kont għarkubbtejja ma' l-art nimsaħ ir-roqgħa demm bi tbatija u nibki. It-tfal kienu aljenati jilagħbu. Waqaf quddiemi jogħrok idejh. Qalli, "Ċuċ, dalwaqt nidfnek". Kif qalli hekk ġietni saħħa barranija u għedt, daqshekk!

Imma għamilt l-iżball li ċempilt 'il-ġenituri tiegħi u għedtilhom jiġu għalija. Il-liġi ħadmet kontrija u ħadli t-tfal. Tad-dar ħasbu li se jeħduni għal xi jumejn imma jien kont determinata. Ħadu xokk għax jien qatt ma wrejthom minn xiex kont għaddejja. Biex ħadt iż-żgħir, li kien taħt it-tliet snin u kont għadni nreddgħu, kelli nagħmel rikors.

Matul il-kawża indunajt kemm ma kont naf xejn. Fil-qorti kont emozzjonali u dhert ardita u qalila meta sfidajt u għedt lill-Imħallef li jekk it-tfal se jagħtuhom lilu, hu kien se jagħtihom lil ħaddieħor biex irabbihomlu. Għax kif f'daqqa waħda tiġi u teħodli t-tfal meta għamilt dawk is-sagrifiċċji kollha biex ma nitlifhomx, għax hu ried ineħħihom? Ħassejthom tiegħi aktar minn ta' kull mara oħra. Kif stajt nirreaġixxi mod ieħor meta biex ġibthom fid-dinja għamilt disa' xhur nipproteġihom biex l-istess missierhom li nissilhom ma jeqridhomx?

Dażgur ma jagħtihomlix, qalli wieħed avukat, inkella missierhom ikollu jagħti ħafna manteniment. Imma lanqas b'xejn ma riduni neħodhom.

Krejt għal rasi. Għamilt xi sena u nofs nibki u ma nafx x'se nagħmel. Fl-istess waqt sibt nies li mhumiex ta' skola imma li, bi ftit kliem ta' wens, lanqas huma stess ma jafu kemm għamluli kuraġġ. Mara bla skola li għaddiet mill-esperjenza tal-qrati waqfet miegħi kull meta ħassejtni se negħreq. Kont imdejqa u dipressa u t-tabib tani xi kalmanti. Ħadmu ħażin fuqi u qanqlu fija x-xewqa li nneħħi ħajti. Bdejt tielgħa t-taraġ tal-bejt b'taqtigħa ġo fija; parti minn moħħi tgħidli kemm se nagħmel ħażin u parti oħra tgħidli kemm se nistrieħ, la niġri iktar fil-qorti u lanqas igiddbuni aktar. Għax kien hemm erwieħ tajba li ġew fuqi jċanfruni għax se nkisser familja u li żewġi kien qisu San Franġisk miexi fl-art. Irmejt il-pilloli u qatt iżjed ma ħadt kalmant ieħor.

Għedt lili nnifsi li rrid insib soluzzjoni. Ma ridtx nemmen li l-Artiklu 55 li semmewli l-avukati jagħti daqshekk poteri lill-missier. Qed nitkellem

dwar il-liġijiet tas-snin sittin. Għedt, ma jistax ikun li ma kien hawn xejn li jipproteġi 'l omm. Mort il-Biblijoteka u tlabt kopja tal-Kodiċi Ċivili. Qattajt il-ġranet naqraha u nistaqsi dwar l-interpretazzjoni tal-liġijiet.

Ftaħt il-kawża għat-tfal, avolja kollox kien kontrija. L-uniku mezz biex ma nitlifhomx kien li jien u żewġi nirrikonċiljaw. Binti l-kbira xehdet kontrija kif qalilha missierha. Darba qaltli wkoll li z-zija ġriet warajha b'sikkina u jien għamilt rapport l-għassa. Tlajna l-qorti, it-tifla ċaħdet u qlajt ċamata mill-Imħallef. Ftit jiem wara, it-tifla ftaħret kemm daħket ħelu bl-Imħallef.

Lanqas laħqu għaddew ġimagħtejn minn meta erġajna flimkien, li ma bdiex l-inkwiet. Ma bdiex isawwatni imma jgħidli li t-tifel qed imiss is-swiċċ, joħroġ fil-kuridur u meta ngħaddi jixkanani, fl-istess waqt jgħajjat, "Ajma x'daqqa waħħlitli," allura jiġu t-tfal u jsibuh jogħrok. Il-kbira fil-fatt xehdet li jien kont insawtu imma ma kinitx taf tgħid kif u fejn.

Imbagħad beda b'tattika oħra; ipoġġili l-ixkupilji tan-nagit fil-kxaxen qalb il-bjankerija, u jiġi jgħidli, "Fejn għamilthom, ejja agħtihomli!" Imbagħad wara ftit jiġi u jibda sejjer, "Ter, isma' ħi, ara fejn huma, sabiħa, qalb il-bjankerija. Ara kif qed iħallik moħħok; għandek bżonn naqra għajnuna". Ried jiċċertifikani li kont marida b'moħħi.

Imradt bit-tifojde u għamilt xahar u nofs l-isptar. Mhux żgur ġie darbtejn jarani u qatt ma ġabli larinġa. Tal-familja kienu jġibuli. Dakinhar li qaluli li stajt noħroġ ma kienx qiegħed id-dar. Wasslitni l-mara ta' ħija bit-taksi għax meta ħriġna mill-isptar saqajja ċedew. Ħallietni d-dar għax ma riditx li jiġi u jsibha hemm. Dħalt fis-sodda u meta rani nħasad. Qalli, "Ix-xjaten! Ma ħadekx Alla, lanqas din id-darba?" Dan meta kelli 26 sena.

L-inkubu żdied; flus ma jagħtinix, ma nistax ninżel għand tal-familja, ma jkollniex x'nieklu, jagħtini ġo sidri u żaqqi taparsi jkun qed jitqalleb. Ma ridtx nemmen li jasal daqshekk u għamilt jumejn għassa, nixrob il-kafè biex nibqa' mqajma. Meta saru xi s-siegħa u nofs ta' bil-lejl naraħ idur lejja, jgħolli sieq),u jagħtini daqqa u jgħidli, "Ħudha, ħudha". Kont lesta għalih. Wissejtu li jekk jerġa' kont se nagħtih daqqtejn ta' flixkun. Ma kontx vjolenti, imma ħabiba tiegħi li għaddiet mill-istess esperjenza, u qħali nbidlet minn nagħġa għal lupu, tatni l-parir biex inżomm flixkun bl-ilma ħdejja u nheddu bih. Imbagħad mar jorqod f'kamra oħra u ħallieni ni kwieti.

It-teatrini komplew; meta jieħu l-platt bl-ikel mill-kċina kien jaqbad jarmih, u jgħajjat, "Ara din x'għamlitli, kif irmithuli tiegħi!" Kien

jagħmilli, "Hux trid nagħmlu paċi u nżommu l-familja magħquda, ejja nieħdok għand it-tabib, anzi, inġibuh hawn ħalli ma nagħtu sodisfazzjon lil ħadd." Ried iġibli tabib tal-moħħ. U ssuġġerejtlu li fil-każ immorru u jeżaminana t-tnejn flimkien, u beda jaqta' idejh.

Beda jħallini iktar skarsa biex forsi niddejjen. Ftiehem ma' ħabib tiegħu biex il-kont tad-dawl iħajjarni npaċuh, imbagħad iġibha kontrija, u ħafna affarijiet minn dawn. It-tfal xewwixhom, lill-kbira ta l-inkarigu biex tgħidlu ma' kull min niltaqa' u nitkellem. Darba, wara xebgħa, mort għand ommu mimlija demm u qaltli, "Min jaf x'għamiltu int biex sawtek," u hu xehed quddiemha u quddiem il-qorti li jien kont inħabbat lili nnifsi mal-ħajt biex ngħid li sawwatni.

Ħallieni bil-ġuħ u biex ngħin ruħi darba qbadt inbigħ il-biljetti tal-lotterija. Ma domtx wisq għax sgassali l-kaxxa tal-flus u seraqhomli. Tlabt 'l ommi tislifni l-flus ħalli nħallashom lura.

Il-ħajja ma setgħetx tibqa' sejra hekk. It-tnejn tgħallimna kif kienu l-liġijiet u kif setgħu jaħdmu favur tagħna. Kienet taqtigħa ħarxa b'ħafna makakkerija. Fetaħ il-kawża għas-separazzjoni hu, din id-darba, u jien bilfors kelli nagħmel kontrakawża. Skond il-liġi, dak iż-żmien ir-raġel ma kienx obbligat jagħmel il-kontrakawża jekk tkun il-mara li bdiet il-kawża għas-separazzjoni. Ma stajtx inħallas u tawni avukat tal-fqar, tal-pepè kienu jgħidulu. Kont iffurtunata li tawni l-avukat li xtaqt, avukat bravu u ġentlom. Madankollu domna deħlin u ħerġin il-qorti, tlettax-il sena.

Żewġi kien jaf x'tagħtih il-liġi meta fetaħli l-kawża għas-separazzjoni; li jsibli fejn noqgħod, jagħtini gverta, imħadda u ftit tal-flus, u seta' jagħlaqni barra. Hekk ipprova jagħmel.

Ftiehem mal-kbira; meta ġew mill-iskola, it-tfal ġennewni biex noħroġhom. Ħadthom sal-Barrakka. Meta wasalna kantuniera u nofs 'il bogħod mid-dar, il-kbira qabdet idejn ħutha, minbarra taż-żgħir li kien fil-puxċer, u ġriet 'il ġewwa bihom. Malli wasalt ħaduli ż-żgħir u l-puxċer, sabbtuli l-bieb f'wiċċi u sakkruni barra. Missierhom ċempel lill-pulizija biex jgħidilhom bl-ordni li ta hu permezz ta' l-avukat tiegħu, tani l-gverta, iċ-ċwievet tal-post li sabli l-Gżira u lira.

Bżajt immur il-post waħdi għax mill-indirizz intbaħt li kien fi nħawi tal-prostituzzjoni. Ċempilt lill-ħabiba u ġiet biex torqod fid-dar miegħi. Dħalna u sibna l-post maħmuġ mimli kondojiet jiġru. Ġarrejna l-gwardarobba mal-bieb u għaddejna l-lejl fih. L-għada filgħodu mort infittex lis-sensara u tajtha ċ-ċwievet lura.

Minn dakinhar bdejt nagħsar moħħi fi ġlied biex nipprova nieħu dak li l-liġi bla jedd ħaditli. Għax b'liema jedd il-liġi tagħti lir-raġel il-poter biex ikeċċini 'l barra? B'liema jedd il-liġi teħodli 'l ulied li rajt il-mewt għalihom? Ftakar fil-kliem mimli sens ta' omm oħra li ltqajt magħha l-qorti, li l-liġijiet saru mill-irġiel għall-irġiel. U ddeċidejt li jekk ma kienx hemm kmandament, nagħmel wieħed jien.

Ma tkellimt ma' ħadd. Kelli ċ-ċavetta tal-blokk tagħna u mort id-dar. Ħabbatt għand il-familja ta' fuqna u għedtilhom x'ġara u li kien beħsiebni mmur norqod fil-kamra tal-bejt fuq kaxxa kbira tal-merkanzija. Noqgħod hemm nistenna biex l-għada filgħodu, meta joħroġ għall-ħobż, nidħol ġewwa. Laqgħuni, qlewli żewġ bajdiet, għamluli t-tè, riedu jagħtuni gverta imma ma ħadthiex u tlajt norqod. Il-lejl ma riedx jgħaddi u bil-kesħa m'għalaqtx għajn m'għajn. Għaddejt it-tokki ta' l-arloġġ tal-knisja u tlabt lil San Ġuda jilluminani biex noħroġ minn dik il-basla.

Ġieni l-ħsieb li mmur il-quddies ta' l-ewwel, tal-ħamsa ta' filgħodu. Tlabt lis-sagristan jagħtini sellum bl-iskuża li ngħalaqt barra u mort biex nitla' mill-gallerija li soltu nħalluha sokkjuża. Ħadt miegħi martell u tnalja biex inkun nista' naqla' l-ħġieġa u nidħol. Kif kont hemm fuq, tani ħass ħażin kbir u waqajt mitlufa minn sensija fil-gallerija. Il-ġirien ċemplu għall-pulizija. Meta ġew, ġiegħlu 'l żewġi jiftaħ il-gallerija u ordnawlu jdaħħalni ġewwa minkejja li ma riedx. Ġie t-tabib tal-pulizija għax ħasbu li kont qlajt xi xebgħa. Għedtilhom x'għamilt u ma kxift lil ħadd li kien tani l-għajnuna. It-tabib riedni mmur l-isptar imma insistejt li nibqa' hemm għax kont naf li jekk noħroġ ma nkunx nista' nerġa' nidħol.

Lir-raġel ħaduh magħhom l-għassa u meta ġie lura, ippakkja u ħa wkoll il-banana u ż-żewġ tuffieħat li kien hemm. Nofsni mitlufa fuq is-sufan irrealizzajt li kien se jieħu t-tfal miegħu. Iż-żgħir li kien għadu mimli kokò, ġie jiġri ħdejja. It-tlieta l-oħra bdew ġejjin wieħed wieħed jitolbuni, "Agħtina lil Jonathan, agħtina lil Jonathan". Imma ż-żgħir iggranfa miegħi u ma marx.

Meta telaq, sejjaħt lill-ħabiba tiegħi u ġiet. Għamlet ġimagħtejn iddur bija sakemm ġejt f'sikti. Ma stajtx inżommu milli jidħol id-dar u bdejt nibża' nillarga. Għamilt katnazz biex ma jiġix għal għarrieda. Tlabt lill-ġirien jixtruli l-bżonnijiet ta' kuljum u ssakkart ġewwa għal xi tliet ġimgħat. Ipprova jiġi kemm-il darba. Irrappurtajt l-għassa kull darba li ġie għax kont nibża' minnu. Hu kien jaf ir-rutina tiegħi tax-xogħol tad-dar. Darba fil-ġimgħa kont nagħmel il-ħġieġ; bżajt għax kellu ħabta kif jiġi fl-għaxra ta' filgħodu jagħraxli saqajja taparsi biex jagħmel ħbieb. Kien jaf

li jagħtuni l-isturdamenti, u bżajt mill-mewt li setgħet tkun deskritta bħala waħda aċċidentali. Komplejt nirsisti u niġri wara l-avukati.

Il-kawża tas-separazzjoni ħadet fit-tul daqshekk għax matulha għamilt ħafna rikorsi minħabba t-tfal. Meta jiġu għandi kont naraħom neqsin mill-ħasil u qed jiġu ttraskurati. Mort ukoll għand l-uffiċjal tal-*welfare* u tlabtha tibgħat lil xi ħadd jagħmel żjara għal għarrieda biex jaraw f'liema kundizzjonijiet qed jitrabbew it-tfal. Għax il-familja kienet magħrufa u ta' ċerta klassi soċjali, ma riditx teħodhom b'sorpiża.

F'rikors minnhom il-qorti ħarġitli manteniment ta' lira u sittax-il xelin fil-ġimgħa, għalija u għat-tifel, sakemm tinqata' l-kawża. It-tfal bdew jiġu jarawni darbtejn fil-ġimgħa. Kont imdejqa u beżgħana. Beda l-inkwiet mat-tfal għax meta jiġu kienu jkissru u jitolbuni ħwejjeġ li ma stajtx nagħtihom. Il-kbira dejjem tmexxiet minn missierha imma l-oħrajn kienu jagħmlu bħalha għax jibżgħu minnu. Bqajt inżomm lura minn tal-familja tiegħi.

Kien hemm min qalli li mhux veru nħobb lil ibni ż-żgħir għax kieku nħallih imur ma' ħutu, imma jien ridt 'l uliedi kollha jiġi għax miegħi ikunu aħjar milli ma' żewġt ixjuħ. Lit-tfal ġieli ħarbulhom xi stejjer; meta ż-żgħir imur għand missieru, kienu jorbtuh mas-siġġu għax kien imqareb, jew ineħħulu l-platt minn quddiemu għax idum jiekol, u z-zija trid tnaddaf il-mejda. Lit-tifla ta' qablu kont niltaqa' magħha d-duttrina u kemm-il darba qaltli kemm kellha ġuħ għax ma jitimgħuhomx biżżejjed. Kienet twissini biex ma nagħmel xejn u ma ngħidx lil missierha għax jekk titla' l-qorti, hija kienet tixhed kontrija u tgħid li mhux veru.

Sakemm il-qorti tat id-digriet li ż-żgħir seta' jibqa' miegħi, ma stajt inħallih ma' ħadd. Kien żmien ta' tbatija, il-ftit flus li kelli kont inqassamhom fl-uvieri; ħames xelini biex nixtrilu l-bajda, erba' xelini għall-*Farleys Rusks*, tliet xelini għal-larinġa. Dawk l-essenzjali għaż-żgħir u l-kumplament inqassamhom sold sold. Għamilt xahar bla manteniment għax żewġi ma riedx iħallas il-kont tad-dawl. Għal jiem sħaħ dħalt norqod bit-tè biss u għamilt iljieli ma nistax norqod bil-ksieħ anke meta fuqi tfajt saqqu biex forsi nisħon.

Ma kellix minn fejn naqla' l-flus u fis-sittinijiet, ġobs ma kienx hawn. Ġieli tfaċċat xi persuna ġeneruża u tatni xi żarbun jew kowt għat-tifel. Ma ridtx nuri l-miżerja tiegħi ma' tal-familja. Ma ppretendejtx li jagħtuni kull darba, imma ma kinux ġenerużi. Il-kliem, "Ħaqqek, għax għednielek," ħadem fuqi u għedt li la frixt is-sodda rrid norqod fuqha. B'xi mod irrid

insolvi l-problemi tiegħi u nkun kompletament indipendenti.

Twebbilt nerġa' nibda nistudja. Il-kuġin, li kont ninġieb miegħu, laħaq tabib. Għenni ħafna bil-mediċini għax it-tifel dik il-ħabta kien sikwit jimrad. Għamilli kuraġġ u qalli, "Għaliex m'għandekx tistudja, ħadd m'hu qed jistenna xejn minnek; jekk tgħaddi aħjar għax ikollox xi ħaġa u jekk le m'għandekx għax tħossok avveluta". Issellift il-kotba, xi ħbieb tawni l-privat u għamilt ħames suġġetti fil-livell ordinarju tal-*GCE* u ġibt l-aħjar marka. Komplejt nistudja t-Taljan, l-Ingliż, il-Filosofija u l-Malti fil-livell avvanzat. Għall-Ingliż kelli nħallas il-privat u l-flus ħarġu minn ruħi. Għaddejt u ħsibt biex nidħol l-università.

F'dak iż-żmien it-tifel kellu bżonn operazzjoni tat-tunsilli għax kien qiegħed fil-periklu li jitlef is-smigħ minn waħda. Ħadtu għand l-aqwa speċjalista biex inkun żgur li jeħtieġ l-operazzjoni. Il-liġi tagħraf biss lill-missier u kelli nitlob il-firma tiegħu. Żewġi ma riedx jiffirma biex issirlu l-operazzjoni. Qal li qed niffissa, minkejja l-parir ta' l-ispeċjalista. Għamilt rikors il-qorti, it-tifel daħal l-isptar, u l-avukat assuma r-responsabbiltà minflok missieru. Kont naf mnejn ngħaddi għax meta kont l-isptar darba minnhom kien hemm mara li kellha bżonn operazzjoni u żewġha ma riedx jiffirmalha. Fil-każ tagħha, il-professur mexxa u daħal responsabbli hu. Wara l-operazzjoni it-tifel ma baqax jimradli.

Fl-istudju sibt żvog interessanti. Lit-tifel ma nqastu minn xejn, ħriġtu, tmajtu u żammejt il-flatt nadif. Sadattant żewġi laħaq u kabbar ix-xibka ta' nies influwenti. Meta l-affarijiet jaqbdu sejrin kontrieh, kien jara x'jivvinta.

Meta ż-żgħir wasal għall-iskola, ktibtu *St Joseph* fejn marru ħutu u tħabatt kemm flaħt għax għall-bidu missieru ma riedx iħallaslu. Billi l-kawża kienet għadha għaddejja, missieru seta' jaqbad u jieħdu jekk ma jkunx akkumpanjat minni. Ipprova jagħmel hekk waqt il-ħin ta' l-iskola u għamilt ġranet twal għassa wara l-bieb ta' l-iskola. Is-sorijiet kellhom ordni minn żewġi biex lili ma jagħtunix sodisfazzjon dwar il-progress ta' wliedi. Keċċewni 'l barra kull darba li mort f'jum il-ġenituri. L-ittra li ħadtilhom mingħand il-Vigarju ma kkalkulawha xejn. Iddispjaċieni li mxew miegħi b'mod daqshekk immorali. Ġabu l-argument li għax missierhom kien qed iħallsilhom, lilu biss kellhom l-obbligu li jagħtu sodisfazzjon. It-tifla l-kbira għamlet il-Griżma ta' l-Isqof fl-iskola. Kellhom ordni biex ma jħallunix naraha. Preżenti kien hemm Monsinjur. Mort kellimtu u ordna lis-soru tħallini nofs siegħa magħha fil-kamra.

Wara l-ewwel sena l-università, kont se naqta' qalbi għax ma kellix mezzi biex nixtri xi kotba u l-ħin biex noqgħod l-università nistudja. *Lecturer* fetaħli għajnejja u applikajt għall-għajnuna mill-università. Tawni ħamsa u għoxrin lira fis-sena. Applikajt ukoll għal *scholarship* kompetittiv. Sakemm ħareġ ir-riżultat kont dieħla għall-aħħar sena u minnu gawdejt biss mitt lira. Kelli 43 sena meta ggradwajt u sibt xogħol tajjeb.

L-affarijiet bdew bil-mod il-mod ġejjin f'posthom; ħassejtni kunfidenti, rilassata u indipendenti. Tal-familja u oħrajn għamlu pressjoni fuqi biex nerġa' nirranġa miegħu, imma d-deċiżjoni kont ħadtha. Għedtilhom li dak ma kienx se jinbidel u f'qalbi ma kienx fadalli post għalih. It-tfal, it-tlieta l-kbar li kienu miegħu, bdew isiru aktar arroganti: jgħajruni, jobżquli u jkissruli kull meta jiġu għandi. Fl-aħħar qtajtha li jkun aħjar jekk ma jibqgħux jiġu iżjed; la ma stajniex inkunu ħbieb ma ridtx li nsiru egħdewwa.

Fl-1971 il-kawża kienet għadha sejra. Inbidel il-gvern u bdew isiru xi emendi fil-liġijiet. L-Imħallef li ħaqarni fil-konfront ma' żewġi spiċċa u fi tliet xhur ingħatat is-sentenza. Iż-żgħir baqa' miegħi, u t-tlieta l-kbar miegħu. Xoljejna l-komunjoni ta' l-akkwisti u ngħatajt il-jedd li niffirma kull dokument uffiċjali jiena, mingħajr il-ħtieġa tal-firma tiegħu. Dan kien importanti.

Bdejt nimxi b'moħħi u qalbi flimkien. Il-kbira baqgħet ma tridx taf bija, għax tgħid li jien kont il-kaġun tal-firda u l-problemi fil-familja. Hi qatt ma ħallietni nuriha n-naħa tiegħi ta' l-istorja, kienet tippreferi żżomm il-mudell ta' missierha intatt. It-tieni wieħed jiqaflu. L-oħra baqgħet timida u mwerwra, beżgħet tistedinni għat-tieġ, tkellimni bil-moħbi u qaltli li ġejja d-dar biex turini t-tarbija. Kultant inħossni li rrid nirribella imma xi ħadd tani l-parir biex ma nagħmilhiex diffiċli għat-tfal u nikkuntenta b'daqshekk.

Bqajt bil-manteniment li ħariġli meta nqatgħet is-sentenza; 23 lira fix-xahar. Ma għamiltx rikors biex iżidli għax kont naħdem u naqla' l-flus. Xi wħud kienu qaluli li għandi nitolbu iktar manteniment billi hu mlaħħaq u għandu paga tajba. B'hekk inkun nista' noqgħod id-dar komda. Ma ridtx, għax is-sodisfazzjon li nieħu mix-xogħol u l-kuntatt man-nies ma jagħtuhulekx il-flus.

Fadalli sentejn biex nirtira u l-preokkupazzjoni tiegħi hija x'se nagħmel bija nnifsi wara, imma ġa qed nippjana xi ħaġa. Problemi

finanzjarji ma fadallix; solvejthom meta bdejt naħdem.

Kelli ħafna morr u ftit ħlewwa fil-ħajja, imma kollox ma' kollox inħossni sodisfatta; mhux li tlift it-tfal u li batejt, imma li mexxieli nsir naf lili nnifsi u neħħejt l-inkubu tal-mistħija. Sirt ma nistħi minn xejn, id-drittijiet tiegħi nersaq għalihom b'wiċċi minn quddiem u ħadd ma jagħmel pussess fuqi. Għad hawn il-mentalità maskili li l-mara hija oġġett ta' pussess, bħall-għamara fid-dar. Hemm min jibża' għaliha u jieħu ħsiebha biex igawdiha, u hemm min jieħu li jista' minnha, jagħsarha u mbagħad jaħraqha u juża oħra. Jien ma nħraqtx sa barra; it-tensjoni ġġib il-mard, li ma gawdejtx 'l uliedi jagħmilli d-dwejjaq. Qatt ma tlaqthom u bqajt l-għassiesa tagħhom minn barra. M'għandix rimors, 'l uliedi ma nqasthomx. Għext ħajti biex ħadd ma jkun jista' jħammrilhom wiċċhom bija. Uliedi jistgħu jiġu jħabbtu l-bieb meta jridu, u jsibuni.

Jiddispjaċini li tlift iż-żmien tat-trobbija ta' wliedi, imma issa l-Bambin donnu qed jirrikompensani għax sirt nanna u qed naqsam it-trobbija tan-neputi mal-ġenituri tiegħu.

Minn żmien il-bidu tas-separazzjoni tiegħi 'l hawn, il-liġijiet inbidlu ftit u ebda mara mhi se tgħaddi mill-inġustizzji kollha li ltqajna magħhom, jien u min jaf kemm-il mara oħra, fil-qrati.

# ELIZABETH

*"Il-kotba kienu l-akbar influwenza f'ħajti..., iż-żwieġ u t-tfal naraħom parti mill-ħajja ta' wara l-35 sena."*

It-telefon qajjimni llum. Kienet ziti; riedet kasett tal-vidjo biex tara mnejn ġejja l-ħsara. Inqum fis-7.00 u nibda x-xogħol fit-tmienja u nofs. Qabel noħroġ innaddaf il-kċina. Malli dħalt għax-xogħol illum kellna *staff meeting*.

Noqgħod id-dar mad-*daddy*, li huwa rtirat, u l-*mummy*. It-tnejn għandhom 68 sena u meta noħroġ joqogħdu d-dar waħidhom. Il-*mummy* ssajjar u d-*daddy* jċekċek fil-ġnien, idur u jsewwi xi affarijiet u wara l-ikel joħorġu xi passiġġata f'xi parti kwieta, jew dawra bil-karozza.

Immur lura d-dar fit-tlieta, x'aktarx inkun kilt fuq ix-xogħol, inpaċpaċ ftit mal-*mummy* u nitla' nistrieħ. Ħafna drabi noqgħod nara t-*television*, fil-ħamsa nieħdu t-tè flimkien u noħroġ nagħmel xi xiri. Il-*mummy* tgħidli ma' min iltaqgħet u x'semgħet, x'għandna bżonn nagħmlu, it-tgergir tal-ġurnata u x'mar ħażin fid-dar, għax dejjem qed imur xi ħaġa. Wara neħodha sa għand ħutha li joqogħdu qrib u meta niġu lura nieklu. Jien noħroġ mal-ħbieb f'xi granet. Ġieli tiġi xi waħda minn ħuti u tqatta' ġurnata d-dar. Fil-*weekend* insajjar jien; id-*daddy* ma jsajjar xejn għax il-*mummy* ma tħallihx u qatt ma naf li sajjar. Ħuti ma jgħinux fid-dar; meta jiġu, huma dejjem il-mistednin.

Għandi l-libertà kollha biex noħroġ u nagħmel dak li nixtieq; ġieli kelli lil xi ħadd mill-ġenituri marid imma għal perjodi qsar. Meta jkunu morda, id-*daddy* jħobb joqgħod waħdu għall-kwiet u l-*mummy* tkun trid min ipaċpaċ magħha. It-tindif nagħmluh it-tlieta; jiena, il-*mummy* u d-*daddy*. Meta nsiefer jew ma nkunx id-dar, ħuti jidħru iżjed imma meta nkun hemm, ftit li xejn jagħmlu.

Għandi 30 sena; konna ħija l-kbir, żewġ ħuti bniet qabli, kollha miżżewġin, u jien, iż-żgħira, mhux miżżewġa. Missieri kien daqsxejn awtoritarju; per eżempju, biex nixegħlu t-*television*, bil-permess, biex noħorġu naraw film, bil-permess. Tajjeb minn banda imma fl-istess ħin

tlajna nżommu lura minnu u mal-*mummy* ngħidu dak kollu li nħossu.

Naħseb li dik l-awtorità u d-dixxiplina ma ssarrfitx tajjeb, ma ħariġx xi kapital minnha u iktar nifthu qalbna m'ommna. Madanakollu meta jkolli xi problema ta' natura inqas emozzjonali, l-aktar fuq ix-xogħol, iżjed indur lejh; per eżempju, jkolli problema mal-kap jew kollegi tiegħi, jurini kif għandi nittratta magħhom.

Id-*daddy* kien uffiċjal fiċ-Ċivil u għamilha iktar man-nies; jaf is-servizz kif jaħdem u l-motto tiegħu hu li d-dipartiment m'hu ta' ħadd. Għalhekk jara s-servizz fil-perspettiva tiegħu u jekk aħna bħala nisa nkabbruhom għax forsi nibżgħu mill-awtorità, jew nirrispettawha żżejjed, hu jġibek f'sensik u jgħidlek kif għandek timxi u kif tieħu d-drittijiet tiegħek. Hu, għalhekk, jista' jagħtini parir. Fuq kwistjonijiet personali jew emozzjonali ma nitkellmux; jinduna li jkolli n-nervi imma lilu ma ngħidlux għaliex, u mmur nitkellem mal-*mummy*, għalkemm hu jista' jifhem x'tip ta' nervi jkolli fuq ix-xogħol, mentri għall-*mummy* d-dinja tax-xogħol barra d-dar waqfet kmieni; ħadmet bħala għalliema qabel iżżewġet.

Id-*daddy* ġieli jieħu xi deċiżjoni li tidher stramba, bħal per eżempju, il-magna tal-ħasil tiġrilha l-ħsara u jinsisti li jrid jirranġaha hu, mentri jien u l-*mummy* nirraġunaw li jkun aħjar iġib lil xi ħadd tas-sengħa. Hu jibqa' jinsisti li ma jġib lil ħadd għax, fl-opinjoni tiegħu, jisirqu; aħna nibqgħu ngħidu li fl-istat li waslet ma tkunx għal idejh.

Id-*daddy* jibqa' jrid ċerta awtorità fid-dar għax naħseb li għandu wkoll pressjoni soċjali mhux għax hu hekk mill-karattru tiegħu; iħoss li bħala l-kap għandu d-dover li jirranġa dak li jinqala' fid-dar biex jiffranka l-flus, u jemmen li kull deċiżjoni li jieħu tkun għall-ġid. Id-*daddy* joqgħod attent sew kif jintefqu l-flus.

Mal-*mummy* hu bniedem sensittiv u meta konna żgħar kien jieħu ħsiebna, jgħallimna u kien raġel tal-familja. Id-dar iżda, hija tal-*mummy* u hi kuntenta li hu qatt ma ndaħlilha x'għandha tixtri, x'purtieri tagħmel u x'tilbes. Imma għadu sallum jgħidilha, dik tixraqlek, avolja għandhom 68 sena u hi tieħu pjaċir. Imorru tajjeb flimkien, imma d-dar tagħha u l-ġnien tiegħu għax hi fil-ġnien tippreferi li jkollha l-fjuri u hu le. U hi, ġewwa, tħobb tip ta' għamara u hu ma jgħidilha xejn; kulħadd iżomm it-territorju tiegħu.

Għandi xi tifkiriet sbieħ tad-*daddy*, nhar ta' Sibt, dak iż-żmien taċ-Ċivil kienu jaħdmu, kont nieħu pjaċir nistaħbielu meta nisimgħu ġej. Waħda mill-isbaħ tifkiriet ta' tfuliti hija tal-passiġġati ma' missieri qabel inżul ix-xemx fit-tarf tar-raħal tagħna li kien għadu ma nbeniex. Konna

noqogħdu npaċpċu flimkien tul it-triq kollha, u għadni niftakar it-trejqiet sbieħ. Xi drabi, meta għal xi raġuni kont infalli l-iskola, jien, il-*mummy* u d-*daddy* konna noħorġu bil-karozza; dik kienet ħaġa tassew sabiħa, meta ħaddieħor qiegħed għax-xogħol jew l-iskola u int qiegħda xalata.

Peress li d-*daddy* huwa fil-kategorija ta' nies intelliġenti u jħobb jaqra ħafna wkoll, kien iżomm il-limitu ta' kemm jikkmandana, imma kien jaqra ħafna rivisti u kotba Amerikani fejn il-missier jitqies bħala l-feddej tal-familja, u ma setax irabbina mod ieħor. Iżda, kien jieħu paċenzja bina biex nitgħallmu u naħseb li hu daħħal fija l-ambizzjoni biex nagħmel xi ħaġa b'ħajti.

Ma' ħuti kont immur tajjeb, speċjalment ma' ħija l-kbir li kellu xi logħob li kien jirriservah għal miegħi, iż-żgħira; kien jgħidli, "Ejja ħa ngħallmek din," jew, "Ejja ħa nurik din". Ħija disa' snin ikbar minni. Kont imfissda u protetta minn ħuti l-kbar. Kont naqra ħafna u kienu jgħiduli b'xi kotba sbieħ li jaqraw; kelli seba' snin meta bdejt naqra sew u minn dak iż-żmien ma waqaftx. Kont niret il-kotba tagħhom.

Fis-sajf konna mmorru l-baħar kuljum u nieklu l-ħobż biż-żejt meta niġu lura. Ġara iżda li, meta sirt ta' l-età li noħroġ nilgħab barra ma' ħuti, l-egħlieqi li kienu jilgħabu fihom inbnew u ma ġinix iċ-ċans li noħroġ nilgħab bħalhom. Jien, oħti, xi tfal tal-ġirien u ftit mit-tfal ta' l-Ingliżi, tas-servizzi, li kienu joqogħdu ħdejna, konna noħorġu u nilagħbu bil-ballun jew noli fuq il-bankina. Qatt ma niftakarni nilgħab bil-pupi; il-ġugarell favorit tiegħi kien suldat gwardja tar-reġina. Tfuliti kienet sabiħa u sempliċi.

Meta miet in-nannu, kont żgħira ħafna u niftakar biss lill-*mummy* liebsa l-iswed, imma meta mietet in-nanna ħassejtha, għax kont nafha sew u nħobbha. Mietet meta kont *teenager.*

Is-snin ta' l-iskola kienu l-isbaħ żminijiet. Dejjem mort fi skejjel tal-Gvern. Kont il-favorita ta' l-għalliema tiegħi u kont inħossni superjuri għall-oħrajn. Kont brava, nara 'l kulħadd dubbien u nagħmel li rrid. Kont ngħajjar lil dawk li għalija kienu injoranti u ngħid lit-*teacher*, "Ħa ngħallimhielha jien lil din l-injoranta". Naħseb li kont antipatika. Anke l-università ħassejtni superjuri, imma kont immur tajjeb magħhom.

Kelli ħabiba favorita meta kont is-sekondarja u ħadtha bħala xokk meta ma bqajniex aktar ħbieb wara l-iskola; inqtajna għax hi ma komplietx u mmissjajtha ħafna. Wara s-sekondarja tlift il-kumdità u l-privileġġi li tawni l-għalliema. Xtaqt nilħaq xi ħaġa imma ma kelli xejn definit

f'moħħi; żgur mhux *teacher* għalkemm dħalt fil-kors tal-B.A. Educ., għax dak biss kien hemm. Bis-suġġetti tiegħi l-uniċi għażliet li stajt nagħmel kienu jew il-kors tal-liġi jew *teacher*, u l-liġi xejn ma tinteressani. Lestejt il-kors, dħalt ngħallem għal ftit u issa qed nagħmel xogħol iktar kreattiv. Il-kitba tal-letteratura tinteressani ħafna.

L-adolexxenza għaddiet f'ħakka t'għajn. Kelli tnax-il sena meta żviluppajt u l-*period* kien ħaġa vaga. Il-*mummy* qaltli biex immur nistaqsi 'l oħti x'nagħmel, imma oħti ma qaltli xejn lanqas. Il-fatti tal-ħajja tgħallimthom minn magazin, suppliment tal-*Women's Own*, li kien jittratta apposta kif l-ommijiet għandhom iwieġbu għall-mistoqsijiet ta' wliedhom. Sibtu mitluq id-dar u qrajtu.

Ħajti dak iż-żmien iċċentrat madwar l-iskola u l-iskola ma kellix problemi. Ma kellix dak il-ġenn biex noħroġ mal-ħbieb għax billi f'moħħi kelli l-ħsieb li nkompli nistudja, ma daħħaltx ambizzjonijiet ta' żwieġ.

Fis-*Sixth Form* kelli l-ewwel namrat, l-iskola hemmhekk imħalltin, bniet u subien u l-ewwel namrat kien student barrani. Konna mmorru xi disko, nieħdu xi pizza jew naraw xi film u noħorġu fil-*weekend* biss.

Mal-*boyfriends* dejjem kelli diżastru; kont nispiċċa niġġieled magħhom bil-goff, għax jekk ma tkunx tħobbhom, l-iċken debboliża fihom iddejqek, u jien it-tip li jekk ma togħġobnix xi ħaġa, ngħidha. Kont għadni *teenager* u l-*boyfriends* kont inħosshom inferjuri għalija. Għamilt bihom li ridt għax kienu joqogħduli; għax jekk ngħidilhom imorru hawn, jgħiduli *alright*, jekk ma mmorrux, *alright*, jekk ma rridx inbushom *alright*. Kienu joqogħdu għal kollox, u dejquni. Naħseb li kont qed nimmaġina li nsib lil xi ħadd bħal fl-istejjer tal-prinċpijiet, xi ħadd li ma ġenbu tħossok kuntenta, bħall-impressjoni li nieħdu mill-films u l-kotba. Jekk maġenb in-namrat li kelli ħassejt li ma kont qiegħda ħdejn ħadd speċjali, allura meta niġġieled, ngħajru; hekk kont, la salvaġġa.

Ma kontx interessata u ma kontx niddejjaq li niftiehem u ma mmurx, lanqas biss kien jgħaddili minn moħħi li kont qed inweġġagħhom. Illum noqgħod naħseb u ngħid — Ara x'diżappunt! Minn dejjem kont naf ngħid le u dik kellha l-vantaġġi tagħha; għenitni ħafna speċjalment biex ma nħallix lil min jabbuża minni, l-aktar l-irġiel.

Fi żmien l-università kelli namrati. Imbagħad daħlu kwistjonijiet oħra li għamluni daqsxejn riġida fil-konfront magħhom; daħlet fin-nofs il-politika femminista, dik li fir-relazzjoni ta' bejn mara u raġel jew ġuvni u tfajla tesiġi l-ugwaljanza, ftehim f'kollox. Ma xtaqtx li r-relazzjoni tagħna ssir waħda tradizzjonali kif għexu n-nanniet tagħna, u ommijietna.

Għaldaqstant il-ġuvintur sibtħom sterjotipati, mhux għax riedu, l-istess bħal missieri. Jafu li hemm il-pressjoni soċjali u jafu x'inhu mistenni minnhom fis-soċjetà u jaġġustaw. Kienu jippruvaw jinbidlu fil-konfront miegħi imma l-irġulija tagħhom ħassewha mhedda.

Naħseb li f'xi mumenti kont immur l-estrem l-ieħor, għalkemm huma kienu jarawha bħala fissazzjoni tiegħi u ma jiħdunix daqshekk bis-serjetà. Darba kelli ħamrat li ġie u tani rigal, ktieb tajjeb ta' l-arti. Fuq il-faċċata kien hemm stampa ta' raġel b'idejh fuq spallejn mara, f'qagħda li kont naraha patrunizzanti, u ma ridtux. Hu daħak bħallikieku kont xi annimal stramb, iffissata. Naħseb li kont daqsxejn esaġerata jew, suq, niħodhom wisq bis-serjetà u għalhekk ma kontx lesta li nilħaq kompromess; imma lanqas kelli ħsieb taż-żwieġ.

L-ebusija ta' rasi ma ħallitnix nara t-triq tan-nofs, forsi għax tant kont nibża' li nidħol f'estrem wieħed li kont naqbeż fl-estrem l-ieħor. Naħseb li għadni xi ftit hekk.

M'emmintx lil dawk li kienu jaħsbu li tkun qed tittradixxi l-kawża tan-nisa jekk tibni relazzjoni ma' raġel. Hi ridikola u estrema. Naħseb li għandek tipprova ssib mezz u tagħmel relazzjoni tajba ma' raġel li jemmen fil-femminiżmu soċjalista.

Dawn huma kollha ideat politiċi li għaddew minn ħajti. Kienet immaturità min-naħa tiegħi li nieħu dak li naqra mill-kotba u nattwah bla ma nagħti kas taċ-ċirkostanzi. Ma kontx nieħdu fil-perspettiva Maltija. Illum il-ġurnata l-ideat femministi ta' l-ugwaljanza addottaħom kulħadd, inkluża l-Knisja.

Din il-politika influwenzatli ħajti kemm mal-*boyfriends* kif ukoll id-dar. Ħriġt bħala ribella, mhux bħal ħuti li baqgħu bi kwiethom. Il-ġenituri ħaduni biċ-ċajt, il-*mummy* kienet tgħidli, "Tkunx daqshekk furjuża," u d-*daddy*, "Int fiex tifhem!" Ma kontx nirrabja għalihom u naħseb li aħjar ħaduni hekk milli qagħdu jiddiskutu miegħi u jippruvaw jikkonvinċuni mod ieħor. Sempliċiment ħaduha bħala xi ċajta. Dan kien xi disa' snin ilu; illum m'għandix ideat politiċi.

Nemmen li għad niżżewweġ imma rrid insib il-persuna li verament inħobb. M'għadnix inħares lejn iż-żwieġ bħal qabel; qabel kont narah ikrah u, appuntu għax kont influwenzata wisq minn dak li naqra, ma kontx nipprova nanalizza l-qagħda vera kif inhi ma' dak li naqra.

Ridt il-ħajja bħala avventura u ż-żwieġ inaqqaslek ħafna mill-avventura. Per eżempju, qabel u speċjalment meta kont studenta, jekk fettilli sifirt darbtejn f'sena u sifirt waħdi, kont nagħmilha; jekk fettilli ma ħriġtx

u qgħadt naqra jew nikteb, għamiltha; jekk fettilli mort il-Belt u rajt film waħdi, għamiltha. Ma ridt irbit ta' xejn, lanqas ħbieb, kont daqsxejn ta' waħdi, u kont nemmen li biex tkun suċċess trid tkun *"loner"*.

Iż-żwieġ kont narah jirristrinġik; imma naħseb li tista' tilħaq sitwazzjoni fejn ikollok żwieġ tajjeb u ma tingħalaqx ġo gaġġa. It-tfal jogħġbuni imma nibża' minnhom; eventwalment irridhom imma nibża' li jbiddlulek ħajtek għal kollox. Nittama li xi darba niżżewweġ u maż-żmien ikolli t-tfal.

Ma naħsibx li kbirt wisq biex nistenna u kont kuntenta ħafna meta għalaqt it-30 sena. Ma naqbilx li ċ-ċansijiet li niżżewweġ jonqsu għax fadal irġiel li jaħsbuha bħali u jagħtu ċ-ċans biex jiżżewġu. Għadni niltaqa' ma' ħbieb antiki li kelli l-università.

Ma togħġobnix l-idea li dieħla (f'xi ċrieki) barra, dik li jkollok it-tfal waħdek mingħajr raġel. F'qalbi nħossni tradizzjonali, jiġifieri li ma rridx li nkun omm mhux miżżewġa għax naħseb li l-ulied ikunu jridu jafu 'l missierhom u jitrabbew miż-żewġ ġenituri. Ma naħsibx li għandek taqleb il-ħajja rasha 'l isfel biex tkun qlibtha; irid ikun hemm raġuni valida biex l-affarijiet ma jsirux bil-mod tradizzjonali. It-tradizzjonali tagħmlu għax hu komdu, mhux biss għax hekk suppost li jsir. Ma jsirx biex sempliċiment timxi mar-regoli li writt minn ta' qablek. Għalhekk inħoss li l-politika femminista żammitni lura. Forsi qed inwaħħal fil-femminiżmu biex ma nwaħħalx fil-karattru tiegħi li huwa diffiċli. Il-ħbieb li kienu jaħsbuha bħali sibthom barra l-bibien ta' l-università.

Qabel dħalt l-università, forsi kelli dsatax-il sena, sifirt għal ftit żmien biex nistudja. Dik kienet esperjenza interessanti għax fejn kont rajt li kienet ħaġa normali li n-nisa kollha jaħdmu, jiżżewġu u jibqgħu jaħdmu wkoll meta jkollhom it-tfal. Ix-xogħol barra mid-dar għalihom kienet l-iktar ħaġa naturali, mentri f'Malta din kienet għadha ħaġa stramba. Kienu f'dawn l-aħħar sitta, seba' snin li l-idea bdiet taqbad u tara li anke nisa li ma kont toħroġhom b'xejn mid-dar, illum huma kburin li joħorġu jaħdmu, imqar ftit sigħat kuljum.

Imma xorta naħseb li l-kotba kienu l-ikbar influwenza f'ħajti, u l-idea futura tiegħi kienet ta' mara li tibqa' taħdem, mhux mara tad-dar, u għadni ma nafx x'joqogħdu jagħmlu d-dar ġurnata sħiħa n-nisa li jkunu ħadmu u għadhom bla tfal. Mhux ta' b'xejn taqbadhom dipressjoni.

Bħalissa nixtieq li niltaqa' ma' xi ħadd interessanti imma m'għandix għaġġla. Ħabiba li għandha 35 sena se tiżżewweġ u bilkemm ma taħsibx li għadu kmieni għaliha. Naħseb dieħla l-idea li ma jiżżewġux kmieni,

għalkemm naf min iżżewweġ kmieni ħafna. Hemm xi vantaġġi fiż-żwieġ bikri għax jekk tħalli s-snin għaddejjin iddum ma tissetilja fil-ħajja; imma naħseb li kieku jkolli t-tfal fi żmien ħames snin oħra, aħjar milli kieku kelli ħames snin ilu. Naħseb li issa iżjed nista' nrabbihom tajjeb.

Iż-żwieġ u t-tfal narahom parti mill-ħajja ta' wara l-ħamsa u tletin sena. Dejjem għandi dak il-ftit biża' li tqala tard tista' ġġib magħha xi kumplikazzjonijiet imma naħseb li dak huwa persentaġġ żgħir u ma nħallihx jinkwetani.

Xtaqt li qabel niżżewweġ inkompli nistudja, *post graduate*, u dak għadni ma għamiltux. Dak se jibqa' jżommni lura milli naħseb bis-serjetà biex niżżewweġ. Dawn is-snin li għaddejjin minn fuqi narahom bħala perjodu transitorju, ta' stennija, perjodu twil ħafna, ma nagħmel xejn kostruttiv; iva qiegħda d-dar u nikteb, imma la mexxieli nippubblika u lanqas ktibt xi ħaġa li ħassejtha tajba biżżejjed biex nippubblikaha. Għandi miri li għadni ma lħaqthomx; forsi tista' tagħmilhom meta tiżżewweġ..., u nista' ma niżżewwiġx fuq kollox.

M'iniex kuntenta sa barra bil-mod kif qed inqatta' l-ħin ta' wara x-xogħol għax inħoss li hawnhekk tidħol il-problema ta' ħuti li jmisshom jagħtu aktar għajnuna lill-familja li rabbiethom. Huma m'għandhomx tort, għax għandhom darhom x'jieħdu ħsieb, imma min jibqa' d-dar jeħel naqra bir-responsabbiltajiet. Hemm il-ġiri bil-*mummy* u d-*daddy*, tobba u nkwiet. Ħuti xi kultant iħallu t-tfal għandna, xi kultant iġibuhom għax ikunu jridu joħorġu u int ikollok toqgħod magħhom għall-*homework*. Lil ħuti narahom ftit egoisti.

Qatt ma ħsibt li mmur ngħix għal rasi u jekk immur, insib post fl-istess triq għax ma nistax nabbanduna 'l-*mummy* u d-*daddy*. Wasalt f'dak l-istat għax naf li hemm affarijiet li jien irrid nagħmilhom id-dar bħal, per eżempju, li l-*mummy* nserraħha ftit mit-tisjir, immur nixtri għax hi ma tantx tara, innaddfilha ftit. Inħoss li rrid nibqa' ngħin imma fl-istess waqt inħoss li ħuti wkoll għandhom jgħinu anke jekk ma niżżewwiġx. Din qatt ma ddiskutejtha magħhom għax stennejtha tiġi minnhom u li naqbad u nitlaq naraha daqsxejn ta' problema.

Jekk niżżewweġ, ma naħsibx li mmur noqgħod 'il bogħod għax inħossni responsabbli għalihom; xi ħadd irid jerfagħha. Bħalissa m'għandix wisq problemi bihom għax għadhom fuq riġlejhom imma kieku jimirdu, ħuti bilfors ikollhom jaqsmu l-piż miegħi. Nibża' minn dan.

Id-dar niddejjaq ftit għax kultant jibqgħu jitrattawni ta' tifla; fi lbiesi, per eżempju, m'iniex *fussy* u naħseb li xi minn daqqiet, meta nkun ħierġa,

il-*mummy* jkollha raġun tgħidli — Kemm int liebsa ikrah! Tqabbadni ftit kumplessi u m'għandhiex ħabta kif tgħidli. Naraha meta tkun qed tipprepara biex tikkritikani, ninduna mill-bixra ta' wiċċha.

Ġieli jkollna xi ngħidu meta tgħidli naħseb biex nižžewweġ; tgħidli li hi mhix egoista, ma tridx li ħuti jkunu mižžewġin u meta jiġu neqsin huma, ma jkollix familja. Issa waqfu ftit għax hija u d-*daddy* ddiskutewha bejniethom; meta għedtilhom li naf li għalaqt it-30 u m'għandix għaġġla, ma baqgħux jiffittawni aktar. Jgħiduli biex ma noqgħodx id-dar minħabba fihom u naħseb għal rasi u ġieli qaluli biex jekk nižžewweġ nibqa' noqgħod id-dar, imma ma naħsibx li noqgħod. Ma mmurx 'il bogħod biex nilħaqhom u jekk imut id-*daddy* naħseb li nieħu l-*mummy* miegħi. Id-dar tagħna ddejjaqni għax hi fi triq storbjuża.

Għall-ewwel li bdejt nieħu ħsieb il-ġenituri kont niħodha bħala piż għax dawn ix-xjuħ jgħaddu minn fażijiet, daqqa pożittivi u daqqa melankoliċi, bħal meta ħlief imwiet u mard ma jsemmux, u daqqa jiġu żminijiet fejn il-ħin kollu jidħku. Illum ngħid li jien ukoll sirt niddependi minnhom, speċjalment mill-*mummy*, u jkolli ġenn biex immur id-dar biex nagħmlu t-tè għax jien u hi nħobbuh ħafna u noqogħdu nitkellmu dik in-naqra. Filgħodu ġieli nieħu ftit ħin *off* mix-xogħol biex noqgħod nieħu l-*breakfast* magħhom u noqogħdu npaċpċu, ħaġa li qabel ma kontx nixtieqha. Inħossni qed nieħu sodisfazzjon minn din; fiha t-tajjeb u l-ħażin tagħha għax jekk toqgħod wisq żmien magħluqa, ma jkollokx aptit toħroġ u tiltaqa' mal-ħbieb. Importanti li tibqa' toħroġ u ma tinqatax għax il-ħbieb li jkollhom interessi bħalek idaħħlu fik l-ambizzjoni biex timexxi.

# ARIANA

*"...ma naghtix kas x'jgħidu n-nies, għax meta kelli problema kienu jgħidu. L-aqwa li ngħix ħajti kif irrid."*

Kont żgħira qed nagħmel il-*homework* tas-somom. Ridt nagħmilhom kif uriethomli t-*teacher*, imma l-papà qalli, "Le, mhux hekk," u garali tazza ilma. Dik ma ninsihiex għax tant ixxokkjani. Kollox kif igħid hu; jekk iqum hu jrid iqum kulħadd, jekk jorqod hu jrid jorqod kulħadd, jekk irid jgħid ir-rużarju trid tgħidu bilfors inkella jagħti *copy*, xi litanija jew il-misteri tar-rużarju!

Il-mamà qatt ma tikkuntentah, igerger għax fil-platt titfagħlu ż-żejjed u daqqa għax in-nieqes. Meta xi darba kont insajjar jien, kont nitfa' kollox fuq il-mejda. Kien igħidli, "Hawnhekk mhux *hotel*," u jien ngħidlu, "Hawnhekk *self service*," aqbad u ħu għax qed iddejjaqni."

Dik il-ħaġa li l-papà dominanti fuq ommi qatt ma ħmiltha.

Kelli ħija wieħed, iżgħar minni xi erba' snin. Kont ftit *bossy* miegħu l-aktar meta nkun qed naħsel l-art u jiġi jgħaffiġli. Mhux għax kont nagħmel ħafna faċendi; sakemm kelli tmintax-il sena kważi qatt m'għamilt xejn. Ommi qatt ma sfurzatni peress li dejjem seftret ma' zijitha li rabbietha. Seftret ukoll lin-nies, allura ma riditx ittellagħni bħalha. Kienet tippreferi tagħmel kollox hi. Il-papà kien jgħidilna biex il-platti nagħmluhom jien u ħija, darba kull wieħed. Lil ħija niftakru jagħmillu kaxxa tal-*Kinnie* taħt saqajh biex ilaħħaq sas-sink.

Ma kienu jħalluni nagħmel kważi xejn biex nistudja, u l-mamà għadha s'issa ma tisfurzanix. Għadha taħsel il-ħwejjeġ b'idejha. Lili agħtini l-magni biex jgħinuni u nieħu gost nagħmel, basta għandi l-magna, imma l-mamà le, dik għadha konservattiva. Ommi qatt ma siefret imkien u skola ftit marret minħabba l-gwerra. Jien u hi totalment opposti għal xulxin.

Komplejt l-iskola sal-*form 5*. Xtaqt insir perit imma l-kors kien twil u bdejt naħseb li ma naffordjax. Imbagħad bdejt naħdem f'fabbrika. Ix-xogħol għoġobni u ma komplejtx nistudja, imma l-qari ħabbejtu u għadni

naqra s'issa.

Ħadd ma kien qalli xejn qabel ġieni l-*period*. Kelli xi għaxar snin. Darba ħassejtni stramba, bżajt, mort għand il-mamà u wrejtha x'ġieni. Qaltli "Irringrazzja 'l Alla binti, dak mhu xejn," għax jien nibża' middemm. L-aħmar hu l-kulur favorit tiegħi imma d-demm ibeżżagħni. Qaltli li sirt xebba. Ma kontx naf xi tfisser. Qaltli li jiġi d-demm kull xahar, forsi tuġagħni żaqqi jew dahri u biex noqgħod attenta, "Tagħmilx għaġeb, issa wara erbat ijiem imurlek," daqshekk, *fullstop*.

Sirt naf fuq il-bejbis meta l-papà xtrali l-ktieb, "Ma' l-Erbatax". Tefagħhuli quddiemi u qalli, "Ħa, aqra dan." L-iskola ħadd ma kien jitkellem fuq dawn l-affarijiet. Lanqas meta kont is-sekondarja, ħlief fil-*form 5*. Ma kontx ninteressa ruħi qabel ma kelli ħmistax.

Meta beda ġej il-*period* tfaċċat il-problema tal-pil. Il-mamà kienet tagħtini ħafna laħam għax ma kinitx taf li mhuwiex tajjeb għalija, demmi qawwi u kompliet issaħħaħuli. Ħaditni għand it-tobba, xtratli l-kremi biex inneħħih u niċċarah, u dal-pil baqa' tiela', dejjem tiela'. Din kienet problema kbira għalija. Niftakar dik il-ħabta kienu telgħu fuq il-qamar. Lit-tabib għedtlu, "Int injorant, dawk telgħu fuq il-qamar u int ma tafx minn fejn hu ġej dal-pil!"

Il-verġnità tiegħi ħadhieli t-tabib. Qabad libes l-ingwanta, daħħal idu u daqshekk, lesta. Il-mamà baqgħet iċċassata tħares lejh. Kont għadni kif għalaqt ħdax u ma kontx naf x'inhu jiġri. Bżajt, it-tobba nibża' minnhom, ma ħassejtnix komda, u weġġajt meta daħħal idu.

Kienu jistaqsuni jekk għandix il-papà piluż. Ħut il-papà kollha pilużi. Darba minnhom tant irrabjajt li lill-mamà għedtilha, "Dan kollu tort tiegħek, għax iżżewwiġt lilu?" Kont naf li l-ġenituri għandhom x'jaqsmu għax jien nixbah ħafna l-papà tiegħi imma ma kienx jinteressani kif jiġu l-bejbis, tant kienet kbira dik il-problema. Għalija ġa kienet problema li twelidt.

Ingħalaqt fija nnifsi u ma kontx noħroġ. Bdejt nibla' *5mg* valjum kuljum meta kelli tmintax-il sena. Kont mistħija, ħbieb bniet kelli imma *boyfriends* le. Kont noħroġ waħdi, rasi dejjem baxxuta ma' l-art. Il-ġilda tiegħi bajda u l-pil iswed. Meta nara lil xi ħadd iħares lejja kont naħseb li qed jgħid, "Kemm hi kerha dik!" Dik kienet li imbuttatni biex nistudja, biex min jarani jgħid, "Dik, ara, moħħha tajjeb." Kont tajba fil-lingwi.

Ġieli kien hemm xi ħadd minn sħabi ta' l-iskola li jgħaddi xi rimarka imma l-biċċa l-kbira kienu jkellmuni b'għajnejhom; iħarsu lejja bħallikieku

qed jaraw xi ħaġa stramba, qisu xi ħadd waqa' mill-qamar, u din kienet tweġġagħni ħafna.

Qatt ma ridt nara *beauty contest* lanqas fuq it-*television*. Kont nagħlaqlu u ngħid lili nnifsi li dawk huma pupi u stupidi. Kont nirrabja u ngħid, "Għaliex jien għandi din il-problema u huma m'għandhom xejn?" Għalhekk qatt ma rajthom.

Il-pil kont inneħħih imma ma kontx naf li ebda *cream* m'hi tajba għalija. Kienu jtellgħuli ġismi kollu.

Jien kont l-ewwel waħda li ppruvajt l-*electrolysis* hawn Malta. U dak tingiż! Veru tweġġa' fuq ix-xofftejn. Imma bl-*electrolysis* qridtha l-problema. Kont immur tliet darbiet fil-ġimgħa għand il-*beautician* biex tneħħili ta' wiċċi, għax hemm l-iktar li kelli, u saqajja bdejt nagħmlilhom il-*waxing*. Siegħa kull darba. Fi tliet snin ħlist mill-problema. L-*electrolysis* ma ħalliex marka fuq wiċċi. Il-*beautician* ukoll skantat. Issa għandi kuraġġ inneħħi l-pil ta' idejja waħdi bil-*waxing*. Ftit għadu jitla'.

Wiċċi nfaqtlu iktar minn elf lira. Ħabiba tiegħi li taf ħafna fuq l-ikel qaltli biex ma nikolx laħam minħabba l-*hormones*. Darbtejn għamilt *check-up* bil-loppju u jgħiduli li m'għandi xejn, imbagħad mort għamilt *check-up* l-Ingilterra u sabu li kelli l-*hormones* ħarira waħda żbilanċjati. Tawni l-pilloli iżda meta wasal iż-żmien biex jerġgħu jeżaminawni, it-tobba Maltin għamlu strajk. Ma ridux jerġgħu jibagħtuni l-Ingilterra. Ma mortx u bdejt noqgħod attenta ħafna biex ma nikolx laħmijiet, l-aktar taċ-ċanga. M'iniex veġetarjana, niekol ftit tiġieġ u ħut imma laħam ieħor ma mmissux, u nsibni tajba.

Dak iż-żmien kont inħossni stramba. Qatt ma kont inħares f'wiċċ min ikellimni. Kont nesprimi ruħi bil-kitba u l-problema għamlitni matura. Kont nikteb dwar l-irġiel qarrieqa. Niftakar li ħadtha bi kbira meta ħabiba, li kont inħobb ħafna, telaqha r-raġel. Kelli ħafna rabja ġo fija, forsi għall-papà tiegħi billi l-problema writtha minn għandu. Kont narah il-kaġun tal-problemi tiegħi.

*Boyfriend* Malti qatt ma kelli għax kont nara l-ġuvintur Maltin iħarsu lejja stramb, bħal speċi ma aċċettawnix kif kont. Kont immur id-*dances* waħdi, fid-dlam, biex ħadd ma jara 'l wiċċi. L-irġiel Maltin għalija ma kinux tip interessanti. Ma sibt lil ħadd li mentalment u fiżikament jogħġobni għax kont narahom kollha pilużi. Fejn nara lil xi ħadd piluż kont indawwar wiċċi n-naħa l-oħra. Ma kinux jogħġbuni għax ifakkruni fil-problema li kelli.

Imbagħad sirt naf lil Karl. Kont immur norqod ma' xiħa sinjura bħala kumpannija. Kienet tagħtini lira kull darba. Kellha flatt ta' villeġġatura Marsaxlokk fejn kienet tinżel spiss. Karl kellu l-flatt ta' fuqha. Qabel titlaq biex tmur torqod f'darha Tas-Sliema, kienet iddawwar it-telefon tagħha fuqu. Darba ċempiltilha u rrispondieni hu. Qalli li telqet lejn id-dar. Staqsieni jekk ridtx li jwassalni hu. U leħnu għoġobni fuq it-telefon u għedtlu iva.

Kellu jistennieni fejn il-knisja, u għamilt ġennata li qatt m'għamiltha f'ħajti. Sakemm qed nistennieh, ġiet *Mrs.* Bugeja, ix-xiħa, u mort id-dar magħha. Wara ċempiltlu u għedtlu *sorry*. Ftehemna biex niltaqgħu, qalli li kien bjond u twil u kellu għajnejh ħodor u jien għedtlu li kelli xagħri kannella, għajnejja kannella u kont se nkun liebsa *trouser-suit* ħadra.

Morna nieklu f'*restaurant* u Karl qalli li kien jaħdem hawn Malta, li kien miżżewweġ u li l-mara ma tridx toqgħod miegħu. Kellhom żewġt itfal. Jien kelli 22 sena u kont għaxar snin ikbar minn bintu. Hu kellu 42. Jien għall-ewwel ma tajtx kas għax ħsibt li mhux se narah iżjed u dak li għoġobni fuq il-menù ordnajtu. Imma dal-bniedem għoġobni u bqajna f'kuntatt. Bdejt immur innaddaflu l-flatt u nagħmillu x-xirja. Kien iħallasni tax-xogħol. U iżjed ma sirt nafu iżjed ħassejtni *relaxed* miegħu.

Bdejna noħorġu flimkien u biż-żmien ir-relazzjoni saret waħda intima. Il-papà kien jgħidli li jekk sa l-għaxra u nofs ma mmurx lura d-dar nista' nibqa' barra. Allura darba morna *party* u ma setax ikun li fl-għaxra u nofs immur lura, meta fit-tmienja u nofs kont għadni ħierġa. U nħabbat u nħabbat il-bieb; ma fetaħlix u mort irqadt ma' Karl.

Ftit li xejn kellna relazzjoni intima daqshekk qabel, u dakinhar ġiet ħelwa iktar mis-soltu. Darb'oħra għamilli l-istess. Qalli, "Jekk ħa toħroġ u ddum tista' ma tiġix lura." Ippreparajt in-*nightdress* u ħadt kollox miegħi. L-għada staqsewni fejn irqadt u għedtilhom, "Mhux affari tagħkom la ma ridtux tiftħuli l-bieb!" Iktar għamilt ir-riħ fuq din. Missieri u ommi kienu jagħmlu l-gdiedem. Hu kien jagħmilli, "Hmmm, qed tiġri; hmmm, ħa nara fejn qed torqod din, qisna għandna qaħba!" u ħafna kliem iebes li jekk toqgħod tagħti kasu jġennek.

Imma jien minn waħda jidħol u mill-oħra joħroġ. Għax ma' Karl kont inħossni *relaxed*, nagħmel li rrid, jekk irrid insajjar xi ħaġa ġdida nsajjarha, mhux bħad-dar. Missieri kien jgħidli, "Ara x'ħa tagħmel, dik ma tmurx ma' dik, ħa toqtolna..." Ma' Karl ħassejtni *relaxed* f'kull sens, kont nista' nitkellem miegħu u nkun jien innifsi.

Kont immur kważi kuljum, norqod hemm meta jkolli xi skuża biex

isakkruni barra. Jew is-Sibt nigdeb waħda u ngħidilhom li se naħdem *overtime* u ma nkun *overtime* xejn; immur Marsaxlokk, norqdu ftit flimkien, imbagħad ninħaslu, inbiddlu u noħorġu nixtru. Meta mmorru lura d-dar, hu jaħsel il-ħwejjeġ u jien insajjar, jew bil-kontra. Kont għaddejja ħajja, kollox kif jogħġobni. Ma kienx ħanżir miegħi f'dawk li huma flus. Jekk ridt xi ħaġa xtrahieli; immur naqbad u nixtriha jien jiġifieri. Għaddejna sentejn f'din il-ħajja.

Dejjem bqajt immur id-dar sakemm domna Malta. Ma ħadthiex regola li noqgħod miegħu kuljum għax ħafna ġdiedem fid-dar kienu jdejquni u jien bniedma li ma nħobbx il-ġlied. Lanqas ħsibt biex nitlaq mid-dar, għax kif kont, kont għaddejja. Ma kontx nibża' li noħroġ tqila. Ma konna nużaw xejn, noqogħdu attenti u daqshekk. Ma kontx niddejjaq li qed nieħu riskju u xtaqt li ħriġt tqila, għax inħobbhom it-tfal.

Ma kontx nagħti kas x'jgħidu n-nies, għax jekk kulħadd jgħaddi minn triq A, jien ngħaddi minn B, għax dik il-mentalità tal-mogħoż iddejjaqni. Ma kontx reliġjuża, imma kont immur il-knisja. Ma kienx jimpurtani min-normi tas-soċjetà, għax meta kelli problema, in-nies kienu jgħidu; mela jgħidu li jridu, l-aqwa li jien ngħix ħajti kif irrid.

Karl aċċettani kif kont, bil-problema tal-pil. Kien iwassalni għand il-*beautician*, imur jixtri magazin u joqgħod jistennieni f'*restaurant* qrib. Hu kellu problema tal-ġilda. Ħassejt li jekk dal-bniedem aċċettani ma jinteressanix x'tgħid id-dinja kollha. Ma ħsibtx fil-futur. Karl qalli li r-relazzjoni tiegħu ma' martu spiċċat xi sena u nofs qabel ġie Malta.

Kien imur il-Ġermanja fuq *business*, jiffirma xi kuntratt, u ma jdumx. Darba minnhom ġiet martu, għamlet ġimgħa u telqet. Indunat li kien hemm xi ħadd jieħu ħsiebu għax seftura mhix se toqgħod tixtri s-sapun u titfagħulek qalb il-ħwejjeġ ta' taħt. Allura meta ġiet, ħammġet kemm setgħet, ħalliet il-borom imġiddmin, taħsilhom minn ġewwa biss; vendikazzjoni għax kienet taf li hemm xi ħadd ieħor fin-nofs. Karl ma kienx iħobbha għax hi flusu riedet. Ġiet hawn tarah biex tagħmel *holiday*.

Meta Karl mar il-Ġermanja għax spiċċa mix-xogħol Malta, ħassejt li d-dinja tiegħi spiċċat. Kont nieħu gost nagħmlu l-affarijiet flimkien u niddisktu l-problema tal-*production* fuq ix-xogħol. Sakemm domt Malta dejjem ħdimt fl-industrija tat-tessuti. Ħassejtni superjuri fuq sħabi, fis-sens li billi Karl kien *manager* fl-istess industrija, il-problemi kont nifhimhom aktar mis-*supervisors* l-oħra. Minħabba f'hekk kont iżjed popolari ma' l-istaff u l-*management*.

Meta Karl telaq minn Malta tatni fernežija. Kien iċempilli u jiktibli. Wara tliet xhur ktibtlu u għedtlu li kien sejjer ħabib tiegħu u li kont ser nibgħatlu l-*jeans* li nesa warajh u ħobża tal-Malti, għax kien iħobbu ħafna. U minflok il-ħabib tiegħu mort jien. Ma kontx naf kelma bil-Ġermaniż dak iż-żmien u f'qalbi għedt, jekk jiġi mal-mara l-*airport* ma nkellmux. Meta rajtu tgħidx kemm ġrejt, qabadli wiċċi u qalli, *"Ariana, what are you doing here?"* Qgħadna l-*weekend* flimkien u mbagħad mar id-dar. Jien minflok ġimgħa qgħadt ġimagħtejn, għax mort nara l-*mother company* tal-fabbrika fejn kont naħdem u s-segretarja tal-*boss* ċemplitli Malta u talbithom biex nibqa' ftit hemm.

Wara ġie jarani Malta u qalli li sejjer jaħdem l-Indja. Karl telaq f'Awissu 1979, u jien tlaqt warajh xahar wara. Meta fuq ix-xogħol għedtilhom li ser insiefer, il-*manager* qalli li ma jaqbilx ma' dak li kont ser nagħmel imma xtaqli r-riżq. Billi l-Indja huma erba' sigħat qabilna, kien iħallini nieħu t-telefonati mingħand Karl fil-fabbrika jekk ikun għadu ma qabadnix id-dar. Ħallewni wkoll nibgħatlu *telexes*. Meta ġejt biex insiefer u tlabthom biex inħallas xi Lm50 kont tat-*telexes*, *Mr* Borg, il-*boss* ħafirhomli.

Imma d-dar l-istorja kienet xort'oħra. Ġlied kuljum. Kienu jgħiduli, "Fejn sejra tiġri warajh, ja qaħba l-int! Dak jiġi missierek u meta jieħu minnek li jrid iħallik bħal lumija magħsura. Se tkissirlu familja". Jien kont ingħidilhom li ma kont ser infarraklu xejn għax il-familja kienet ġa mfarrka. Veru li m'għentux biex jingħaqad la dħalt fin-nofs..., dħalt, iċ-ċirkostanzi ġew hekk. Ġurnata qabel ma tlaqt, ħija, Alla jaħfirlu, ħaraqli l-passaport. Ġibt il-passaport u l-viża, u ħallast it-*ticket* minn flusi.

Il-ħdax-il siegħa titjira biex wasalt l-Indja ħsibthom m'huma se jgħaddu qatt. Il-pajjiż kien esperjenza kbira għalija; il-kobor, in-nies lewn iċ-ċikkulata u dejjem jitbissmu. Kemm domt hemm qatt ma ħassejtni *homesick*, u lanqas kont naħseb fuq tad-dar ħlief meta nikteb l-ittri. F'kull ittra dejjem jgħiduli l-istess ħaġa; ara x'inti tagħmel hemm, ejja lura, m'għandekx għalfejn toqgħod hemm. L-ittri kollha.

Jien għaddejt xaláta hemm. Għall-ewwel ma stajtx nidra t-tul; fejn iddum sejra tliet sigħat hawnhekk? Tara annimali reqdin f'nofs it-triq, sħana..., u l-ewwel darba li mort is-suq kienu xi l-ħamsa ta' wara nofsinhar; dawk intejjen u sħana li kważi ħassni ħażin. Imbagħad ħadtha drawwa mmur fis-sitta ta' filgħodu meta Karl ikun sejjer għax-xogħol. Kien iħallini s-suq u mbagħad naqbad *tricycle*.

Kienet esperjenza ġdida. Kellna d-dar vojta; ħlief żewġ siġġijiet tal-*factory*, mejda tonda, u friġġ u kuker ma kellniex. Kelli biċċa drapp biex nagħmilha dublett, spiċċajt għamiltha purtiera fil-kamra tas-sodda. Ftit kellna flus għax hu kien għadu jibgħat il-flus lil martu. Hemmhekk ħdimt ftit bħala *teacher* u bħala *manager* f'fabbrika li kienet se tfalli. Dak iż-żmien jien u Karl konna tajbin flimkien u kulħadd kien isejjaħli *Mrs* Schmidt avolja kienu jafu li m'aħniex miżżewġin.

Morna l-Filippini għal ftit żmien. Sibt li l-Filippinos jagħmlu l-istess ħaġa. Raġel minn Manila, li kien qed jaħdem fil-provinċja tagħna, kellu l-*girlfriend* hemm u l-mara Manila, u tfal iż-żewġ bnadi. Avolja kienu Kattoliċi u jsawtu lilhom infushom fil-Ġimgħa l-Kbira, bid-demm itir ma' kullimkien!

Is-sess u r-reliġjon ma jħalltuhomx flimkien. Anzi jekk xi tfajla tinqabad tqila b'xi tarbija ta' barrani, din it-tifla jew tifel meta tikber iqisuha xi ħaġa speċjali. Anke fl-iskola, ma kinux iwarrbuha, basta għandha xi ħaġa stranjiera fiha, għajnejha blu jew bjonda, iżjed jagħmlu *fuss* biha. Bħala nies għallmuni waħda f'ħajti; jgħidulek li inti għandek tkun bħal qasba, titmejjel 'l hawn u 'l hinn, ma tibqax iebsa ħalli ma tinkisirx.

Ma kellix xi ngerger f'Karl sakemm ġejna *holiday* xi sentejn u nofs wara. Jien ġejt hawn nara l-familja u wara mort ħdejh il-Ġermanja. Ommu ma ħallitniex norqdu flimkien. U Karl sab li martu kienet dawret id-dar fuq isimha. Minn hemm fetaħ il-kawża għad-divorzju.

Kien jiġi d-dar jixrob il-fliexken tal-birra, ipejjep is-sigaretti u jaħseb; jaħseb fuq x'għamel ħażin fil-*golf* biex ma rebaħx, jaħseb fuq il-ġurnata fil-fabbrika u jaħseb fuq id-divorzju. Qatt ma ssikkajtu biex jibdieħ. Kont nieħu ħsieb inqassam il-flus li jagħtini u nfaddal xi ħaġa. Għall-ewwel kellu l-ktieb tal-bank fuq ismu biss u darba minnhom għedtlu li jekk jiġrilu xi ħaġa, tiġi hi, titfagħni 'l barra u nibqa' b'xejn. U rranġah, imma testmenti m'għamilx. Kont ngħid li la darba tlaqt il-familja minħabba fih, mhux ser jitlaq. Imma hekk kelli moħħi mistrieħ li jekk tinqalagħlu xi diżgrazzja, hemm dawk l-elf lira l-bank, biżżejjed biex niġi lura Malta.

Ma ħsibtx iżjed minn hekk, forsi minħabba l-ambjent tan-nies tal-post, għax il-Filippinos ma tantx jaħsbu għall-għada; kif kienu jaqilgħu l-paga, l-ewwel jagħmlu *manicure* u *pedicure*, imorru jagħmlu xagħarhom u mbagħad jekk jifdal il-flus jieklu.

U jien ħdejn dawk kelli ħafna. Kelli s-seftura; fil-Filippini anke *supervisor* f'fabbrika kellha s-seftura, għax hemmhekk ikollok seftura

tfisser li tgħin lil xi ħadd jgħix, tiġbor lil xi ħadd mill-ġungla u turiha kif tnaddaf. Is-seftura kienet qisha oħti, tiekol magħna fuq il-mejda u hi qatt ma naqsitni, lanqas meta għamilt sena hawn Malta. Kollox sibt kif ħallejtu.

Lil Karl ħassejtu li ma baqax jagħti kasi u dik kienet tittikani; joqgħod waħdu jpejjep u jixrob il-birra u jaħseb, dejjem jaħseb, ma jkellimni xejn. Dil-biċċa xogħol xebbgħetni u darba minnhom bdejt nifflertja ma' xi ħadd ieħor. Stupidaġni forsi, imma kien hemm xi ħadd li kellu grazzja miegħi u kont immur nilgħab it-*tennis* fl-istess ħin li jmur hu. Sam kien prinċep Musulman u kellu par għajnejn suwed isaħħruk.

Il-ħajja sesswali tiegħi ma' Karl kienet saret ta' kuljum, dejjem l-istess. U darba minnhom tellagħhomli. Ivvintajtlu skuża biex immur Manila u ħriġt ma' Sam. Morna naraw film, imsarni f'saqajja, għax ħafna ħaddiema jmorru Manila fil-*weekend.* Kienet avventura; il-Prinċep ħadni niekol f'*restaurant* mimli fjuri u wara morna f'lukanda u rqadna flimkien. Darbtejn għamiltha għax ma bdejtx inħossni komda fuq il-biċċa.

Ir-relazzjoni tiegħi ma' Karl baqgħet teħżien imma bqajna flimkien. Darba minnhom kont qiegħda fejn il-*pool* u rajt lil Karl ġej għalija biex jeħodni d-dar. Indunajt li ġara xi ħaġa. Urieni *telex* minn Malta fejn qaluli li ħija korra, ħabat bil-*BMW*, imma ma mietx. Kemm werżaqt u bkejt! Karl ħadni għand it-tabib biex jagħtini l-kalmanti. Morna Manila u ma ngħidlekx kemm ħlejt flus f'*telexes* biex niġi Malta; fi ħmistax imexxieli nitlaq.

Kif wasalt hawnhekk, l-*airport*, ridt immur dritt narah iżda ma stajtx għax kien l-*ITU.* Bdejt nibża' imma għedt, issa hawn qiegħda; ilbist l-*overall* abjad, għafast idejja ponn għall-kuraġġ u biex dħalt la ħarist naħa u lanqas l-oħra.

Ħija kien faċċata. Wiċċu deher normali, però l-papà qalli li kellhom jagħmlulu operazzjoni ta' xi erba'sigħat għax bid-daqqa daħħal l-i*steering* fl-istonku tiegħu. Tant deher normali li xtaqt nagħraxlu l-qiegħ ta' saqajh kif kont nagħmel meta konna tfal żgħar.

Għaddejt iż-żmien immur narah, nieħu ħsieb ommi li għandha l-pressjoni u l-papà li hu panikuż. Ma konniex nafu nifthux il-*business* jew le; ħuti oħra m'għandix allura bilfors jien ridt nagħmel. Xi erba' ġimgħat wara li ġejt Malta, erġajt ftaħt il-*business.*

Ħija kien għadu l-*ITU*; ippruvajna minn kollox biex inġibulu l-memorja, ittejpjajnielu l-magni jaħdmu, il-kelb jinbaħ, id-diski li jħobb,

minn kollox. Xi ħmistax qabel miet, kont ħdejh. Għedtlu li nħobbuh u biex jurini li qed jismagħni għolla idu. It-tobba u n-nersis ġew jiġru jaraw x'ġara daqs kemm werżaqt. Ħija miegħi biss kien jikkomunika. Lill-papà kien iktar jagħlaqlu għajnejh.

Indunajt li ma kienx se jfiq bil-ħsara li kellu. Ommi qatt ma ratu għax konna nibżgħu li jagħtiha xi attakk tal-qalb. Dam 64 jum fl-*ITU*. Dakinhar li miet kienu għadhom kif ħaduh l-isptar *Sir* Paul Boffa. Tista' taħseb x'ġenn id-dar. Biex tgħaxxaqha, dakinhar inqata' d-dawl. Jien bkejt imma l-mamà u l-papà ġennu kull m'hemm.

Ommi kienet għamlet ħafna wegħdi biex ifiq. Jien kont kalma miegħi innifsi, qatt ma tlabt li jfiq, kont nitlob 'l Alla biex jagħmel dak li hu tajjeb għalih, allura kont ippreparata. Qgħadt id-dar mal-mamà meta saret id-difna, imma l-papà mar.

Kellna l-problema tan-negozju tiegħu. Ftaħt il-ħanut ġimgħa wara; il-ħaddiema trid tħallashom, l-ordnijiet iridu jsiru, nies jiġu jgħiduli li ħallsu l-kapparra u fuq l-irċevuti li juruni la jkun hemm isem u lanqas numru tat-telefon. Il-papà kien panikuż u ma nafx kif mexxejt il-*business* għal sena sħiħa. Fl-istess ħin ħassejtni kburija li qed immexxi. Ma kontx beħsiebni nżommu u naqqast mill-ħaddiema.

Jien u ħija konna ningwalawha, kien tip ferrieħi bħali, u bqajt skantata kemm in-nies kienu jirrispettawh. Imma l-*business* kien kollu f'moħħu u minn dawk kollha li kellhom jagħtu, wieħed kien raġel u ġie. U dak il-wieħed li ġie qabad miegħi.

John kien raġel kbir kif inħobbhom jien. Kien iċempilli u jsibni nibki fl-uffiċċju għax Karl ma kienx qed jiktibli; mhux żgur kiteb darbtejn f'sena. U John kien jitlaq mix-xogħol u jiġi. Malli jidħol kien jaqbad ir-ritratt li kelli ta' Karl u jdawru wiċċu mal-ħajt. Kien jgħidlu, "Int se tibqa' hekk, ma tarax li mhux qed jagħti kasek, għandek daqs dawn problemi!" Inkoraġġieni u għenni. Kellu xi 44 sena, tbissima ta' wieħed ħażin, *sexy*. Ħriġt miegħu darbtejn.

Sadattant Karl suppost li kien qed iġib id-divorzju. Xtaqt li niżżewġu imma qatt ma mbuttajtu. Ma' John ma kellix relazzjoni sħiħa. Il-mara tiegħu ħabiba tiegħi, ma ridtx nuriha li hemm xi ħaġa bejnietna, u ma kienx hemm xi ħaġa speċjali; kont *"a lady in distress"* u ġie dan. Kont naf li r-relazzjoni tagħna ma kinitx se timxi 'l quddiem. Ikkuntentajt b'li kelli, fis-sens li kelli raġel ma' min nitkellem, li nafda miegħu u li seta' jagħtini pariri dwar ix-xogħol.

Dik is-sena li domt hawnhekk Karl ġie għal xahar. Iddiżgustajt ruħi

meta l-ewwel ma qalli kien li kellu tfajla Filippina u li se tibqa' d-dar sakemm immur lura jien. Fuqu kellu sakra nobis għax billi dejjem kien onest miegħi, ħass li ried jgħidli. Iddiżgustajt ruħi għax stennejtu bil-ħerqa. Il-mamà u l-papà ħaduha kontrieh. John irrabja meta ġie Karl imma baqa' jiġi ħdejja jarani. Karl induna li ma kienx qed jiġi minħabba x-xogħol u għedtlu li jien għall-inqas ma kontx qed norqod miegħu bħalma jagħmel hu ma' l-oħra. Dak ix-xahar li dam ħassejtni skomda.

Karl telaq u jien mort ħdejh sitt xhur wara. Kont nibki, nibki, nibki u ddejjaqt hawn Malta. Sirt nobgħod kollox u lil kulħadd, it-triq fejn ħabat ħija ma ngħaddix minnha. Wellejna l-*business* u għedtilhom, "Daqshekk stikkjajt hawn". Il-mamà qaltli, "M'għandix ħliefek, mur erġa' itlaq għax ma niflaħx narak tibki".

Kif wasalt bdejna bil-ġlied. Fil-fatt sibt l-affarijiet neqsin. Lanqas ir-ritratti kbar tiegħi li kelli mdendlin mal-ħajt ma kienu għadhom hemm. Qbadt ir-*radio cassette* li kien xtrali għal egħluq snini u kont se nitfgħu barra mit-tieqa. Għedtlu, "Arani ħa nippakkja għax naqta' rasi barra li dawk ħadithom dik li ġibt hawn ġew u mhux is-seftura". Li ġie f'ħalqi għedtulu. Kif kont se nitfa' l-kasett 'il barra, ġew xi ħbieb tagħna u kkalmawna.

Ir-relazzjoni tiegħi ma' Karl qatt ma ġiet l-istess bħal qabel. Imbagħad tlaqna lejn it-Tuniżija. Domt hemm miegħu xi sena u nofs. Id-divorzju tiegħu dam għaddej għax hija qalgħet ħafna ħama. Fit-Tuniżija ħassejtni ser nerġa' nibda mill-ġdid; morna nixtru l-platti flimkien u affarijiet hekk. Mort il-fabbrika u sibt biċċa drapp roża biex nagħmilha tvalja. Kont inħobb nirranġa. Sadattant bdejt naħdem ta' interpretu mill-Ġermaniż għall-Għarbi ma' wieħed Ġermaniż. Il-Ġermaniż tgħallimtu bil-*cassette* kemm domna l-Indja. Wara xahar it-Tuniżija, bdejt nitkellem bħalhom, bl-aċċent b'kollox. Karl għall-ewwel ma ridnix naħdem ma' dan il-Ġermaniż ħabib tiegħu. Dan Helmut li bdejt naħdem miegħu kien tip ħelu.

Karl telaq lejn il-Ġermanja għal xi ġimgħa għax ommu kienet ħażin ħafna. Jien u Helmut bqajna waħidna. Kien għall-ħabta ta' l-Għid u xtrajtlu bajda. Meta ġie t-Tnejn rajtu mferfex. Ried joħroġni nieklu biex ipattili tar-rigal ċkejken. Kien nervuż ħafna u pparkjajna l-karozza u beda jbusni. Ħassejtu bħal balzmu għax ma' Karl il-ħajja sesswal kienet spiċċat fix-xejn. Allura ħadt gost bil-kumpannija ta' Helmut avolja bews biss.

In-nuqqas tiegħu ħassejtu meta Karl iċċaqlaq għal post ieħor fit-Tuniżija stess. F'daqqa waħda sibt ruħi f'villa fi nħawi lussużi imma bla

xogħol u 'l bogħod minn Helmut. Darba minnhom sibt skuża biex immur Tuneż u mort infittxu. Ħassejt xi ħaġa ġo fija tgħidli - Iġri. Ġrejt fit-tajn u fix-xita u rajtu ħiereġ għat-triq ewlenija u waqaf. Morna l-flatt għax f'qalbi kont naf xi rridu t-tnejn li aħna. Ma qgħadtx nagħti kas. Helmut infaqa' jibki, qalli li sar iħobbni, li jħossu sodisfatt miegħi. Kien dar id-dinja u l-mara tiegħu qatt ma marret imkien miegħu, dejjem jibgħat il-flus id-dar u dejjem waħdu. Qal li kien imsallab waħda bil-flus u ma setax jidħol fi spejjeż ta' avukati, għax kieku jitlaqha. Kont ċerta li se noħroġ tqila u ridt li jkolli tarbija.

Mort id-dar u jien u Karl bqajna għaddejjin bl-istess ħajja. F'Diċembru bdejt inħossni differenti, il-*period* ma ġiex. Karl ma kien jaf b'xejn. Darba wasalna lura d-dar u kif tlajt it-taraġ rajt 'l-għassies ma' l-art, u l-bieb miftuħ. Xi ħadd daħal u serqilna d-dar. Kemm kelli ħwejjeġ ġodda fil-boroż fil-gwardarobba ħaduhom.

Xi jumejn wara korrejt. Stajt nara li kienu tnejn għax jien għandi ħafna tewmin fil-familja. Bkejt u ħadd ma seta' jsabbarni tant xtaqt li jkolli tarbija tiegħi. Lil Karl bqajt m'għedtlux dwar Helmut.

Ħassejt xi ħaġa ġo fija tgħidli - Itlaq. U tlabt, "Mulej, jiena tielqa issa, jekk tridni nibqa' Malta sibli ġobb." Serquli d-dar, tlift il-bejbi, tlift il-ġobb u ma kelli xejn għalxiex nibqa' t-Tuniżija. Kont naqbad il-mejda, insabbatha u lil Karl ngħajru li mhuwiex raġel. Kelli bidu ta' *breakdown* u ġejt lura Malta mingħajr m'avżajt lil ommi.

Tista' taħseb kemm ferħet bija. Għedtilha biss li ħriġt tqila u tlift it-tarbija. Wara ġimgħa li wasalt mort għal intervista u bdejt naħdem ta' *receptionist* f'lukanda kbira f'Tas-Sliema.

Lil Karl kont għedtlu li ġejja Malta għal btala. Mort lura t-Tuniżija biex ngħidlu li daqshekk bqajt miegħu. Ħadha bi kbira meta għedtlu li bdejt naħdem ta' *receptionist*. F'dik il-ġimgħa li domt hemm ma kiel xejn, jixrob il-birra biss. Ma ridnix nitlaq. Dak li ppakkjajt biex jibgħathomli wara bil-baħar baqgħu ma waslux. Kelli l-ġmiel ta' platti tal-madriperla, *lampshade* Ġappuniża, mejda tal-makramè bil-ħġieġa, biċċa skultura, xejn ma bagħatli. Qisu l-Bambin ried jgħidli li l-passat għadda.

Ilna hawn Malta tliet snin. Karl bagħatli l-biljetti biex immur narah il-Greċja u l-Jugoslavja biex forsi nirranġaw u ġie darbtejn hawn. Sadattant ġab id-divorzju u kien bil-ħsieb li niżżewġu imma ma stajtx nistikkja miegħu għax sar jgħir u possessiv ħafna. Riedni nibqa' l-Ariana li kien jaf erbatax-il sena ilu, li hi ħaġa impossibbli għax jien inbdilt. Ir-relazzjoni

tiegħi ma' Karl spiċċat. Għadu jċempilli kultant biex jipperswadini mmur lura.

Għadni noqgħod id-dar mal-ġenituri tiegħi. Nixtieq nitlaq minn hemm għax lanqas kamra tiegħi m'għad għandi. Naħsibha niżżewwiġx għax tant nara żwiġijiet imkissra; l-unika ħaġa li għaliha nixtieq niżżewweġ hi biex ikolli tarbija.

Bħalissa għandi *boyfriend* Malti, kuntrarju għal dak li kont ngħid fi żmien l-adolexxenza. Jogħġobni bħala karattru, imma mhux bħala statura għax twil daqsi. Nixtieq li r-relazzjoni tagħna timexxi. Nipprova... imma hemm ħabib tiegħi li jħawwadni; ma nafx jekk jimexxilix inżomm lura jekk dan il-ħabib jiġi jaħdem hawn Malta.

Ilni xahrejn noħroġ mal-Malti, jien għandi 36 u huwa 40. Għedtlu li kont ngħix ma' Karl. Għamiltha ċara li jien għandi qalb, moħħ u ġisem u jekk ma jogħġbuhx it-tlieta flimkien jista' jinsieni. Jew jaċċettawni b'kollox jew b'xejn.

# BERTA

*"Iż-żwieġ darba kien għalija, għax bħal ta' l-ewwel la tagħżel u lanqas tħawwel."*

Ilni armla għaxar snin. Għandi erbat itfal, il-kbira ta' tmintax-il sena u ż-żgħir ta' tnax. Żewġi kellu 32 sena meta miet; kien marid imma ma ħsibtx li l-marda li kellu kienet se tieħdu malajr kif ġara, għax dejjem mexa sew bil-kura.

Minn dejjem kont noqgħod f'dan ir-raħal, missieri u ommi t-tnejn huma mill-post, żewġi kien minn raħal qrib. Id-dar konna erbat ibniet, jien il-kbira. Darba minnhom kont qiegħda t-triq il-ġdida maz-zija nimbotta 'l oħti ż-żgħira fil-puxċer. F'daqqa waħda ħarġitli mis-siġġu, qasmet it-triq u tajritha karozza. Weġġgħet naqra saqajha imma għadni niftakar il-qatgħa li ħadt; ommi m'għajtitx miegħi għax kont maz-zija u ma kienx tort tiegħi.

Dejjem ommi ħititilna u tgħidx kemm konna niddandnu meta nżanżnu xi libsa ġdida għall-festa. Missieri kien ħaddiem mal-Gvern bil-paga minima u ma kienx jagħmel xogħol ieħor; filgħaxijiet kien joqgħod id-dar m'ommi u magħna.

Konna ngħixu man-nanna u mbagħad morna noqogħdu fi triq oħra. Oħti ż-żgħira twieldet meta morna d-dar tagħna. Man-nanniet kien hemm iz-zija li sakemm qgħadna hemm kienet għadha xebba. Kemm konna nħobbuha n-nanna, dejjem tixtrilna l-ħelu u aħna dejjem niġġieldu biex norqdu fis-sodda magħha, għax aħna konna noqogħdu fuq u n-nanna u n-nannu isfel, ... kemm kienet tħobbna! Imbagħad meta tlaqna għal rasna, iz-zija żżewġet u qagħdet man-nanna, imma aħna dejjem konna mmorru narawha, kuljum. Meta miet in-nannu, iz-zija telqet minn ġod-dar u n-nanna ġiet toqgħod naqra magħna u naqra maz-zija. Mietet meta kellha 86 sena u bkejtha.

Kont nibża' mill-pa, imma iktar minn ommi, daqs kemm kienet tgħajjat magħna u żżommilna. Għax jekk jien fis-sebgħa suppost kont id-dar u domt ħames minuti aktar, toqgħod tgħajjat; għadni s'issa, ommi u

missieri jġibuli sudizzjoni; il-pa ma kienx jgħajjat magħna imma b'ħarsa konna nibżgħu.

Konna mmorru l-quddies, il-Mużew u ngħidu r-rużarju filgħaxija, kuljum, allaħares min ma jgħidx. Darba kien Kristu Re, u jien u ħabiba tiegħi minflok morna hemm kif għednielhom, morna t-tokis. Kelli xi sittax-il sena. Kienu għalquni fil-bitħa għax mort lura d-dar xi ftit tard, ma kinux iktar mid-disgħa. Sakkritni għal ftit, biex tbeżżagħni u kont bkejt. Ommi għandha 61 sena u toqgħod bieb ma' bieb miegħi.

Mort l-iskola primarja tar-raħal; l-eżami tas-sekondarja ma għamiltux għax ma kontx brava. Ta' erbatax ħriġt mill-iskola u bdejt naħdem, innaddaf għand in-nies. Kont nagħmel il-ġimgħa kollha għand waħda, mit-tmienja sa nofsinhar. Dak iż-żmien ma kienx jeżisti l-ktieb tax-xogħol għalina. Kienet tagħtini lira fil-ġimgħa; kont daqqa naħsel l-art, daqqa nagħmel ir-ram, daqqa l-ħġieġ u dejjem sejra. Is-sinjura kienet tgħinni wkoll. Fin-nofs ta' nhar konna nieqfu xi kwarta nieħdu brejk.

Domt magħha sentejn u mxiet tajjeb miegħi; l-aħħar sitt xhur li domt magħha kienet tagħtini lira u ħames xelini fil-ġimgħa. Kienet tafdani u kont kuntenta magħha. Tlaqt minn magħha ta' sittax biex immur naħdem f'fabbrika li fetħet qrib ir-raħal għax xtaqt li l-paga tikbirli.

Meta dħalt il-fabbrika kelli lira u 15-il xelin fil-ġimgħa, imma hemmhekk stajt niżdied. Konna nidħku ħafna bejnietna imma konna naħdmu ħafna u dejjem bilwieqfa tegħja. Domt seba' snin naħdem hemm u meta ħriġt kelli xi seba' liri paga; tlaqt meta żżewwiġt fl-1971, għoxrin sena ilu.

Mill-paga kont infaddal biex inkompli mad-dota li għamlitli ommi. Dota ta' lożor, xugamani, investi u oġġetti tal-kċina, friskaturi u affarijiet essenzjali għad-dar; il-friġġ u l-kuker xtrajthom minn tiegħi.

Ta' tnax żviluppajt u kont qisni waħda belha għax ma kont naf xejn u xejn. Tgħidx kemm bkejt meta ġieni l-*period*; mort niġri ngħid lil ommi, għax ħsibt li waqajt u weġġajt meta rajt id-demm. Qaltli, "Le, issa kbirt, sirt xebba, mur inħasel, biddel u agħmel biċċa," u serraħt moħħi. Ma qaltli xejn iktar u mbagħad tgħallimt xi ħaġa minn dak li kont nisma' minn sħabi tax-xogħol. Ommi dejjem qaltilna li t-tfal jiġu minn fuq il-vapur u bqajt dak iż-żmien kollu nemmen hekk.

Meta kont żgħira kont inħobb inbiddel imma *make-up* le, ħlief daqsxejn lipstik. Il-lipstik irridu, imqar jekk immur sal-Belt.

Iltqajt mar-raġel tiegħi u qbadt inkellmu meta kelli erbatax. Darba

mort Birkirkara ma' ħabiba tiegħi nixtri gaġġa għall-għasfur. Mario kien f'ħanut tat-tè, rani għaddejja u għajjatli; mort, għamilna *date* u bdejna niltaqgħu. Meta saret taf ommi kienet se toqtolni, kemm għajtet miegħi. Xi ħadd mar igħidilha li bintha qed tmur tinnamra t-triq il-ġdida. Qaltli, "Baqax min imur jinnamra!" u tatni xebgħa għax kont għadni żgħira. Ma bqajtx inkellmu, lanqas bil-moħbi, minħabba ommi, imma dejjem lilu bqajt inħobb u anke hu; kont narah xi ftit imma mhux noħroġ miegħu.

Kelli sbatax meta rġajt bdejt miegħu u dħalna agħrajjes. Domna erba' snin biex iżżewwiġna. Mario kien sena ikbar minni. Kont naħdem bix-xift, allura ġimgħa kont narah meta jiġi ftit għand ommi filgħaxija u ġimgħa le; is-Sibt jew il-Ħadd konna mmorru t-tokis ta' l-erbgħa ta' wara nofsinhar u fis-sebgħa kont inkun ġewwa; allaħares nittardja ftit. Mario kien jiġi jwassalni d-dar, joqgħod naqra 'hemm u jitlaq; ommi kienet toqtolni jekk nidħol xi ħames minuti tard.

Mario kien jaħdem ta' *watchman* mal-Gvern u matul il-ġurnata jgħaddi d-dawl u l-ilma. Ommi u missieri kienu kuntenti bih għax ġej minn familja sew. Ġieli ħadt 'l oħti miegħi t-tokis għax ommi ma kinitx tħallina waħidna u sas-sebgħa ġewwa. Id-*dances* qatt ma ħmilthom; lanqas naf x'kienu. Biex ħadna l-*engage* iltqajna ħuti u ħutu, il-ġenituri tiegħu u ġie l-qassis iberkilna ċ-ċrieket. Ommi għamlet xi ħaġa tal-ħelu.

Kont nibki għax sħabi kienu joqogħdu jgħiduli li jekk tbus l-għarus ikollok bejbi. Kont niġġieled ħafna miegħu meta jiġi biex ibusni għax kont nibża'. Hu kien igħidli injoranta imma xejn aktar, għax kont ngħidlu pastaż. Ommi dejjem beżżgħetni u qatt ma qaltli. Allura kont nemminha meta jgħiduli li jekk tbus l-għarus ikollok bejbi, jekk imisslek saqajk ikollok bejbi, jekk jgħollilek id-dublett ikollok bejbi. Kont ingħid — Dawn il-bejbis minn fejn se jiġu? — imma domt biex għamilt il-kuraġġ u staqsejt. Id-dar kienet tiġi soru Spigolatriċi, minn dawk li jilbsu pajżanjá, u darba ġabitli ktieb. Dejjem kelli tmintax biex sirt naf xi ħaġa, kont qisni l-fidila.

Kellna tieġ sabiħ. Ommi ħallset għat-tieġ, kollox ommi; il-ħwejjeġ hi wkoll għamlithom. Kelli tliet *bridesmaids* u karozza bajda minn dawk il-kbar Amerikani bis-saqaf imdawwar bid-dawl. Ir-ritratti kienu għadhom *black and white*. L-ewwel kellna l-quddiesa fil-knisja tal-parroċċa u wara għamilna r-riċeviment fis-Sala Parrokkjali, kulħadd hemm kien jagħmlu. Iz-zijiet, il-kuġini u l-ġirien kienu mistiedna.

Dak il-lejl tat-tieġ, meta morna d-dar tagħna, għedtlu, "Itfi d-dawl

għax mhux se ninża', u int titgħatta għalik u jien għalija għax nagħmlu dnub," imma kelli l-libsa biż-żipp twil u ma stajtx inniżżlu; ġie, qabadni u bdejt ngħajjat, "Le, għax dnub!" Meta beda jfehemni u jgħidli, qgħadt; bżajt meta rajt id-demm u għedtlu "Issa x'se nagħmel?" u qalli li dawk kienu affarijiet tal-Bambin. Disa' xhur wara kelli l-ewwel tarbija. Sakemm ġejt biex nixtriha ma kontx naf x'tagħmel u kif se nwellidha. Ma bqajtx nibża' mir-raġel u kont immur tajjeb miegħu.

Malli l-*period* jiskorrili jumejn kont ninduna li nqbadt. Dejjem mort l-isptar għall-viżti. It-tfal kollha wellidthom l-isptar, l-ewwel waħda bl-għodda għax kont għadni magħluqa u t-tarbija kienet kbira. Dħalt l-isptar jumejn qabel għax kelli l-pressjoni u bqajt jumejn wara.

Dak iż-żmien kont mibruma imma mhux ħoxna kif jien illum. Ilni ħoxna hekk mindu miet ir-raġel; għax l-inkwiet lili jġegħelni niekol u niekol. Nipprova ndaħħal żaqqi 'l ġewwa imma tegħlibni; żaqqieqa u l-ħobż inħobbu ħafna; nixtieq nonqos imma meta jkolli d-dwejjaq nibki u ninfexx fl-ikel.

It-trabi tiegħi qatt ma reddajthom. Wara l-kbira kelli korriment; qaluli li ġrali hekk għax kelli barxa. Dakinhar li korrejt kien diżastru; qomt filgħodu, mort it-tojlit u rajt id-demm. Bgħatt għat-tabib u qalli biex nidħol fis-sodda u nistenna sakemm jiġi, imma d-demm baqa' ġej u sakemm wasal it-tabib marli kollox. Iddispjaċieni u bkejt avolja kellna bejbi żgħir, għax la jkunu ġejjin fid-dinja dejjem tixtieqhom jibqgħu ġejjin.

Meta t-tifla kellha tliet snin, wellidt tifel. Qatt ma wżajna xejn biex ma noħroġx tqila malajr, konna nagħmlu ħażin. Meta t-tieni wieħed kellu sena u disa' xhur kelli tifla oħra, u sena u erba' xhur wara kelli liż-żgħir.

Sentejn wara miet ir-raġel. Qabel iżżewwiġna kont naf li kien ibati bil-kliewi imma bil-mediċina li kien jieħu dejjem mar tajjeb. Beda jilmenta li jħossu għajjien, kont inġiblu t-tabib sikwit u fl-aħħar ħaduh l-isptar. Wara ħmistax miet.

Qatt ma bsart li ħa jmut għax dejjem nafu marid bil-kliewi, imma meta ġie l-professur u qalli li m'hemmx tama għalih..., ma bkejtx, la ħaġa u lanqas oħra, qisni nxift minn ġewwa. Bqajt nittama għax daqqa jkun tajjeb u daqqa le imma qatt ma ħsibt li veru, żewġi ħa jmut, donni ma ħadtx dak ix-xokk li żewġi se jmut. Ma ridtx nemmen.

Miet fis-siegħa nieqes kwart ta' bil-lejl u meta ġie l-pulizija jgħidli, kelli t-tifla ta' tliet snin fuqi u x-xokk tiegħi mar fuqha. Is-Sibt dfinna r-raġel u t-Tnejn daħħluli t-tifla l-isptar mimlija raxx. Damet hemm tnax-

il ġurnata. Jumejn wara li żammewhieli, erġat ġejt mill-isptar u sibt liż-żgħir nett b'104 deni. Kellu sentejn.

Ma nafx kif għaddew dak l-ewwel ġimgħat. Kelli t-tfal kollha jibku, ommi l-ħin kollu tibki u jien xejn. Dejjem bqajt nistennieh, infexxejt fid-dar innaddaf, dejjem naħsel id-dar, nistennieh ġej, u għadda xi xahar meta bdejt indaħħalha ġo moħħi li r-raġel miet. Kont mort il-funeral, rajtu mejjet u bistu mejjet imma qatt ma daħħaltha f'rasi li żewġi mejjet, mejjet; ma stajtx naċċettaha.

Imbagħad, l-istonku tiegħi ma riedx joqgħod f'postu; qabadni *break-down* qawwi, dejjem niġri għand it-tobba, dejjem b'qalbi tuġagħni għax ħsibt li se jagħtini xi attakk f'qalbi daqs kemm ħadtha bi kbira. It-tobba tawni l-kalmanti imma qatt ma ħadthom.

Domt sakemm ġejt naqra f'posti u avolja ilu għaxar snin mejjet, dejjem tibqa' tħossu n-nuqqas għax anke meta nsajjar xi ħaġa, lit-tfal ngħidilhom, "Kemm kien iħobbha dik...," u issa kibru t-tfal u lis-subien ngħidilhom ,"Kieku għadu ħaj kontu tmorru miegħu" jew "Kieku l-pa kien jgħidilkom hekk." Fil-ferħ iktar tħoss in-nuqqas tiegħu u nibqa' nsemmihulhom biex ma jinsewhx.

Il-flus konna nibżgħu għalihom u minnhom għexna jien u wliedi sakemm ħadt il-pensjoni sitt xhur wara li miet. Kelli xi mitt lira fix-xahar biċ-*children's allowance* ta' erbat itfal b'kollox; kelli nibża' għalihom għax larinġa u bajda liż-żgħar trid tagħtihomlhom; issa għandi Lm104 għal ħamsa min-nies. Il-kbira qed taħdem imma biex ngħaddi mmur tliet darbiet naħdem man-nies, erba' liri kull darba.

Inkun ħa niġġennen għax ma nlaħħaqx; laħam mill-irħas, biex nixtri l-qara' bagħli, per eżempju, irid ikun niżel sew, ma nixtrihx jekk ikun iktar minn 30ċ 'l kilo, kollox mill-irħas. Ma nafx inħit, tħitli oħti u nħallasha ftit ftit; meta kienu żgħar sibt għajnuna mingħand in-nies, iżda bil-flus ħadd qatt ma għenni. Kelli noqgħod bil-għaqal ħafna.

Din id-dar fejn noqgħod hi antika, għandi Lm45 kera fis-sena u fiha tlett ikmamar tas-sodda. Kien razzett u jrabbu l-annimali ġo fih qabel ħadnieh. Meta konna se niżżewġu ommi semgħet li riedu jikruh u għamlet ħilitha kollha biex niħduh aħna. Imbagħad missieri u hu, Mario, irranġawh. Il-pa għenni ħafna u għadu s'issa, jagħmel xogħol tqil bħal konkos, jiftaħ it-twieqi, xi bieb jagħmlu tieqa; dawn l-affarijiet ta' tbatija jħobb jagħmel il-pa.

Billi dal-post antik ħafna, bix-xorok u l-ħnejjiet antiki, ħafna jgħiduli

biex nagħmlu fuq il-fil, anke biex ma joqgħodx ifarfar il-ġir, imma l-flus mnejn tridni nġibhom? Lanqas biex inbajjad għax ilni s-snin; ma naffordjax biex inqabbad lin-nies. Jekk tibda tobrox jaqa' kollox u trid tkaħħal; mela jien naf inkaħħal, dak mhux xogħol ta' l-irġiel? Meta jkolli bżonn xi ħaġa malajr, bħal nirranġa l-ilma, inqabbad lin-nies.

Għall-ħajja nonfoq Lm30 fil-ġimgħa, ikel l-aktar u xejn ma nista' nġemma'. Insajjar ħafna għaġin, l-imqarrun iħobbuh it-tfal. Lanqas għandi sold fuqiex naħlef. Il-kbira taħdem f'fabbrika u tgħinni wkoll. Xorta jkolli mmur innaddaf għand in-nies, darba għand kull waħda. Nieħu pjaċir innaddaf u dawk li mmur għandhom insibhom jirrispettawni ħafna; jagħtuni lira s-siegħa.

It-tifla għarusa ġuvni bil-għaqal u ġej minn familja sewwa. Għandha l-paga minima u magħha jkollha l-bonus speċjali skond kemm ittella' *production.* Iġġib xi Lm80 kull ħmistax u minnhom tagħtini għaxar liri. Binti taħseb għad-dota hi stess imma nipprova ngħinha bil-ftit li għandi.

Filgħodu nqum fis-sitta, ngħajjat lill-kbira biex tqum għax-xogħol, nibda nħejji l-kolazzjon u l-kafè sakemm l-oħrajn jibdew iqumu wieħed, wieħed; inlestilhom u x'ħin joħorġu għall-iskola, nitla' fuq nifrex is-sodod u naqbad naħsel l-art. Isfel naħslu kuljum imma fuq darba fil-ġimgħa u l-ħwejjeġ tliet darbiet fil-ġimgħa. Kuljum trid toqgħod mal-borma. Filgħaxija naqa' żorba, fis-sebgħa u nofs nidħol fis-sodda mat-tfal u noqogħdu naraw ir-rumanz fuq it-*television.* Dak ma nitilfuhx; wara, kulħadd imur f'postu.

Ninkwieta għat-tfal u jekk jittardjaw imqar ħames minuti noħroġ barra nistenniehom. Dejjem nitlob 'l Alla jħallini ħajja u jagħtini s-saħħa biex inkompli mal-familja.

Iż-żwieġ darba kien għalija. Lanqas qatt ma daħħalli l-ħsieb li nerġa' niżżewweġ, il-Bambin jiskansani u jilliberani, ommi ma x'biża'! Għax bħal ta' l-ewwel la tagħżel u lanqas tħawwel. Inħossni marbuta ħafna marraġel li kelli imma ma mmurx iċ-ċimiterju.

Ommi tiġi u tittawwalli u t-tfal jgħinuni u huma bil-għaqal; it-tifel il-kbir imur il-*Junior Lyceum*, it-tifla tmur skola speċjali għax hi *slow learner* u ż-żgħir imur l-*Opportunity Centre.* Dejjem inħambaq magħhom biex jitgħallmu.

Niddejjaq l-aktar meta t-tfal jibdew jiġġieldu bejniethom; issa li qorbu l-vaganzi tas-sajf, ġa bdew jeqirdu; iż-żgħir jgħidli, "Ma, x'se nagħmel?" Il-kbir imur ma' zitu jgħinha fil-ġelati u ttih xi ħaġa; fl-iskola sejjer tajjeb u pulizija jixtieq isir. Il-kbira m'għamlitx l-*O Levels* u llum

jiddispjaċiha għax kieku ma tibqax fil-fabbrika. U jien irrid naħdem bilfors biex inkampa.

Qatt ma sifirt; nixtieq kieku mmur xi darba imma ma jistax ikun. Il-kbir siefer, darba ħadu miegħu n-nannu, ħallaslu kollox huwa. Il-kbira ma tistax issiefer għax trid iġġemma' biex tiżżewweġ. Li kieku kelli ftit flus kont indur dawra mad-dar l-ewwel għax għandha bżonn, imma nixtieq ħafna li nsiefer darba.

Piż qatt ma kien ikolli għax kollox ir-raġel kien jaħseb meta kien ħaj, jien il-familja biss. Issa drajt nerfa' l-piż tal-familja waħdi imma meta taqsmu bejn tnejn jonqos; waħdek terfa' kollox int, għax anke t-tfal qishom mill-missier jibżgħu iktar, avolja jien minn ommi kont nibża' l-aktar.

# ROSE

*"...ma tridx tintrabat mal-ġenituri bħal ma għamilt jien, imma issa li huma xjuħ mhux se nitlaqhom."*

Għandi 41 sena u bħal missieri u ommi twelidt u għext Għawdex, hawn f'dan ir-raħal. Ommi kellha tlieta oħra qabli. Jien kont għadni se nitwieled meta missieri mar l-Awstralja. Kellu jsiefer għax ma kellniex flus biżżejjed; hawn kellu l-bhejjem u r-raba' imma dak iż-żmien kollox kien ftit, ir-raba' ma kienx iġib flus u kellek taħdem ħafna. Dam disa' snin imsiefer.

Twelidt xi xahar wara li telaq. Kien moħħu mistrieħ minna għax kellu lil omm ommi u omm ommu biex jieħdu ħsiebna. Il-ma kienet tibża' u qatt ma riedet tmur l-Awstralja għax bejn xahar baħar u erbat itfal żgħar, waħidha kienet taqta' qalbha. Hemmhekk missieri ħadem ġo fabbrika. Kien jibagħtilha kważi l-flus kollha u l-ma faddlet minnhom, għax il-qligħ kien aħjar minn hawnhekk.

Kienet miexja tajjeb imma batiet waħidha. Konna noqogħdu fid-dar tagħna, bin-nanniet jiġu jgħinuha; kienu jaħdmu fir-raba' u ommi kienet toħroġ magħhom. Niftakarna niġu mill-iskola u nsibu lin-nanna tagħmlilna l-kafè u ommi tmur tgħin liz-zija ġġib il-ħaxix liż-żewġ nagħġiet biex jagħmlu l-ħalib għall-ġbejniet.

Meta missieri ġie lura kellna tifel ieħor u hu baqa' d-dar; kompla jaħdem ir-raba' u ma reġax telaq. Kelli disa' snin meta rajt lil missieri l-ewwel darba; kont narah fuq ir-ritratti u għalija kien l-isbaħ raġel. Konna dejjem nistennewh u meta kien ġej, għalina kienet l-isbaħ festa. Ommi għamlitli libsa sabiħa u morna x-xatt ta' l-Imġarr biex nilqgħuh. Meta niżel minn fuq il-vapur, qabad lili l-ewwel u refagħni. Fraħt ħafna bih, imma meta ġie, ħassejt li ma bqajtx tifla aktar. Sa dakinhar kont nilgħab u meta ġie kien strett; dejjem riedna nobdu; kont nibża' ħafna minnu u ma bqajtx it-tifla li dejjem nilgħab. Ħuti l-oħra ma kinux jibżgħu imma jien ġrali hekk għax forsi ma trabbejtx miegħu. Kont narah serju ħafna, mhux bħal ma kont nimmaġinah minn fuq ir-ritratti, imma kont inħobbu u

allaħares min isemmihuli.

Mort l-iskola primarja tar-raħal u ma ridtx nagħmel l-eżami għas-sekondarja. It-*teacher* li kelli ħeġġitni u meta kont fis-*Sixth*, naħseb li kelli 13-il sena, għamilt l-eżami, għaddejt u mort is-sekondarja, ir-Rabat. Għall-ewwel kont brava imma mbagħad bdejt nittraskura. Fil-*Form 3* imradt, għamilt xahrejn l-isptar u hekk ġietni l-okkażjoni biex noħroġ. Għedtilhom li ma kontx se naqbad ma' l-oħrajn għax ma ridtx inkompli. Illum jiddispjaċini li ma bqajtx.

Ta' 13-il sena ġieni l-*period*, imma kelli idea ħażina tiegħu; kont nibża'. Kont naf mit-tfal ta' l-iskola għax ommi qatt ma qaltilna xejn, kelli ħuti bniet ikbar minni u kont naf biss li tara d-demm. Kont ninfaraġ spiss u kont ngħid bejni u bejn ruħi — Min jaf kieku min jinfaraġ ma jiġihx il-*period* — imma meta ġie ma bżajtx iktar. Dwar il-bejbis sirt naf mill-ħbieb u ta' għaxar snin kont naf li ommi kien se jkollha tarbija oħra. Hi qatt ma qaltilna xejn u għadha sallum ma titkellimx. Tgħidilna, "Għax ommi hekk rabbietna," u x'ħin tisma' xi ħaġa bħal dik, imqar jekk xi annimal se jkollu, tgħidilna biex lit-tfal inwarrbuhom għax mhux ħaġa sew.

Aħna kollha twelidna d-dar, liż-żgħir marret biex twelldu għand in-nanna. Niftakar kemm friħna meta ġew qalulna u kuljum konna mmorru narawh. Wara ġimgħa ommi ġiet id-dar magħna. Iż-żgħir qisu rabbejnieh aħna l-kbar. Jien kont timida u ma' ħuti kont immur tajjeb ħafna, kont minn dawk li ma nistax nara ġlied. Jiddispjaċini li kont daqshekk timida.

Kelli xi 16-il sena meta ħriġt mill-iskola. Xtaqt insir ners u missieri xtaqni nkun *teacher*. Kelli biex immur ners imma ommi u missieri kienu injoranti u ma nkoraġġwnix. Tort tagħhom li ma mortx ners, għax dawk ix-xahrejn li għamilt l-isptar meta kont marida, in-nersis kienu jgħiduli biex inkompli. Imma meta ħriġt ma kontx naf fejn naqbad immur u nistaqsi biex nidħol ners.

Kont għadni l-iskola meta tefgħuni man-nanna. In-nanna kellha 80 sena u riedet lil xi ħadd magħha. Jien u kuġina oħra konna mmorru norqdu magħha u matul il-jum induru biha, darba kull wieħed. Jien ma ridtx immur magħha għax ħassejt li kont għadni żgħira u ma kienx posti hemm. Biex tipperswadini, nannti tatni mitejn lira u tant ma ridtx immur li qbadt u armejthom barra mit-tieqa! Iżda mbagħad xorta mort għax jien ma nafx ngħid le. Qabadni bħal *breakdown* tant iddejjaqt. Dejjem kont ħsiebni biex nittawwal mit-tieqa, inħares lejn id-dar tagħna. Meta mmur għand tal-ħanut kienet tgħidli, "Ħames minuti ta, ejja għax se mmut." Dejjem

sejra ħa tmut. Hi kienet fuq saqajha u aħna nieħdu ħsiebha; taparsi, għax hi kienet mhux ħażin imma kienet imfissda. Konna nnaddfulha u nsajrulha xi daqsxejn brodu, għax dejjem brodu kienet tkun trid u wara naħdmu l-ġanċ, bizzilla jew suf.

Kienet egoista u tridna magħha l-ħin kollu. Kellna l-lampa tal-pitrolju u x'ħin jidlam kont irridha mixgħulha għax id-dlam dak iż-żmien kien idejjaqni, u hi, x'ħin taħseb li rqadna, kienet tqum u titfiha. Kont inqum bla nifs u nerġa' nixgħelha u hi terġa' titfihieli. Kont nirrabja u ngħidilha li rridha mixgħula.

Fis-snin li għamilt magħha qabduni n-nervi u wara bdejt nieħu l-valjum. Mank festa ma kienet tħallina mmorru, għax dak iż-żmien festi u tokis kien hawn u biex forsi noħroġ darba, kien ikollha tmur magħha ommi, u jien dik li naf li għandi lil xi ħadd jistennieni ddejjaqni. Spiċċajt biex ma mmur imkien.

Wara xi għaxar snin il-kuġina żżewġet u n-nanna ġibnieha magħna d-dar, ftit magħna u ftit magħhom. Biex ma ġabuhiex ma' l-ewwel..., biex tellfuli ż-żogħżija tiegħi! Kont nibża' nħalliha waħidha u dejjem ħsiebni fiha; illum naf x'jiġifieri. Liż-żgħar ngħidilhom li x'ħin iħossu li għandhom jgħidu le, jgħidu le; insomma issa għaddiet ħajti, għax inħoss li hu tard wisq, għax illum iżjed intrabatt mal-ġenituri tiegħi.

Wara li ġibnieha d-dar tagħna, bdejt noħroġ u kelli xi namrati, imma ġratli din il-biċċa; x'ħin kont niftakar li se nħalli x-xjuħ waħidhom, għax ħuti kienu ġa żżewġu, kont naqta' qalbi u jispiċċa kollox fix-xejn.

Kont nibża' li m'iniex kapaċi għaż-żwieġ għax darba mradt, avolja ma kellix għalfejn, u r-rabta taż-żwieġ kienet tbeżżagħni; meta kont niftakar li se nintrabat ma' raġel u bilfors irrid nibqa' għomri miegħu u forsi ma nkunx naqbel miegħu, dik ma ridthiex. Ħuti jgħiduli meta ssir tħobbu ma tagħtix kas li hemm ir-rabta, imma aħjar ħielsa mir-rabta, u qiegħda għal qalbi. Għedt, issa noqgħod mal-ġenituri tiegħi u ma bqajtx noħroġ biex żgur ma niltaqa' ma' ħadd.

In-nanna mietet meta kellha 85 sena. Il-mewt tagħha ma tantx ħassejtha għax kienet qiegħda ftit xhur magħna u ftit xhur ma' l-oħrajn. Mietet għandhom u kulħadd straħ; kellna x'nagħmlu u ma tantx ħassejtha għax żmienha għamlitu. Ara z-zija li kellna magħna u li ħadet ħsieb ommi meta missieri kien imsiefer, dik kont inħobbha għax ma kinitx sikkanti. Min ikun sikkanti jdejqek għax jaħseb biss fih innifsu. Ommi mhix hekk, avolja għandha 72; tridni noħroġ u kultant tgħidli, "Ma bqajtx hawn minħabba fina?" Għax anke sitt snin ilu kont qed naħsibha niżżewwiġx u

erġajt qtajt qalbi. Forsi għax ma tkunx għadek żgħira u l-affarijiet tarahom xort'oħra jew...

Meta mietet in-nanna bdejt naħdem ta' ners ma' John, wieħed Ingliż. Kien nofsu pparalizzat u kont nieħu ħsiebu; inqajmu filgħodu, inħejji l-ikel u naħslu. Kont lejl u nhar miegħu. Ħassejtni tajba u n-nervi għaddewli. Familja ma kellux ħlief kuġin li kien jiġi jarah darba kull tant, u domt miegħu tmien snin. Kien żmien sabiħ u qatt ma kont kuntenta daqs kemm meta ħdimt miegħu. Għamilna ħafna *parties* għax hu kellu ħafna ħbieb Maltin li kienu mlaħħqin. Kien iridni nagħmel libsa għall-okkażjoni u kont nieħu pjaċir ħafna.

Miet ta' 61 sena, mhux bil-marda li kellu imma b'kanċer li ħadu malajr. Meta mar l-isptar Malta, mort miegħu u ġejt lura Għawdex u lilu ħallejtu l-isptar. L-għada kien maltemp, il-vapur ma ħadimx u mort il-pitgħada. Sibtu jibki. In-nersis staqsewni jekk kontx Rose għax kien il-ħin kollu jgħajjat għalija u jgħidilhom li "Rose hija l-aħjar ners li hawn fid-dinja." Stħajt minnhom billi jien m'iniex kwalifikata imma hu kien qisu ħadha kontra tagħhom. Ma setgħux joqogħdu miegħu l-ħin kollu bħali għax jien kelli lilu biss. Bqajt miegħu u rqadt għand xi ħbieb Malta għall-għaxart ijiem li dam l-isptar, u mbagħad ġibnieh Għawdex. F'xahar miet, u għalija qisu miet wieħed tal-familja, avolja l-aktar li bkejt kien meta t-tabib qalli li kellu kanċer. Ħadtha bi kbira ħafna.

Kelli 36 sena u sifirt lejn l-Awstralja għal sena, għax ħassejtni ma nafx x'se naqbad nagħmel b'ħajti. Ridt immur għax kelli z-zijiet u l-kuġini ma nafhomx u ridt nara l-Awstralja fejn kien missieri. Hemmhekk kelli żewġ ħuti. Ridt immur ukoll għax ħassejt li hawn, id-dar, mhux posti.

F'dik is-sena li għamilt hemm ħdimt xi tliet xhur f'fabbrika tas-suf. Mort tajjeb u l-boss ma ridnix nitlaq u għamel minn kollox biex iħajjarni noqgħod. Il-familja, iżda, ġibditni 'l hawn. L-Awstralja kien hemm xi tlieta li riduni; kont immur il-quddies u kienu jarawni, fosthom kien hemm wieħed tal-MUSEUM. Kelli grazzja ma' wieħed imma meta kont niftakar li kelli 'l ommi u 'l missieri jistennewni, kont ngħid — Dawk imutu jekk nibqa' hawn — avolja ħadd ma jmut għal ħadd, u erġajt ġejt 'l hawn. Issa qed naħdem nofs ta' nhar kuljum insajjar f'dar fejn hemm it-tfal.

Ix-xjuħ inħobbhom għax mhumiex kollha bħan-nanna. John, l-Ingliż, kien jifhimni u jgħidli — Jekk għandek aptit toħroġ, oħroġ — u ma kienx egoist.

Hawnhekk, Għawdex, kienet drawwa komuni li jibagħtu t-tfal biex jieħdu ħsieb in-nanniet xjuħ. Illum m'għadhiex u jagħmlu sew għax jekk lix-xjuħ ma jridux jibagħtuhom f'dar tax-xjuħ, għandhom jieħdu ħsiebhom il-kbar. U naħseb li x-xjuħ illum xort'oħra għax 'l ommi hekk insibha. Forsi għax taf minn xiex għaddejna. Nhar ta' Sibt, anke jekk ikollha aptit li noqgħod magħha, xorta tgħidli biex immur u noħroġ.

Issa jien biss fadal ngħix mal-ġenituri imma ħuti jiġu spiss.

Ħija l-kbir miet meta kellu 39 sena. Kien timidu bħali. Iħobb ħafna l-familja u jmidd idu għal kollox; id-dar tagħna kollox hu għamel. Kien jgħaddi hawnhekk kuljum għax kien joqgħod fl-istess triq tagħna u dik il-"Ma" li kien jgħajjat malli jidħol ma stajniex ninsewha. Il-mewt tiegħu ħadnieha bi kbira imma peress li t-tfal u martu kienu ġew jorqdu magħna għall-ewwel disa' xhur wara mewtu, qishom derrewlna.

Noħroġ in-nofs ta' nhar ta' filgħodu għax-xogħol. Il-ġenituri m'għandhomx bżonn kura għax għadhom fuq saqajhom; missieri se jagħlaq 84 u ommi 72. Missieri għandu l-għnien; joħroġ daqsxejn hemmhekk, għandu l-qara' bagħli, qara' twil u issa qed iħawwel it-tadam u l-karfus u t-tursin.

Kellu nagħġa u mogħża li kien iħobb ħafna u mindu neħħejnihomlu mar lura għax jgħid li ma jafx x'se jaqbad jagħmel. Hawnhekk kulħadd ikollu n-nagħġa u l-mogħża bħala drawwa, anzi iktar minn tnejn, anke jekk ikunu jaħdmu xi mkien ieħor, biex jagħmlu l-ġbejniet. Min-nagħġa nieħdu wkoll is-suf; konna nagħmlu l-kutri. Ommi fis-sajf wara nofsinhar kienet tmur taħsel is-suf id-Dwejra fil-baħar, tifttħu u taħslu sakemm jiġi abjad silġ u tħallih jinxef fuq iċ-ċagħaq. X'ħin jinxef iġġibu d-dar, terġa' tiftħu u ddawru bl-imgħażel u wara taħdmu. Kienet ukoll taħdmilna l-ġerżijiet tas-suf u kienu jniggżu ħafna; kien hemm waħda ż-Żebbuġ li kellha n-newl u kienet toħdilha s-suf u tinsiġlek il-kutri. Ommi għamlet waħda sabiħa tal-ganċ. Dejjem għamilna l-ġbejniet, mhux is-sena kollha għax fis-sajf ma jaħilbux. X'ħin noqtlu l-ħrief konna nieħdu l-istonku, inżommuh immellaħ u mix-xorrox li jkun hemm ġewwa fih ngħaqqdu l-ġbejniet u nitfgħuhom fil-qwieleb. Il-ġbejniet nagħmluhom mill-ħalib tan-nagħaġ biss, tal-mogħoż ngħalluh minħabba d-deni u nixorbuh. Mhuwiex tajjeb biex nagħmlu l-ġbejniet għax ħafif.

Il-mogħża kienet qisha l-*pet* ta' missieri; idur magħha, ikellimha, inaddfilha, u issa wasal il-ħin biex jaħlibha u joħrogħa barra fix-xemx..., imbagħad mardet u kellna nbigħuha għax kieku ma konniex inneħħuhielu. Tħajjar iġib oħra għax meta marditlu l-oħra li kellu qabel, hekk għamilt.

Qalli biex immur nixtrilu oħra, imma mbagħad għedtlu, "Ma baqagħlekx saħħa biex tnaddfilha u tmur iġġibilha l-ħaxix; min se jġibulek?" u issa qed jidra mingħajrha. Ommi ssajjar u tagħmel xi xogħol ħafif bħal tiżbarazza l-mejda u toqgħod taqra xi ħaġa bil-Malti. Il-kumplament tat-tindif nagħmlu jien. Ħuti jiġu dejjem il-Ħadd u matul il-ġimgħa jgħaddu wkoll.

Id-dar niddejjaq għax meta noħroġ dejjem ikunu jridu jafu fejn mort, qisek m'għandekx ħajja privata. Kieku għadni żgħira, nagħmlu mod għoxrin sena u mhux se niżżewweġ, naħseb kont immur għal rasi. Illum ftaħt moħħi u m'għadnix dik it-tfajla timida li ħsiebni fihom. Kultant nixtieq li kelli flatt biex nilqa' għandi l-ħbieb; kieku niśta' nistedinhom għal *drink* jew għall-ikel għax inħoss li hawn mhux ġejjin ġo tiegħi. Jekk ikunu barranin, bħall-ħbieb Ingliżi li għandi, niddejjaq għax huma ma jafux ikellmuhom u dejjem mhumiex qegħdin ġo darek. Ommi tipprova ma ddejjaqnix għax ġieli ngħidilha li nixtieq nixtri flatt biex immur daqsxejn hemm, imqar ġimgħa, ħa naqta' ftit.

Issa toqgħod iktar attenta, tibża' tindaħalli li ma mmurx nitlaq. Ix-xjuħ jibżgħu joqogħdu waħidhom għax meta nsiefer ġimgħa jew ġimagħtejn fis-sajf, lil ommi naraha li qed tiddejjaq avolja jiġu ħuti jieħdu ħsiebha. Tgħid; "Jekk iħossu ħażin missierek!" avolja għandna t-telefon, imma jsiru jibżgħu la jibdew jixjieħu.

Illum jekk niltaqa' mat-tfajliet ngħidilhom, "Tibżgħux, il-ġenituri ma tridx tintrabat magħhom bħalma għamilt jien," imma issa li huma xjuħ mhux se nitlaqhom; m'għandix stonku u huma jippruvaw ma jdejqunix, speċjalment ommi. Missieri m'għadux li kien għax jinsa ħafna.

Jiddispjaċini li t-tfulija u żgħożiti għaddejthom hekk, qisni ħlejthom, u issa ta' 41 sena nħossni li ma nistax nagħmilha, minħabba x-xjuħ. Kieku m'għandix lilhom forsi nitħajjar nibda ħajti mill-ġdid; għandi ħabiba l-Ingilterra tgħidli — Ejja agħmel kors ta' ners għax għandna nuqqas — imma ngħid ma nistax inħallihom għax kieku kont anke mmur kors ta' *social worker* Malta. Minħabba fihom ma mmurx għax trid tmur Malta kuljum u ħafna drabi trid torqod hemm.

Malta ma mmur qatt ħlief għal xi qadi ta' bilfors. Naħseb li l-Maltin jafu jgħixu ħafna iktar minna għax ara l-Maltin kemm jaqsmu u jiġu lejn Għawdex; il-*weekend* l-ieħor morna d-Dwejra u rajt il-Maltin bil-familja, bit-trabi u x-xjuħ; jiġu kollha, ma jaqtgħux qalbhom joħorġu, aħna l-Għawdxin qisna dellna tqil. Forsi hawn iktar ftuħ u ma noqogħdux iffullati f'xi flatt, għalhekk ma nħossux il-ħtieġa li noħorġu daqshekk.

L-Għawdxin, dik li jmorru vaganza Malta ma tantx jagħmluha. Jiġu Malta għax bilfors u nara miż-żewġ neputijiet tiegħi li jaħdmu Malta; ħsiebhom biex jiġu lura Għawdex kuljum. Maltemp u mhux, iridu jqumu kmieni. Ma joqogħdux ġimgħa Malta u jiġu fil-*weekend*. Qishom ma jafux igħixu. Meta niġi Malta nitla' bil-karozza u ġieli qgħadt xi *weekend* għand il-ħbieb. Malta nsibha storbjuża ħafna, għalkemm mhux l-inħawi kollha.

Kieku m'għandix lil ommi u missieri kieku mmur ngħix l-Awstralja għax għoġbitni bħala pajjiż; kbira u n-nies mhux bħal t'hawnhekk. Hemm hi, issa stess, x'ħin ittawwalt barra, il-ġara qaltli, "Rose, mela ma mortx għax-xogħol?" qishom jafu x'ħin dħalt u x'ħin ħriġt. Hawnhekk m'għandix xi triq ta' nies sikkanti, imma dik li taf iżżejjed fuq xulxin iddejjaqni ħafna. L-Awstralja għal daqshekk togħġobni ħafna. Veru għandna t-tajjeb ukoll għax jistgħu jieħdu ħsiebek..., jew inkella darba minnhom kellna *party* u dħalt fis-siegħa ta' bil-lejl u l-għada, "Rose, smajtek dieħla ta, kemm domt ma dħalt!" Dik iddejjaqni, imma ma tistax tagħmel mod ieħor.

Il-ftit li noħroġ naħdem jagħmilli tajjeb għax kieku dejjem hawn, magħhom, niddejjaq.

# ANTOINETTE

*"...il-problemi fi ħdan il-familja huma ħaġa waħda mal-politika, għalhekk ma nistax nibqa' barra minnha."*

Fl-istess triq fiċ-ċentru tar-raħal kienet toqgħod il-familja kollha tal-mamà; in-nanna, il-bużnanna u ruxxmata zijiet xebbiet. Wara l-kantuniera kelli n-nanniet min-naħa l-oħra ta' missieri. Jien, l-ikbar fost ħuti, kont indur il-bibien kollha. Ommi kienet iż-żgħira fil-familja u għal xi żmien kont l-unika tifla żgħira li kien hemm u allura dejjem niġri minn għand waħda għall-oħra.

Iz-zija li żżewġet wara l-mamà tiegħi ma kellhiex tfal u kont inħobb immur għandha. In-nannu ta' missieri kien neguzjant; missieri jgħid li kien awtokratiku ħafna u żewweġ waħda biss minn uliedu. Iz-zijiet ma kinux ta' skola imma kellhom ċertu għerf li ma ssibux fil-kotba u kienu kapaċi jerfgħu ħafna responsabbiltà, per eżempju, meta z-ziju romol ħadu ħsieb l-erbat itfal tiegħu.

Missieri kien jaħdem fiċ-Ċivil u jagħti importanza kbira 'l-edukazzjoni. Minħabba f'hekk l-edukazzjoni akkademika għalija kienet dejjem sikkatura tant kien jagħmel enfasi fuqha. Ma kienx jinsisti li nagħmel il-*homework*, u min jaf kemm qlajt xebgħat għax ma għamiltux. L-eżami għas-sekondarja kelli nagħmlu tliet darbiet minħabba f'hekk, għalkemm kienu qalu li kien hemm it-tbagħbis. Fl-aħħar sena tal-primarja kont l-iżgħar fost tfal li ma ridux jagħmlu l-eżami u kont il-ħin kollu naħdem il-karti ta' l-eżami tas-snin ta' qabel filwaqt li l-oħrajn kienu jitgħallmu jsajru u jagħmlu affarijiet prattiċi, u kont niddejjaq ħafna.

Ma' missieri dejjem bl-istorbju, sa dalgħodu stess ħadt battikata miegħu. Meta kont żgħira kelli lsieni jikkmandani imma fl-istess waqt kont fidila, fis-sens li kollox immur ngħid. Il-ġlieda politiko-reliġjuża niftakarha sew u nista' ngħid li għextha fuq il-mejda; naħa mill-familja kienu mdaħħlin sew fil-Ġunta u ieħor min-naħa tal-familja l-oħra kien mal-*Labour*. Darba waqt *meeting* tal-*Labour* kont mal-papà flimkien ma' xi oħrajn tal-knisja biex isaffru ħalli jisfrattaw il-*meeting*. Xi ħadd qal,

"Imissna nisparawlhom biex ma jersqux 'l hawn." Jien għamilt għalih u staqsejtu, "Liema kmandament hu dak li jgħid tivvutax *Labour*?" Missieri tani daqqa ta' ħarta imma l-oħrajn iggustawni għax ma stennewhiex minn tifla żgħira. Kelli forsi dawk it-tmien snin. Dak iż-żmien fid-dar kien hemm tensjoni kbira.

Bejn ommi u missieri hemm diskrepanza kulturali, biss imbagħad fuq livell uman, ommi hija ħafna aħjar; nikkomunika magħha u hi tagħder iktar. Ħriġt nixbaħha fl-ideat; mhix tal-knisja bħal missieri u damet biex marret il-quddies wara l-ġlieda politika. Hu l-għatba tal-knisja jikolha u dalgħodu ġie b'ħafna argumenti għax jaħseb li min imur il-knisja biss nisrani. Jien u missieri dejjem bix-xabla.

Imma huwa mkabbar bija u jistenna ħafna minn għandi. Dejjem stenna ħafna. Narah iżda li mhuwiex kapaċi jagħraf is-sitwazzjonijiet diffiċli li tkun fihom u jibda jġiblek ħafna raġunar u argumenti li meta tagħsarhom ma ssib xejn. Madankollu dejjem tani appoġġ u ġie żmien li z-zijiet għenuni wkoll. Mill-flus qatt ma naqasna. Fid-dar ta' missieri qatt ma ħassejt in-nuqqas ta' kotba u darba meta kelli xi għaxar snin kont qed inqalleb fil-librerija u ġie f'idejja l-*Arabian Nights.* Sabni z-ziju u mar jugżani imma missieri rraġuna li la l-ktieb kien qed jinteressani, sinjal li kont lesta għalih; għal daqshekk kien moħħu miftuħ.

Ma kont ippreparata xejn għall-*period.* Kelli disa' snin u kont l-iskola; meta mort it-tojlit u rajt xi ħaġa skura ħafna bżajt, kont naf li m'għamiltx taħti, erġajt mort u sibt iktar. Fl-aħħar għedt lit-*teacher* u bagħtitni d-dar. Ommi spjegatli li ma kien xejn u li kien jiġi kull xahar. Ma qaltli xejn iktar.

Mill-istudju kont niskarta kemm niflaħ; kont immur għand iz-zija ħajjata ngħinha tħit u tgħallimt infassal u nħit u dan għadu jservini sallum. Dalgħodu stess fassalt żewġ tibdiliet għat-tifla għax fid-daqs tagħha diffiċli nsibilha l-lest u niffranka l-flus.

Meta kont nasal id-dar mill-iskola kont nixgħel ir-radju u meta nxomm li ġej missieri kont nitla' fuq biex nistudja. Meta nħossu li ħareġ għal xi laqgħa, kont mill-ġdid ninżel isfel fil-kċina. Ommi dejjem għattietli għax kienet tgħid li ma jiswiex li t-tfal timbuttahom kemm tiflaħ għax jekk ikunu jridu, jimxu waħidhom. Bil-ftit li kont nagħmel dejjem ġibt riżultati tajbin u kelli l-kwalifiki biex inkompli l-istudji.

Wasal żmien meta fis-sajf konna nkunu klikka tfajliet u noħorġu jien u ħuti l-bniet; il-ġuvintur lili kienu jgħiduli "l-*mummy*" għax bejni u bejn

iż-żgħira hemm tnax-il sena; kien hemm klikka ġuvintur li noqogħdu niċċajtaw magħhom, imma ma konniex noħorġu koppji bħala namrati.

L-ewwel *boyfriend* li kelli mar l-Awstralja. Ma kontx noħroġ miegħu regolari u kien qalli li jien u hu ma stajna qatt inkunu ta' xulxin minħabba d-differenzi li kien hemm bejnietna ta' skola u familja. Ma stajtx nifhem kif kont inweġġgħu mingħajr qatt m'għamiltlu xejn. Ma kkorrispondejniex meta telaq u jien komplejt nistudja.

Iċ-ċirkostanzi gegħluni niddeċiedi x'nagħmel; għamilt l-intervista għall-*Mater Admirabilis College* u ġejt minn ta' quddiem, imma meta ħriġt mill-kanċell kien hemm ommi tistennieni u qaltli, "Int kif se toqgħod hemm maqfula ġewwa?" Kienet tafni u qtajtha li ma mmurx.

Missieri ma' l-ewwel issuġġerieli nidħol l-università u bdejt il-kors tal-mediċina għax il-liġi ma naħmilhiex. Professur wieħed biss sibt li jekk ma taqbilx miegħu kien iwaħħlek u minħabba fih kelli nirrepeti avolja jien kont nagħmel ix-xogħol ta' wħud minn sħabi u huma jgħaddu kollha u jien neħel. Tiħrax ftit meta jiġrilek hekk. Wara, iżda, ma baqax iebes daqshekk miegħi. Kulħadd kien igerger minnu u llum m'għadux hemm.

F'nofs il-kors iżżewwiġt u kelli l-ewwel tarbija. Kien hemm żmien waqt l-ewwel snin fl-università li kont inħoss in-nuqqas tal-familja. Xi snin qabel il-familja marret tgħix Għawdex. Ma kontx ridt noqgħod waħdi Malta u domt xi tliet snin naqsam minn hawn għal hemm kuljum. Il-ħin li kont naħli nivvjaġġa kien jonqosli mill-ħin ta' l-istudju. Iżda ma stajtx niddiżappunta 'l missieri għax kien qed jagħmel ħafna sagrifiċċji għalija, tant li biegħ żewġ kwadri tal-pittura biex iħallasli għall-kotba u kollox. Imma missieri dejjem ried jimponi fuqi u fuq ħuti.

Fl-ewwel snin l-università bdejt ninnamra ma' ġuvni ġej minn familja mlaħħqa u għanja. Missieri ma ridnix inkompli miegħu minħabba l-istejjer li sema' dwaru. Apparti minn hekk, wara sirt naf li hu kien imwiegħed fiż-żwieġ lil persuna oħra tal-ġid u mill-klassi soċjali tiegħu. Kont inħobbu u llum nara li missieri, li tant għamel oppożizzjoni għalih, ma kellux raġun sa l-aħħar għax il-ġuvni biż-żmien irranġa u rabba l-għaqal. Iżżewweġ lill-persuna li qaluli biha. Min jaf kemm għamiltlu karti u xogħol għax ma kien jaf jagħmel xejn. Imma kellu l-familja warajh u fl-aħħar spiċċa bil-lawrja.

Missieri ntbagħat jaħdem barra.

Bdejt noqgħod Malta maż-żewġ ħuti li baqgħu hawn jistudjaw. Kont nixtri, naħsel, insajjar u nieħu ħsiebhom bħallikieku kelli familja; ħuti qatt

ma ġew u ma sabux l-ikel lest.

Imma oħti kienet tuġżani meta nidħol tard; malli tismagħni dieħla kienet tqum, tħares lejn l-arloġġ u tgħid, "Nofs il-lejl," ma tkellimni xejn u terġa' torqod. Għadni sallum ma mmurx tajjeb magħha avolja waqaft magħha kemm stajt meta kellha bżonn. Hi iżgħar minni sentejn imma dejjem kienet l-aktar waħda brikkuna; per eżempju, meta konna żgħar in-nanna kienet tagħtina tliet soldi biex nixtru pasta; jien kont nixtri tiegħi u nagħtiha nofsha, hija jagħmel l-istess u hi tkun kielet pasta sħiħa u l-flus tagħha ġġemmagħhom. Inkwiet biss iġġib kull fejn tkun; anzi issa qed tagħmel xogħol b'responabbiltà ikbar mill-ftit paga li għandha u donnha qed toqgħod.

Kont għadni kif spiċċajt l-egħrusija l-oħra u għedt li issa jiġri x'jiġri m'hu se jindaħalli ħadd. Ma' l-ieħor kien hemm il-klassi u l-flus jifirduna. Kien baqa' jiġri warajja u jiġi wara l-bieb. Darba ħriġt mid-dar tiegħi biex naħarbu għax kont naf li jekk narah kont se naqa' għalih, u mort f'ħanut. Hemmhekk rajt l-ewwel darba lil żewġi. Stħajjiltu wieħed moħħu fis-sħab imma meta stedinni biex ħoħorġu flimkien aċċettajt. Konna qisna żewġt erwieħ mitlufin iktar minn kull ħaġa oħra.

Hu kien qed jistudja wkoll u meta resqu l-eżamijiet iddeċidejt li jkun aħjar jekk naqta' minn miegħu. Darba, wara ftit taż-żmien, ġie jċempel il-bieb, kont id-dar t'ommi. Malli rajtu għedtlu, "Min bagħat għalik u x'ġejt tagħmel?" Ommi wissietni biex ma noqgħodx nitpastaż u niġġieled quddiem id-dar għax ma riditniex nagħmel stejjer u nsemma' 'l-ġirien, u ħriġt miegħu. Imbagħad bqajna noħorġu flimkien. Sadattant komplejt bil-kors tiegħi. Bdejt nibża' noqgħod waħdi d-dar minħabba l-ieħor. Ma kellix entużjażmu għaż-żwieġ. Hu xtara dar u żżewwiġna. Ma xtaqtx tfal mill-bidu imma nqabdt ma' l-ewwel bis-*safe period* u disa' xhur wara kelli l-ewwel tarbija.

Il-familja tiegħu ħabbewni daqs binthom imma ommu riditni nieqaf u ma nkomplix nistudja meta kien se jkolli t-tarbija. Irreżistejtha u komplejt. Dejjem xtaqt li jkolli t-tfal, biss qatt ma ridt niżżewweġ u niddependi minn xi ħadd biex iġibli hu; irrid inġib jien. Inzerta li ż-żmien biex inwelled it-tarbija kien jagħlaqli ma' xi eżamijiet importanti. Ressquli d-dati kemm setgħu u biex ma nitlifx iċ-ċans kelli nidħol l-isptar ftit qabel biex jibdewni. Ħassejtha iebsa meta kelli ninfired għal xi żmien minn mat-tarbija imma mnalla lestejt l-istudji għax fil-ħajja miżżewġa tiegħi kelli nġorr il-piż finanzjarju tal-familja fuq dahri.

Domt bejn sitta u disa' xhur biss ma naħdimx. Kienet ġejja tarbija

oħra u kelli tqala tal-waħx, għax tiegħi dejjem hekk kienu. Imma dawk ix-xhur li ma ħdimtx kienu l-agħar żmien ta' ħajti.

Kull ma jmur qed nirrealizza li jekk inkunu grupp ta' professjonisti nitħaddtu, ħadd mill-irġiel ma jaħseb dwari bħala mara imma bħala professjonista daqshom. Meta l-kliem jaqa' fuq in-nisa malajr jaqbeż xi wieħed u jgħidli, "Tħarisx lejja hekk għax in-nisa mhux kollha bħalek." Imbagħad jibdew jiftħu qalbhom u jitkellmu dwar il-problemi tagħhom. Per eżempju, wieħed qal li jekk isiefer fuq xogħol u 'l mara jixtrilha xi rigal, jikkonfondi x'jaqbad iweġibha meta tistaqsih kemm nefaq għax jekk jgħidilha żewġ liri nagħmlu mod, tgħidlu serquk, jekk jgħidilha lira u nofs biex ma tgergirx, tgħidlu li nefaq ftit għaliha u ma tkunx tridu. Jew filli jkunu għamlu xi snin jarmaw id-dar u kollox ikun qiegħed f'postu u filli f'daqqa waħda jfettlilha għal xi ħaġa ġdida. Jew hu kuntent ikollu karozza komuni imma hi tkun trid il-*Mercedes´* biex turi l-*istatus* tagħhom. Jilmentaw li b'mentalità bħal dik ma jistgħux jikkomunikaw man-nisa tagħhom u dik tweġġagħhom ħafna. Nispiċċa nagħmel magħhom ix-xogħol ta' kunsilliera minbarra x-xogħol professjonali tiegħi.

Sibt li l-irġiel li jkunu ħadmu u stinkaw biex bnew lilhom infushom jaċċettaw aktar lin-nisa li tista' tgħid li huma kollha "*self made*". L-oħrajn li jkunu sabu s-sodda lesta, jew jittrattaw miegħek b'mod paternalistiku jew inkella jarawk żejda bħallikieku għax mara, mhux suppost qiegħda magħhom fil-professjoni. Insib li iktar jagħtuni l-appoġġ l-irġiel jew inkella nisa oħra li batew biex isibu posthom.

Ma sibtx il-mudell biex inlaqqa' ż-żewġt irwoli ta' professjonista u mara omm, u ċ-ċirkostanzi gegħluni nġorr il-piż tal-familja kważi kollu fuq dahri. Xi kultant nixtieq li l-affarijiet ma kinux kollha fuq spallejja għax qed jgħejjuni ħafna.

Minħabba t-trobbija moħlija li kellu, żewġi qatt ma seta' jmantni 'l-familja. Imur iġib it-tfal mill-iskola, joqgħod magħhom, u jistennieni u jiġi għalija kull fejn immur għax inħossni nervuża wisq biex insuq. Imma fix-xogħol tad-dar u fejn jidħol it-tisjir huwa zero, għand tal-growser imur, imma ħaxix, laħam u ħut jien immur nixtrihom. U dawn l-affarijiet jekk irid kapaċi jagħmilhom. It-tmexxija tad-dar ikolli nagħmilha jien.

Meta nilmenta quddiem xi rġiel li sajjart u ma kilux jew it-tfal tħammġu, jgħiduli, "Ħaqqek, inti għax sajjart, u mhux int taħsel?" F'dawn l-affarijiet għadni qed niffaċċja sitwazzjoni fejn kull mara tad-dar u omm li ma taħdimx, meta jiġi żewġha u tgħidlu ajma, mhix ikkalkulata. L-irġiel jaħsbu li x-xogħol tad-dar huwa xi ħaġa li tista' tgħaddi mingħajru; għax

dejjem isibu kollox f'postu u jleqq u l-ikel quddiemhom. Jaħsbu li kollox isir waħdu bil-bakketta maġika, jew li t-tfal isibu x'jilbsu waħidhom mingħajr ħadd ma jaħsbilhom.

Mhix soluzzjoni li tgħid ma tagħmilx ix-xogħol meħtieġ fid-dar jew mat-tfal, u dik tgħejjini għax jien, barra li rrid ngħajjex il-familja bil-professjoni tiegħi, jien ukoll mara tad-dar u omm. Minħabba l-piż tad-dar ma nistax naħdem kemm irrid u mill-flus m'aħniex komdi. Nixtieq li l-finanzi kienu aħjar għax it-tensjoni fid-dar tonqos.

Għandi erbat it-tfal u kelli tliet korrimenti wara xulxin. Xtaqt żewġt itfal u wara tliet xhur kont noħroġ tqila. Iż-żgħar iżda ġew bi żball. Xi kultant ngħid li jien u żewġi għandna problema fil-komunikattiva bejnietna. Xi kultant ngħid le, għax għal xi problemi m'hemmx soluzzjoni. Jekk il-bniedem ikun kapaċi jerfa' ftit, ma tista' qatt iġġiegħlu jerfa' iktar. U jien naċċetta li għandi salib u rrid inġorru.

Għalkemm ma nweġġgħux u hu jappoġġani f'ħafna affarijiet imma... Xi kultant nipprova nnessi lili nnifsi. Wara xi tbaqbiqa fuq xi ħaġa li tkun inqalgħet fid-dar jew bil-politika, nieħu xi żewġ grokkijiet u ma jagħmluli xejn. Jeħtieġ noqgħod attenta, iżda, għax ma rridx inżid il-problemi.

Ma nistax ma ninteressax ruħi fil-politika meta naf li l-problemi tiegħi u ta' ħafna nies fi ħdan il-familja huma ħaġa waħda mal-politika. Dawn isiru problemi tas-soċjetà u ta' l-umanità u hemm rimedju politiku għalihom. Ikun agħar għalija jekk nieqaf milli nuri interess.

Żewġi jappoġġani, anzi meta nuri x-xewqa li xbajt, jgħidli mill-ewwel li jien qatt ma ħrabt minn xejn u jagħmilli kuraġġ. Naqqast ħafna mix-xogħol minħabba l-familja għax ma stajtx inlaħħaq. Il-politika hi impenn kbir, teħodlok ħafna ħin u għalija hija wkoll piż finanzjarju għax ikolli nħallas it-tliet lirijat lill-*baby sitters* kull darba li nattendi laqgħa. Il-ħin tal-laqgħat kont qed innaqqsu mix-xogħol li bih ngħajjex il-familja. Niddiskrivi lili nnifsi bħala persuna *hyperactive*, moħħi ma nistax nikkontrollah, jaħdem mgħaġġel wisq għalija.

Insib l-appoġġ mill-partit. Ukoll min-nisa li ħdimt magħhom, iżda nħoss li hemm xi affarijiet fil-partit li għandhom jirranġaw; m'hemmx l-għaqda fost in-nisa ġewwa l-partit u dawk barra li jissimpatizzaw imma qatt ma saru jafu 'l xulxin mill-qrib, biex titqanqal diskussjoni serja dwar x'inhi l-aħjar politika biex titjieb il-qagħda tan-nisa.

Inħoss ukoll li l-kandidati nisa għandhom iżommu fuq quddiem l-*issues* tan-nisa għax jekk veru jemmnu fihom infushom bħala nisa, huma

jridu jwittu t-triq għan-nisa l-oħra għax jafu kemm huwa diffiċli. Ħafna nisa li jixtiequ jagħtu sehemhom m'għandhomx l-istess opportunità, appoġġ u kuraġġ biex jersqu 'l quddiem fil-politika. Għalhekk in-numru ta' nisa li joħorġu għall-politika huwa mill-inqas.

Kieku kelli l-familja tiegħi miegħi ma kontx negħja daqshekk imma xorta jibqa' l-fatt li l-opportunitajiet għan-nisa mhumiex qegħdin hemm. Hawn nuqqas ta' solidarjetà fost in-nisa; għadni nara wisq nisa li 'l mara oħra jkunu jridu jbiċċruha. Veru li jaf ikun hemm min hu żatat u jippretendiha iktar, fl-irġiel qiegħda hemm ukoll, imma toħroġx fil-beraħ. In-nisa juru wisq xi jħossu u għadna ma tgħallimniex it-tattiċi tal-politika.

M'għandix ambizzjonijiet u dik tefgħetni lura għax kieku kelli, illum naf xi trid biex titla' fil-parlament. Imma kif naraha jien dak li trid tagħmel biex titla' mhux dejjem jaqbel mal-mod kif għandek timxi fil-ħajja u fir-relazzjonijiet tiegħek ma' ħaddieħor. L-enerġija li nagħti fil-politika, għalkemm ma tidhirx wisq, tista' tħalli influwenza qawwija fuq dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

Waħda mid-diffikultajiet li nara biex noħroġ u nikkontesta l-elezzjonijiet għall-parlament hija fil-mod kif taħdem man-nies għall-vot. Jekk xi ħadd jiġi jgħidli bi problema jew b'aspirazzjonijiet li għandu u jien jidhirli li m'għandux raġun, m'iniex kapaċi nimxi għal għajnu biex jivvutali.

Meta żżur id-djar tinduna kemm f'ċerti nħawi għad hawn faqar, mhux il-faqar tal-flus biss. Jeżistu nies li mhumiex kapaċi jieqfu waħidhom fuq riġlejhom u jridu 'l xi ħadd iweżinhom il-ħin kollu.

Xi ħadd dan l-aħħar qalli li bdejt nidher ta' l-omm li jien. Ngħidlek imma li fil-politika l-*image* ta' omm ma jinżilx tajjeb man-nies. Ħafna nisa meta jarawk jgħidulek, "Int x'int tagħmel hemm? Hemmhekk mhux postok." L-irġiel jarawk bħala mara ta' kuraġġ.

L-*image* tajjeb għall-politika llum huwa dak li juri ebusija, stonku xieref, flus u poter. In-nies iridu jaraw quddiemhom lil xi ħadd aħjar minnhom, xi ħadd li jurihom li se jkun suċċess. Imma jien nemmen li l-politikant għandu jkun bniedem uman, tolleranti u li jagħraf id-debbulizzi tal-bnedmin. Trid tħalli dawn id-debbulizzi jweġġgħuk sakemm fl-aħħar tasal biex taċċettahom. Imbagħad jew iddaħħalha f'rasek li trid tgħinhom jew inkella tagħtihom dahrek u twarrabhom. M'hemmx triq oħra.

Nixtieq li kelli iktar ħin għat-tfal avolja nagħtihom kull ħin li jkolli. M'għandix ambizzjonijiet għalihom, li ngħid irridhom isiru hekk jew

hekk. Irrid narahom kuntenti, indipendenti u li jkunu kapaċi jilqgħu għall-problemi tal-ħajja.

Jien mhux dejjem inkampa ma' l-*istress* tal-ħajja u min jistaqsini kif inlaħħaq ngħidlu li nagħmel biss mill-aħjar li nista' għax jien ma nlaħħaqx. Ma ngħidx x'nixtieq lanqas għax mhux x'nixtieq jgħodd; nagħmel l-almu tiegħi skond iċ-ċirkostanzi. Nipprova biss ma nħallihomx jgħaffġuni.

Ma nafx jekk tistax tkun sodisfatta fil-ħajja. Fejn irnexxieli nagħmel dak li ridt jew li sibt ruħi fih, inħossni sodisfatta meta nqabbel ma' min għandu pożizzjet u problemi inqas minni. M'iniex waħda li naqta' qalbi u llum inħossni iktar b'saħħti.